# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Lm 0.86c / € 2

Ottubru 2007 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 62 SENA * Nru. 891

## Natura u Ambjent fi Gżiritna












## Inħarsu l-Wirt Naturali Tagħna


Qed taħseb biex tħalli
tifkira sabiħa ta'
l-għeżież tiegħek?
Julian Sultana & Co. Ltd.
jaf jaħsiblek biex twaqqaf
monument dekoruż u dejjiemi
ta' l-irħam jew tal-granit,
bi prezzijiet moderati
fuq il-qabar tal-familja tiegħek.
Meta f'Novembru
żżur iċ-ċimiterji t'Għawdex,
waqt li titlob għall-mejtin,
ara wkoll ix-xogħol sabiħ
fuq ħafna oqbra
magħmula minn
FAMILJA SULTANA
GANNI
1891-1972
ANGELA
1893-1977
DUN SALV
1918-1984
JS
Julian Sultana
& Co. Ltd.
Marsalforn Street, Xagħra, XRA 2705, Gozo.
Tel: 2155 7136 Fax: 2156 3743 Mob: 9949 3442
email: julians@vol.net.mt

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 891***
***Ottubru 2007***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail:* gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 / Lm4.30**
**Sostenitur: €15 / Lm 6.44**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Kummentarju (2) • 16
L-Intervista • 18
Forum: Il-Mara Għawdxija (3) • 20
Lenti fuq il-Ħajja • 23
Letteratura Għawdxija • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
Il-Misteru tal-Knisja (7) • 28
Snajja Antiki (3) • 30
Attwalità • 32
Kotba minn Għawdex • 34
Għawdex 300 sena ilu (157) • 35
Apprezzement (1) • 36
Apprezzement (2) • 36
Passiġġata Biblika (29) • 38
Għawdex, l-Għawdxin u Jien • 40
Il-Pitkal (2) • 41
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin: Kerċem • 42
Il-Wirt Naturali ta' Għawdex • 44
Xhieda Nisranija • 46
Ħsara tat-TV • 47
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (4): Għoljiet Għawdxin • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Joe Zammit, George Scerri, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Joseph Vella, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*
**Ritratti tal-Qoxra:** *Ħajr lil Joseph J.P. Zammit.*




# *Omaġġ lil Salvu Zerafa: Wieħed minn Ħafna*

*Jien ma kontx nafu lil Salvu Zerafa, missier ta' disgħa u erbgħin sena minn Għajnsielem...u lanqas nafu issa. Imma Salvu kellu post fil-punti ewlenin ta' l-aħbarijiet lokali ta' l-10 ta' Awissu. Ir-rapport kien jgħid li Salvu miet wara li salva lil uliedu mill-għarqa meta nħakmu fil-baħar jobrom waqt li kienu jgħumu fir-Ramla l-Ħamra. L-aħħar għemil ta' Salvu Zerafa kien att erojku ta' missier.*

*Huma ħafna fostna dawk il-missirijiet li mhux imutu, imma jgħixu ħajja erojka għal uliedhom u għall-familja tagħhom. Dawn ukoll jagħtu ħajjithom biċ-ċaħda tagħhom infushom fis-sagrifiċċju kwotidjan għal uliedhom, xi minn daqqiet ukoll bi sfida qaddisa għall-ingratitudnijiet. Kuljum, għal snin u snin u snin, jgħidu b'għemilhom, fis-sagrament tagħhom għall-familja, "dan hu ġismi, u dan hu demmi". Naturalment, il-familja minn żmien għal żmien, ikollha t-taħbit u l-inkwiet tagħha, minn barra u minn ġewwa, iżda mmexxiha minn missirijiet...u ommijiet fil-perspettiva nisranija, l-inkwiet ma jinħaliex. U Salvu, fil-mewt erojka tiegħu ħabta u sabta, jissimbolizza lil dawn il-missirijiet ukoll.*

*Il-paternità, bil-att ġenerattiv u bil-proċess edukattiv tagħha, hija l-aktar ħidma importanti li raġel jista' jwettaq. Din l-importanza hija ngastata fix-xenarju aktar wiesa' ta' l-importanza tal-familja. L-E.T. Mons. Mario Grech tkellem dwar il-ħtieġa "urġenti li ngħaqqdu l-forzi tagħna biex ngħinu lill-familja Maltija biex ma tibqax titħassar" (ara paġna 6). Id-dekadenza soċjali qegħda timmina s-sinifikat, l-irwol u l-awtorità. Modi ġodda, u stili ta' ħajja, ħawħu s-sinifikat u bidlu l-irwol biex jadattawhom għall-egoiżmi tal-kbar, u dgħajfu l-awtorità tal-missier biex jisfruttaw lit-tfal u liż-żgħażagħ.*

*L-importanza tal-missier, fil-fażijiet kollha ta' l-iżvilupp tat-tifel u tat-tifla, tidher ċara fi 'tracer studies' li jsiru fir-realtà ħarxa tas-soċjetà moderna. L-assenza tiegħu, kemm fiżika u kemm emozzjonali, iġġib magħha r-riskju ta' nuqqas ta' maturazzjoni fil-proċess ta' soċjalizzazzjoni. Ħafna missirijiet dan illum għarfuh u qed jagħtu lil uliedhom ħin regolari u ta' kwalità – għax il-ħin ma' uliedhom iqisuh bħala investiment imprezzabbli - bl-imħabba konsistenti u bid-dixxiplina xierqa. Missirijiet għaqlin jagħmlu lil uliedhom konxji mit-twemmin tagħhom u minn dak li jistennew minnhom; jafdaw aktar fl-ispjegazzjoni u fir-raġuni milli fil-kmand mingħajr appell. Imma jissettjaw il-limiti u jżommuhom bla tlaqliq. Għandhom ikunu, aktar minn kulħadd ieħor, għalliema tal-valuri.*

*Tiltaqa' ma' missirijiet, li wliedhom illum kibru, jħarsu lura u jirriflettu kemm xtaqu li għaddew aktar ħin ma' wliedhom meta dawn kienu għadhom magħhom id-dar. Forsi għax intebħu, tard wisq, li "li tkun missier" hu l-isbaħ stat tal-ħajja. X'aktarx, wara biss dak "li tkun nannu". Victor Hugo kiteb ġabra sħiħa ta' poeżiji liż-żewġ neputijiet tiegħu, Georges u Jeanne...Iżda mbagħad, biex issir "nannu", trid qabel tkun "missier"*

**Joseph W. Psaila**




## "Kunu Ħbieb ta' l-Evanġelju"

Id-Djoċesi tagħna qed tagħżel dawn il-kelmiet ta' San Ġorġ Preca biex imexxuha matul din is-sena pastorali li qed tibda, b'xewqa li l-Kelma ta' Alla tkun tassew fiċ-ċentru ta' kull komunità nisranija. Fil-parroċċi ngħata bidu għal sena oħra ta' tagħlim u diversi attivitajiet oħrajn marbutin mal-gruppi ta' talb, formazzjoni u karità preżenti fil-komunitajiet tagħna. Fost l-oħrajn l-Isqof attenda għal quddiesa fil-parroċċa ta' Sannat li permezz tagħha ngħata bidu għal sena oħra ta' pastorali fl-istess raħal, nhar l-Erbgħa 19 ta' Settembru. L-Eċċ. Tiegħu Mario Grech kien ukoll preżenti f'żewġ oqsma tal-Museum, li flimkien ma' diversi oqsma oħrajn, bi preżenza kważi f'kull parroċċa tad-djoċesi, għandhom sehem kbir fil-katekeżi tat-tfal u ż-żgħażagħ. Nhar l-20 ta' Settembru waqt quddiesa li ppresieda fil-Museum tas-subien tax-Xewkija,





ġie imbierek artal ġdid għall-kappella ta' l-istess qasam u nhar it-30 ta' Settembru attenda għall-ftuħ uffiċjali tal-Museum il-ġdid tas-Subien ta' Kerċem.

## Laqgħa tal-kappillani

Fl-20 tax-xahar saret l-ewwel laqgħa tal-kappillani għal din is-sena li fiha kompla jiġi diskuss fost l-oħrajn il-Pjan Pastorali għal din is-sena. Għaliha kienu preżenti wkoll il-ħames arċiprieti u kappillani ġodda li ġew nominati dan l-aħħar mill-Isqof biex f'ismu jmexxu l-parroċċi afdati



f'idejhom. Dawn huma Mons Ġużepp Attard, Arċipriet tal-parroċċa tal-Katidral, Dun Nazju Borg, kappillan tal-parroċċa ta' San Lawrenz, Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Dun Ġwann Sultana, kappillan tal-parroċċa ta' Kerċem, u Dun Lino Vella, kappillan tal-parroċċa tal-Fontana. Il-kulleġġ tal-Kappillani, fi stqarrija, radd ħajr lil dawk il-membri tal-Kulleġġ li servew bħala rgħajja ta' l-erwieħ fil-parroċċi fis-snin li għaddew u għall-ministeru pastorali li wettqu b'risq il-komunitajiet parrokkjali li kienu fdati f'idejhom.

## Azzjoni Kattolika

Fl-istess ġurnata l-Isqof Grech attenda għal-laqgħa tad-Direttorju ta' l-Azzjoni Kattolika li tat bidu għas-sena soċjali 2007/08 ta' dan il-moviment. Fost affarijiet oħra li ġew diskussi, l-Isqof ma naqasx li jitkellem mal-membri preżenti dwar il-Pjan Pastorali tad-Djoċesi għal din is-sena u dwar iċ-ċentralità tal-Kelma ta' Alla fil-ħidma ta' kull moviment nisrani.

## Saċerdoti

Bħala parti mill-formazzjoni permanenti għas-saċerdoti tad-djoċesi tagħna, bejn id-9 u l-14 ta' Settembru numru ta' saċerdoti attendew irtir f'Dar Manresa mogħti minn Dun Silvano Fausti sj. L-istess predikatur, matul dawn il-ġranet, ta konferenza li għaliha kienu mistiedna s-saċerdoti u s-seminaristi kollha tad-djoċesi.

Fit-30 ta' Settembru l-Eċċ. Tiegħu Mario Grech, flimkien ma għadd sabiħ ta' saċerdoti, ippresieda l-funeral ta' Mons.




***Mons. Ġużeppi Attard,*** *Arċipriet tal-Katidral*


***Mons. Pawl Cardona,*** *Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ*


***Kan. Ġwann Sultana,*** *Kappillan ta' Kerċem*


***Dun Nazju Borg,*** *Kappillan ta' San Lawrenz*


***Dun Lino Vella,*** *Kappillan tal-Fontana*

Salv Borg fil-bażilika ta' San Ġorġ. Wara marda ta' diversi ġimgħat Dun Salv, Arċipriet Emeritus ta' l-istess parroċċa, għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar il-Ħamis 27 ta' Settembru. Fil-priedka l-Isqof qasam xi riflessjonijiet mal-ġemgħa kbira preżenti msejsa fuq is-silta mill-Evanġelju tat-tkattir tal-ħobż. Hu tkellem fost l-oħrajn dwar Kristu bħala r-ragħaj mimli kompassjoni għall-merħla tiegħu u kif din għandha tkun kwalità ċentrali fil-ħajja tal-qassis, hekk kif kienet għal Dun Salv. Il-qassis, għalkemm fil-limiti tiegħu, ikompli l-kompassjoni ta' Kristu fil-missjoni li llum jaqdi, speċjalment permezz ta' disponibbiltà sħiħa għall-merħla afdata f'idejh.



## Sena Skolastika

Matul ix-xahar ta' Settembru ngħata bidu għal sena skolastika ġdida. L-Eċċ. tiegħu Mons. Isqof żar iż-żewġ skejjel sekondarji tal-Knisja f'Għawdex, dik tal-Konservatorju għall-bniet u dik



tas-Seminarju Minuri għas-subien, nhar l-24 tax-xahar. Fiż-żewġ każi, l-Isqof iċċelebra l-Ewkaristija flimkien ma' l-istudenti u l-istaff kollu ta' l-iskola u awgura li s-sena l-ġdida tkun tassew ta' ġid fl-iżvilupp u l-maturazzjoni ta' l-istudenti ta' l-iskejjel rispettivi.

## Festi

Kienu diversi l-komunitajiet insara li ċċelebraw il-festi ad unur tal-patruni rispettivi tagħhom. Bejn is-7 u t-8 ta' Settembru l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof mexxa



translazzjoni sollenni u ippresieda l-pontifikal tal-festa ad unur ta' Marija Bambina fix-Xagħra. L-Isqof ukoll ħa sehem fil-festi tal-Madonna tal-Grazzja fil-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini ġewwa r-Rabat u fil-festa tal-komunità tan-Nazzarenu x-Xagħra nhar is-16 u t-30 ta' Settembru rispettivament. Fl-14 tax-xahar saret ukoll il-festa tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena.

## Varji

Saret quddiesa Ta' Pinu biex jitfakkar il-100 anniversarju mit-twelid tal-venerabbli Edel Quinn, Irlandiża li ta' 29 sena bdiet ħidma f'ħafna pajjiżi ta' l-Afrika sabiex jitwaqqaf u jixtered il-Leġjun ta' Marija f'dan il-kontinent. Għalkemm ta' saħħa dgħajfa, l-imħabba tagħha lejn Marija wasslitha biex taħdem bla heda biex toktor id-devozzjoni Marjana u l-ħidma fost l-aktar batuti. Hi żgur ta' mudell għal kull leġjunarju.

# *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*
# Ma nħallux it-Tħassir ikompli jikber u jinfirex



"Il-festa tat-tlugħ fis-Sema ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem tgħidilna li Alla ppermetta li l-ġisem ta' Marija ma jitħassarx fl-art. Kif fil-każ ta' Marija, Alla ntervjena biex ma sseħħx il-korruzzjoni tal-ġisem, illum jien, bħala isqof tagħkom, nitlob lil Alla biex jeħlisna mit-"taħsir" f'kull forma tiegħu u f'kull livell, inkluż fil-Knisja! Għaliex qed ngħixu f'dak li fi kliem it-teologu protestant Dietrich Bonhoffer huwa 'żmien proprju ta' *decadence* - żmien ta' taħsir.'

### *Moħħ imħassar*

Inħoss li jeżisti r-riskju li jkollna moħħ "imħassar" : jew għax ma nafux il-verità jew għax għandna għarfien deformat tal-verità. Moħħ li mgħandux għarfien ta' Dak li huwa sewwa *verum*, huwa moħħ defiċjenti. L-esperjenza wriet li l-illuminiżmu ma kienx biżżejjed biex il-bniedem jikseb il-verità. Aħna l-insara nemmnu li Kristu huwa l-verità. Għalhekk biex negħlbu dan it-taħsir, neħtieġu nkunu aktar midħla tal-Kelma ta' Alla biex hekk kif jgħid San Pawl lir-Rumani "ikollna fina l-ħsieb ta' Alla". Fil-Pjan Pastorali tas-sena li ġejja, il-Knisja f'Għawdex qed tagħmel proposti prattiċi biex insiru aktar ħbieb ta' l-Evanġelju u hekk "nifhmu aktar il-ħsieb ta' Alla."

### *Qalb imħassra*

Fostna jeżisti t-taħsir tal-qalb. Qalb li ma tħobbx, li ma tirrispettax, li hija vjolenti, li ma tittollerax u ma taħfirx, hija qalb imħassra. Nosserva li fostna hemm ċerti kitbiet u ċerti azzjonijiet li jirriflettu din il-qalb imħassra għax flok l-għaqda għemilna jġib il-firda. Għalhekk neħtieġu trasformazzjoni tal-qalb. Huwa Alla li jsawwar il-qalb tagħna u jagħmilha kapaċi li tħobb.

### *Fibra morali mħassra*

Ninnota li għandna t-taħsir tal-fibra morali bil-konsegwenza li qed ngħixu f'relattiviżmu etiku. Infakkarkom f'dak li għidna aħna l-Isqfijiet fl-Ittra Pastorali li wassalnilkom dan l-aħħar: "Mhux għaġeb li fost il-mard serju tas-soċjetà tagħna għandna skarsezza ta' dawk il-punti fermi ta' l-etika li normalment iservu ta' gwida żgura għall-oqsma tax-xogħol u l-kultura, għar-riċerka xjentifika u l-applikazzjoni terapewtika tal-kisbiet tagħha, għall-istil tal-ħajja adotta maċ-ċittadini u mill-familji, kif ukoll għall-għażliet politiċi u leġiżlattivi". Dan jiġri għax xi drabi lil Alla nemarġinawh u naslu biex nipprovaw noqtluh!

### *Tħassir spiritwali u reliġjuż*

Fostna hemm imbagħad tħassir spiritwali. Huwa fatt li x'uħud minn ħutna mexxielhom jifgaw is-sengħa ta' Alla fihom u għalhekk jidhrilhom li jistgħu jgħaddu mingħajr Alla. Hemm dawk li fittxew esperjenzi spiritwali f'reliġjonijiet jew filosofiji oħrajn. Dawn huma ta' tħassib għalina? Hemm dawk li għalkemm għamlu esperjenza spiritwali tal-Knisja Kattolika, ibatu minn tħassir reliġjuż tant illi ċerti attivitajiet u ritwali reliġjużi ta' żmienna tħassru u għalhekk tilfu l-awtentiċità spiritwali tagħhom.

### *Familji mħassra*

Dan it-tħassir kollu jolqot mhux biss lill-persuni bħala individwi imma wkoll lill-familji tagħna. Huwa urġenti li ngħaqqdu l-forzi tagħna biex ngħinu lill-familja Maltija biex ma tibqax titħassar. Il-familji stess fejn hemm taħsir jgħidulna li għandhom bżonn l-għajnuna. Jekk għandna individwi u familji mħassrin, allura dan it-tħassir ikollu rifless ukoll fl-istrutturi soċjali tagħna! Dan għandu jħassibna.

Sfortunatament anki l-ambjent naturali ta' madwarna qed jitħassar. Il-bniedem imħassar, iħassar! Kif għidna fl-Ittra Pastorali, l-ambjent huwa parti mill-patrimonju komuni u għandna dmir li niddefenduh. Il-Knisja tħeġġeġ biex l-ambjent ikun imħares.

Mhux korrett li kull darba li l-poplu ta' Alla f'pajjiżna jħoss il-bżonn li jkollu struttura biex ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għall-kult, il-Knisja tiġi kkritikata li hija għadu ambjentali. Mela lukanda, bini u proġetti oħra jistgħu jsiru, imma dar għall-irtiri, ċimiterju jew proġett biex ikun hemm aċċessibbiltà għall-Knisja, dawn ma jistgħux isiru għax hemm min jarahom bħala xi diżastru ambjentali! Lill-kollaboraturi tiegħi, il-kappillani, ngħidilhom biex meta jiġu biex jipproponu xi proġett għandhom joqogħdu għal-liġijiet tal-pajjiż u għall-istruzzjonijiet li jirċievu mill-awtoritajiet ċivili li huma mħallsa mill-flus tal-poplu biex b'sens ta' ġustizzja ma' kulħadd jaraw li ma ssirx ħsara lill-patrimonju ambjentali".

*(siltiet mill-omelija fl-okkażjoni tal-Festa ta' l-Assunta fil-Katidral ta' Għawdex)*

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Kummentarju (1)*



# *L-inġustizzji fis-soċjetà tagħna*

*minn Mons. Isqof Emeritu Nikol G. Cauchi*

**Kulħadd jaf li l-kmandamenti ta' Alla huma għaxra, iżda mhux kulħadd jaf li nistgħu nirriduċuhom għal tmienja, bħal ma huma tmienja il-beatitudni jew il-barkiet li Kristu xandar (*Mt.*5).**

Hemm rabta bejn il-kmandamenti u l-beatitudni li nistgħu nxebbhuha mar-rabta li hemm bejn il-frott u s-siġra li tipproduċih. Il-kmandamenti jirrigwardaw l-atti jew l-għemejjel tal-bniedem, li jekk ikunu jaqblu mal-liġi ta' Alla jkunu għemejjel tajbin li bihom nistgħu nimmeritaw il-premju ta' dejjem, u jekk jiksru l-liġi tal-Mulej, ikunu għemejjel moralment jew etikament ħżiena u bihom nistħoqqu l-kastig. Il-beatitudni jirrigwardaw il-mentalità u l-atteġġament li jkollu l-bniedem quddiem ċerti valuri, il-mod kif jaħsibha u t-tendenzi jew id-drawwiet li minnhom hija minsuġa l-ħajja tiegħu ta' kuljum.

Il-kmandamenti minn għaxra jsiru tmienja, jekk ngħaqqdu flimkien u nagħmlu żewġ pari, tas-sitt kmandament flimkien mad-disa' wieħed, kif ukoll tas-seba' flimkien mal-għaxar kmandament. Biex ngħidu hekk donnu Alla, li jaf kemm il-bniedem huwa miġbud għall-pjaċiri sesswali u għall-ġid materjali, u kemm dnubiet isiru minħabba dawn iż-żewġ tendenzi umani, ried li jkunu milquta b'żewġ kmandamenti għal kull waħda minnhom, kemm fejn jidħol il-valur tas-sesswalità u kemm fejn jirrigwarda l-valur tal-propjetà.



Ser nitkellem biss fuq dan ta' l-aħħar, illi jikkorrispondi għall-ewwel beatitudni: "Henjin il-foqra fl-ispirtu għax huma jaraw l'Alla", kif ukoll iż-żewġ kmandamenti "La tisraqx" u "La tixtieqx ħwejjeġ ta' l-oħrajn".

Il-bnedmin tad-dinja li qalbhom marbuta mal-ġid, jaħsbu kontinwament kif ikabbru ġidhom, b'kull mezz possibbli, bħal l-għani tal-parabbola li kabbar l-imħażen tiegħu (*Lq.*12,18) "inħott l-imħażen li għandi u nibni oħrajn ikbar u naħżen fihom il-qamħ u l-ġid kollu li għandi". Iżda n-nisrani li jrid jimxi fuq it-tagħlim ta' Kristu "lejl u nhar jaħseb fil-liġi tiegħu" (*Salm,*1).

Mingħajr ma noqogħdu nsemmu d-dettalji dwar l-inkwiet, il-komplikazzjonijiet li jidħol fihom min jinqabad f'din il-morsa u t-tormenti li jgħaffġulu qalbu, ngħidu biss li r-regħba misħuta għall-flus "*auri sacra fames*" iġġib magħha ħafna inġustizzji u toħloq diżordni fis-soċjetà. Forsi ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li din hija waħda mill-mardiet gravi li qegħda ssofri s-soċjetà Maltija u hija wkoll marda li tittieħed.

## Ksur tal-ġustizzja

Min jisraq obbligat irodd, min jagħmel ħsara bla jedd lil ħaddieħor obbligat isewwi l-ħsara li għamel. Kull ksur tal-ġustizzja kommutattiva ma jistax jinħafer jekk ma ssirx ukoll ir-restituzzjoni, jiġifieri wieħed irodd lura dak li mhux tiegħu u jħallas għad-dannu li jkun sar. Iżda barra mis-serq u d-danni fil-propjetà ta' ħaddieħor hemm ukoll xi għamliet oħra ta' inġustizzji, li sewwa nsemmu xi ftit minnhom.

L-użura hija l-abbuż ta' dawk li jitolbu għas-self ta' flus. imgħax ogħla minn dak li tippermetti l-liġi tal-pajjiż. Din il-prattika mhux biss tikser il-ġustizzja u l-preċett tal-karità tal-proxxmu, iżda hija wkoll kontravenzjoni tal-liġi ċivili, u min jinqabad, ikun suġġett għall-pwieni ħorox.

Fid-diskors tal-Udjenza Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2004, il-Papa Ġwanni Pawlu II kien wissa "La tagħmlux użura, ferita li anki fi żminijietna hija realtà li tagħmel għajb u kapaċi tifga l-ħajja tal-ħafna persuni".

Fil-*Kompendju tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja* (n.341) naqraw "Jekk hija ħaġa aċċettabli li fl-attività ekonomika u finanzjarja wieħed ifittex profitt ġust, iżda li jirrikorri għall-użura, huwa għemil ikkundannat moralment".

Iżda hemm tip ieħor ta' self, li strettament ma jistax jissejjaħ użura għaliex hu tollerat mil-liġijiet tal-pajjiż, iżda żgur li joħloq inkonvenjenti kbar għal min ikun imdejjen. Hija dik l-għamla ta' self ta' flus, għal żmien determinat, li r-rata tas-self ma tibqax dejjem l-istess kif kienet fil-bidu, iżda tvarja skond il-valur tal-flus, u għalhekk l-interessi li fil-bidu forsi jkunu moderati, u min jissellef ikun jiflaħ għalihom, bil-mod il-mod jgħolew u jsiru peżanti ħafna bħal ma ġara fil-każ tad-djun għax-xiri ta' djar li kien hemm fl-Istati Uniti ta' l-Amerika (*mortgage*).

Jiġri xi drabi, li wieħed jissellef xi flus, biex iwettaq xi proġett utli għalih, per eżempju biex jibda xi negozju, jibni xi dar fejn joqgħod, jew biex jaħseb għall-futur ta' wliedu u f'każ bħal dan is-self ikun servizz, meħtieġ u ta' ġid, basta jsir bil-għaqal kollu u jkun hemm x'jista' jagħmel tajjeb għad-dejn. Iżda, il-mentalità li ċertu nies jiddejnu għall-kapriċċi tagħhom, jew li jixtru oġġetti bin-nifs, u jirrikorru għal għamliet oħra ta' self, żgur li qegħda toħloq problemi, mhux biss finanzjarji , iżda wkoll problemi ta' stress, kriżi familjari u soċjali. Id-dejn, jagħmlu min jagħmlu, anki fuq livell nazzjonali, jew internazzjonali, mhux xi barka, jew xi ħaġa li tista' tiftaħar biha, iżda f'ċerti ċirkostanzi jista' jkun "*a necessary evil*" (ħsara li ma tistax tgħaddi mingħajrha).



**QOROB NOVEMBRU!**
**TIFKIRA U SUFFRAĠJI**
**GĦALL-MEJTIN TAGĦNA**




*Nistiednu l-qarrejja tagħna biex jieħdu sehem f'kuruna ta' talb u suffraġji lill-għeżież mejtin tagħhom, mill-Ħadd 11 ta' Novembru sas-Sibt 17 ta' Novembru, sebat'ijiem ta' Quddies u Adorazzjoni fil-Knisja ta' l-Adorazzjoni Perpetwa ta' Savina, Victoria, Għawdex. Il-quddiesa tkun fil-5.30 a.m. u l-adorazzjoni mis-6.00 a.m. sal-5.00 p.m., skond l-intenzjonijiet tagħkom.*

*Imla l-formola li ssib f'din il-ħarġa bl-intenzjonijiet tiegħek u ibgħathielna malajr fl-invilops ipprovdut (waħħal bolla ta'8ċ), mhux aktar tard mill-Ġimgħa,9 ta'Novembru, flimkien ma' offerta libera għall-ispejjeż ta' l-istampa t-tajba, b'suffraġju għall-għeżież mejtin tiegħek.*

**RAYMOND CEFAI**
***TAL-KELBA LTD.***

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Unur Prestiġjuż lill-Prof. Joseph Vella*

Fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria, nhar is-Sibt 30 ta' Ġunju, 2007, saret ċerimonja f'ġieħ il-kompożitur Joseph Vella li għadu kif ingħata l-premju internazzjonali *"Premio alla Carriera"* mir-reġjun ta' Trapani fi Sqallija bil-kollaborazzjoni tal-Muniċipat Mazzara Del Vallo. Preżenti għal din l-okkażjoni kienu diversi ħbieb, kollegi u rappreżentanti ta' tliet ċentri reliġjużi u kulturali li magħhom il-Prof. Vella ilu assoċjat għal snin twal: il-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Kor Laudate Pueri u s-Soċ. Filar. La Stella.



*Waqt iċ-ċerimonja li saret f'ġieħ il-kompożitur Joseph Vella, fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia, tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria. Jidhru mix-xellug għal-lemin Dolindo Cassar, Profs. Mro. Joseph Vella, l-Arċipriet Dr. Mons. Joseph Farrugia u Dun George Frendo.*

L-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Dr. Joseph Farrugia, feraħ lil Prof. Vella għall-unur ieħor prestiġġjuż li rnexxielu jikseb fil-karriera mużikali tiegħu. Hu qal li l-Kapitlu tal-Bażilika għandu tabilħaqq għax iħossu kburi li għal dawn l-aħħar 30 sena kellu lil Prof. Vella bħala l-*maestro di cappella.* Matul dan iż-żmien il-Prof. Vella kompla jtejjeb mhux ftit it-tradizzjonijiet mużikali tal-Bażilika mhux biss permezz tal-għadd kbir ta' servizzi u kunċerti li mexxa, imma wkoll għall-kompożizzjonijiet sbieħ li huwa għadda lill-Bażilika.

Dolindo Cassar, Segretarju tas-Soċ. Filar. La Stella u *chairman* tat-Teatru Astra, ukoll kellu kliem ta' tifħir għall-unur singulari li l-Prof. Vella għadu kif akkwista. Huwa qal li l-Prof. Vella għandu rabta intima mas-Soċ. Filar. La Stella li magħha issa ilu assoċjat għal dawn l-aħħar 37 sena. Is-sur Cassar fakkar f'uħud mis-suċċessi kbar li l-Banda La Stella kisbet f'dawn l-aħħar snin, partikolarment b'kunċerti esegwiti barra mix-xtut Maltin, fosthom dawk li saru fi Piazza Della Signoria, Firenze, Piazza Navona f'Ruma, Piazza San Marco f'Venezia, Praga, Vienna, Lugano, Toronto, Como, Adenau u bliet madwar l-Ewropa. Is-sur Cassar irrifera wkoll għall-produzzjonijiet operistiċi mtella' fit-Teatru Astra, li lkoll saru taħt id-direzzjoni għaqlija tal-Prof. Vella. Din is-sena stess ser jerġa' jkun impenjat bl-opra grandjuża *"Macbeth"* ta' Giuseppe Verdi, bis-sehem tal-Orkestra Nazzjonali u kantanti solisti internazzjonali, fosthom it-tenur Malti, Joseph Calleja, kkunsidrat bħala wieħed mill-aqwa tenuri tal-mument madwar id-dinja kollha.

Dun George Frendo, Direttur tal-Kor *"Laudate Pueri"*, tkellem dwar il-kollaborazzjoni mill-qrib li huwa għandu mal-Prof. Vella u kif tul dawn l-aħħar snin irnexxielhom itellgħu kunċerti ta' klassi, bħal ma kienu dawk tal-*Lincoln Centre*, *St. Patrick's Cathedral*, *UN Headquarters* fi New York, *St. Martin in the Fields*, *Westminster Cathedral* f'Londra u *St. Catherine's College* f'Cambridge. Minbarra dawn il-kunċerti internazzjonali, Dun George semma' wkoll diversi kunċerti lokali li saru f'Malta bis-saħħa ta' Profs. Vella u li kienu jinkludu n-*Ninth Symphony* ta' Beethoven, *Carmina Burana* ta' Orff u r-*Requiem* ta' Lloyd Webber. Dun George żied jgħid li l-"Kor Laudate Pueri" għandu għax iħossu kburi bil-kollaborazzjoni mill-qrib mal-Prof. Vella għax kien anke bis-saħħa tiegħu li l-Kor irreġistra diversi *recordings* ta' xogħlijiet rinomati Maltin.

## *Premju Qalb Ġeneruża fil-Parroċċa tan-Nadur*

Ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festi f'ġieħ San Pietru u San Pawl li jsiru fil-parroċċa tan-Nadur jingħata l-Premju Qalb Ġeneruża lil xi student jew studenta. Din is-sena dan il-premju ngħata lil Maria Pace, studenta tal-Form I li toqgħod fi Triq San Ġwann, Nadur.

Hija ġiet innominata għal dan il-premju mis-Superjura u s-soċji tal-MUSEUM Bniet tan-Nadur fejn Maria Pace tattendi regolari, iġġib ruħha tajjeb mhux biss



*Marija Pace tidher tirċievi l-premju Qalb Ġeneruża minn idejn Mons. Isqof Mario Grech. Jidhru wkoll (mix xellug għal-lemin) Dun Joshua Muscat, Mons. Martin Portelli u Mons. Joseph Cauchi*

matul din is-sena fejn tħejjiet għall-Griżma ta' l-Isqof iżda matul is-snin kollha li ilha tattendi għat-tagħlim tal-Katekiżmu. Il-Katekisti kollha li għallmuha kellhom kliem ta' tifħir għal Maria, b'mod speċjali għall-kwalitajiet sbieħ tagħha. L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju, filgħodu, fil-Knisja Bażilika, ippreżenta lil Maria bis-'Shield' li tibqa' għandha għal sena u xi premjijiet oħra, fosthom iż-żewġ volumi ta' l-istorja "In-Nadur, ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika imxebilkin fil-ħajja soċjali ta' Għawdex" kitba ta' Patri Alexander Bonnici.

## *Il-Ħamsin Anniversarju tal-MAS f'Għawdex*



*Waqt il-Konċelebrazzjoni tal-quddiesa fil-knisja ta' San Franġisk, fir-Rabat, Għawdex.*

Għaddew 50 sena mindu l-ex-Kappillan tal-Fontana, illum l-E.T. Mons Nikol Cauchi, Isqof Emeritu t'Għawdex, ta bidu għat-twaqqif ta' fergħa tal-Moviment Azzjoni Soċjali, f'Għawdex. Kien il-5 ta' Jannar 1957, jiġifieri inqas minn sentejn wara li Mons Fortunato Mizzi kien beda l-MAS f'Malta.

Biex ifakkar dan iċ-ċinkwantinarju, nhar it-Tlieta 1 ta' Mejju, 2007, Mons Isqof Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata fil-knisja ta' San Franġisk ir-Rabat. Wara, f'waħda mis-swali tal-wirjiet, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, fetħet wirja ta' ritratti bit-tifkiriet ta' l-attivitajiet soċjali tal-Moviment, fosthom ritratti li juru s-sensiela ta' taħditiet soċjali li saru fil-parroċċi kollha, korsijiet kulturali u edukattivi, bosta *seminars* fuq id-diversi aspetti tal-ħajja għawdxija u laqgħat għal diversi kategoriji ta' ħaddiema. Il-Wirja li baqgħet miftuħa sal-Ħadd 6 ta' Mejju, tbierket mill-Fundatur tal-Moviment, Mons Fortunato Mizzi.



*Sephora Gauci minn Sannat, li tattendi 'Form 4,' fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju ta' l-Isqof, fir-Rabat, Għawdex, tidher taqra l-'essay', rebbieħ, kitba ta' Diane Sultana. Jidhru wkoll mix-xellug għal-lemin l-iSpeaker Anton Tabone, il-Prof. Gwido De Marco, President Emeritu ta' Malta, il-Ministru Giovanna Debono, Dun Guzepp Sacco, il-Kav. Joe*

Tqassmu wkoll il-premjijiet ta' kompetizzjoni ta' kitba fuq suġġett soċjali dwar Għawdex, organizzata mill-Moviment f'din l-okkażjoni. Diane Sultana mir-Rabat, Għawdex li tattendi 'Form 4,' fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju ta' l-Isqof , fir-Rabat, Għawdex, ġiet fl-ewwel post bl-'essay' "Kif nista' ngħin lil pajjiżi".

Dun Ġużepp Sacco, il-Viċi President tal-Kumitat tal-M.A.S. f'Għawdex, qal lil 'Il-Ħajja f'Għawdex' illi l-Moviment jittama li jkompli jkattar l-attivitajiet tiegħu fid-diversi oqsma tal-gżira Għawdxija.

Preżenti kien hemm ukoll l-iSpeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Anton Tabone u l-E.T. il-President Emeritus il-Prof. Guido de Marco.



*Caroline Grima mir-Rabat, Għawdex tidher tirċievi l-premju mingħand il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Caroline hi waħda mill-istudenti tal-Form 4, mill-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju ta' l-Isqof, li rebħu premju fil-kompetizzjoni ta' kitba mnedija mill-MAS.*

## *Festival ta' Kant fix-Xlendi*



*Talitha Dimech tidher tkanta l-kanzunetta rebbieħa "Jien Illum", versi ta' Natasha Turner u kompożizzjoni ta' Ivan Debattista.*

Ir-raba' edizzjoni tal-*Golden Cross International Singing Festival* saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' Lulju, fil-bajja pittoreska tax-Xlendi, Għawdex. Il-Festival serva ta' attrazzjoni għall-mijiet ta' Maltin u turisti li jżuru din il-bajja f'dan iż-żmien tas-sena. Il-motto tal-festival huwa paċi u ħbiberija fil-mużika u l-arti. Jikkompetu kien hemm 19-il kanzunetta inqassmin fi tlett kategoriji.

Il-kanzunetta rebbiċħa tal-*Grand Prix* hija "Jien Illum", kantata minn Talitha Dimech kliem ta' Natasha Turner u mużika ta' Ivan Debattista. Kategorija A, fl-ewwel Post ġiet "Talenti Mżewqin" kantata minn Mattei Curmi, kliem ta' Keith Zammit u mużika ta' Ian Mallia. It-tieni post, "Bandiera Maltija" kantata minn Antoine Farrugia, kliem ta' Josephine Ebejer Grech u mużika ta' Priscilla Psaila. It-tielet post, "Share with You" kantata minn Diana Mickaela Formosa, kliem u mużika ta' Miriam Christine Warner.

Kategorija B, fl-ewwel post ,"Mis-Skiet Tiegħek" kantata minn Domenique Azzopardi kliem ta' Chris Azzopardi u mużika ta' Priscilla Psaila. It-tieni post, "Karbet l-Innoċenti" kantata minn Albertine Abela kliem ta' Sunny Aquilina u mużika ta' Domnic Cini. It-tielet post, "Ġmiel il-Ħolqien" kantata minn Jodie Farrugia, kliem tal-Kav. J. M. Attard u mużika ta' Spiro Sillato.

Kategorija C, l-ewwel post, "Dinja oħra flimkien" kantata minn Jorje Bosios kliem ta' Aimie Fenech u mużika ta' Frederick Scerri. It-tieni post, "Ilħna" kantata minn Carlos u Marie Claire, kliem ta' Rita Pace u mużika ta' Elton Zarb. It-tielet post, "Ngħixu fil-paċi" kantata minn Yanica Formosa kliem tal-Kav. J.M. Attard u mużika ta' Teddie Zammit.

Il-premju għall-aħjar interpretazzjoni intrebaħ mill-kantanta Daphne Xuereb bil-kanzunetta "Dawl li Jnemnem", kliem u mużika ta' Augusto Cardinali.

Anthony Grech, Direttur tal-festival qal lil *'The Maltese Herald'* illi l-kanzunetti kollha kienu ta' livell għoli. Fis-serata ħadet sehem il-kantanta Shannon Muscat, ir-rebbieħa tal-*Grand Prix* 2006. Bħala mistiedna kien hemm il-kantanti Gabriella, Christian u Alexia fejn anke ppreżentaw il-festival. Il-Ġurija tal-Festival kienet magħmula minn Amy Talbot, għalliema tal-mużika, teorija kif ukoll prattika, Quinton Scerri, Chief Editor ta' ESCmalta.com u Rosabelle Pavia, Sopran.

## *Wirja fotografika ta' Ġermaniż f'Għawdex*





Gerhard Steffenhagen, minn Berlin, imma residenti ġewwa Għajnsielem, bejn l-20 ta' Lulju u d-29 ta' Awissu tella' l-ewwel wirja fotografika tiegħu fl-*'Art Box Gallery of Modern Art'*, li kienet tinsab ġewwa Żeppi's Pub, fi Pjazza San Ġużepp, il-Qala.

Mindu rtira, Gerhard kellu l-opportunità li jiddedika ħinu kollu għall-passjoni tiegħu; l-fotografija. Waqt il-mixjiet twal tiegħu fil-kampanja, tul il-port, fit-trejqiet tal-irħula diversi, hu jassorbi l-kuluri tan-natura, il-ġebla, in-nies, il-bhejjem u anke bħala għaddas hu juża l-għajnejn ippratikati fid-dettall..... hu dejjem għaddej.....fuq l-art jew fil-baħar..... ifittex 'it-teżori'.

Ir-riżultat tal-iskoperta tiegħu ta' Għawdex wieħed seta' jammirah fil-25 ritratt sabiħ li kienu murija fl-espożizzjoni 'A BERLINER GOES TO GOZO'.

## *Wirja tal-Biedja u Snajja nhar Santa Marija*



*Il-President ta' Malta jidher iżur il-Wirja tal-Biedja u Snajja. Anton Mizzi, president tal-Kumitat Organizzattiv jidher jurih ix-xogħlijiet esebiti.*

Fil-Ġonna ta' Villa Rundle, Victoria, nhar it-Tlieta, 14 t'Awissu, 2007, ġiet inawgurata uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono l-Wirja tradizzjonali tal-Biedja u Snajja, li tbierket minn Mons. Isqof Mario Grech.

Imbagħad nhar Santa Marija, filgħodu, saret iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-premjijiet, ippreseduta mill-E.T. l-President tar-Repubblika ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami.

Fl-ewwel post ġie James Muscat minn Victoria, b'956 punti u ħa 73 bħala tazzi (trofej) u Lm468.95 fi flus. M'Angelo Grech minn Kerċem ġie fit-tieni post 766 punt u b'67 tazza (trofew) b'għotja wkoll ta' Lm348.05. Waqt li Luke Buttigieg mill-Munxar ġie fit-tielet post, b'375 punti u ngħata 9 tazzi flimkien ma' ċekk ta' Lm235.20.




*Il-President ta' Malta, l-E.T. Dr Edward Fenech Adami jidher jippreżenta t-Tazza Challenge u Tazza oħra lil James Muscat minn Victoria.*

Ipparteċipaw f'din il-Wirja 160 persuna li flimkien daħħlu 3,091 oġġett, fosthom fniek, tjur, sriedaq u tiġieġ, dundjani, papri, għasafar, klieb, żwiemel, frottijiet, ħxejjex, ċereali, żrieragħ, għasel, ġobon, inbid, bizzilla, rakkmu, qoton u injam. Diversi taqsimiet fosthom dawk tal-mogħoż, ngħaġ u majjal, tħallew barra minn din il-wirja, bħala prekawzjoni kontra t-tixrid tal-epidemija ta' l-ilsien u d-dwiefer. Dan in-nuqqas fil-Wirja, irrifletta fl-attendenza. Żaru l-Wirja 9,800, waqt li s-sena l-oħra, jiġifieri dik 2006, kienu żaruha 11,000. L-aktar sena li żaru l-Wirja mis-sena 1990 'l hawn kien fis-sena 2005, meta żaruha 12,050 persuna. Min-naħa l-oħra, l-aktar sena li ddaħħlu oġġetti għall-wiri, kien fis-sena 2000, meta ddaħħlu 5090 l-oġġett. Dakinhar il-parteċipanti kienu 143, li jfisser 17-il parteċipant inqas minn din is-sena.

Bħala premjijiet, din is-sena ingħataw 286 tazza u Lm1,308.30 fi flus.

Il-persuni li din is-sena ħadu sehem fil-Wirja kienu ġejjin mir-Rabat, Kerċem, Munxar, Xagħra, Xewkija, Żebbuġ,

Fontana, Qala, Nadur, Għajnsielem, Għarb, Għasri u Sannat, ilkoll f'Għawdex u minn Bormla, Qormi, Birkirkara, Mosta, B'Bugia u Msida, Malta.

Preżenti kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, Mr Speaker, Anton Tabone, Dr. Francis Agius, Segretarju Parlamentari għall-Biedja u s-Sajd, il-membri parlamentari Frederick Azzopardi (PN) u Justyne Caruana (MLP), is-Segretarju Permanenti w id-Direttur Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, is-Sinjuri Joseph Micallef u Joseph Portelli rispettivament kif ukoll Anton Mizzi, president tal-Kumitat Organizzattiv.



*Fuq u Isfel:* *Oġġetti esebiti fil-Wirja tal-Biedja u Snajja.*







## *Wirja ta' Skultura taċ-Ċeramika fir-Rabat*



*Waqt l-inawgurazzjoni tal-Wirja mill-iSpeaker Anton Tabone. Paul, l-artist, jidher fuq in-naħa tax-xellug.*

Fil-Banca Giuratale, fir-Rabat, Għawdex, bejn il-Ħamis, 9 u l-Ġimgħa 31 t'Awissu, ittellgħet wirja ta' skultura taċ-ċeramika tal-artist Paul Haber, li hu mwieled ix-Xewkija. Fil-wirja li ġiet inawgurata mill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati Anton Tabone, kien hemm fuq għoxrin biċċa xogħol.

Paul Haber għamel isem fil-qasam taċ-ċeramika kemm f'pajjiżna kif ukoll barra, fejn ix-xogħol tiegħu huwa ferm apprezzat għall-oriġinalità u l-qawwa tiegħu.

Ix-xogħol ta' Paul Haber huwa ispirat min-natura u l-ambjent ta' madwaru, speċjalment il-baħar u l-formazzjoni naturali tal-blat ta' madwar il-gżejjer Maltin. Paul huwa għaddas u l-influenza tal-ġmiel u l-kuluri ta' taħt il-baħar ma tonqosx.



*Xogħlijiet ta' Haber esebiti fil-Wirja mtella' fil-Banca Giuratale.*

Paul Haber ippreżenta biċċa xogħol tiegħu lil Kap tal-Kunsill Għawdxi għal Kultura, Kevin Sciberras, biex fil-futur issir wirja permanenti ta' xogħol kontemporanju tal-artisti li esibew ix-xogħol tal-arti tagħhom f'Għawdex. Joyce Guillaumier ippreżentat is-serata u qrat ukoll poeżija ta' Joan Haber, il-mara ta' l-artist, li ġiet ispirata mix-xogħol ta' Paul.

## *Banda minn Cornwall l-Ingilterra ġewwa Għajnsielem*

Banda minn ġewwa Cornwall l-Ingilterra, is-"*St Stythians Brass Band*", għamlet marċi u tat kunċert mużikali f'Għajnsielem. Kienet sorpriża sabiħa għall-emigranti minn diversi pajjiżi, fosthom, l-Awstralja, l-Amerika u l-Ingilterra, meta nhar il-Ġimgħa, 17 t'Awissu, hekk kif kienu ħerġin mill-knisja parrokkjali ta' Għajnsielem, wara ċelebrazzjoni ta' quddiesa mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada, ġew milqugħa mill-Banda Ingliża bid-daqq ta' marċ tradizzjonali.

Wara din is-sorpriża is-'*St Stythians Brass Band*' għamlet marċ madwar il-pjazza ta' Għajnsielem li spiċċa quddiem palk armat apposta quddiem il-knisja, fejn aktar tard il-Banda għamlet Programm Mużikali. Matul il-programm il-



*Dennis Floud (Post Horn), f'ħin minnhom, ħalla l-palk u mar ikompli jdoqq ma' sħabu, din id-darba minn fuq it-taraġ taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali, fost iċ-ċapċip tal-Għajnselmiżi.*

Banda kienet immexxija mis-Surmast tagħha Mro. Derek Johnston, u daqqet għażla ta' mużika moderna fosthom, *Cornet Rock* ta' *Philip Sparke*; *Hey Baby* ta' *B. Channel* u *Margaret Cobb*; kif ukoll *Hard Rock Allelujah* , kanzunetta tal-grupp Norveġiż *Lordi*, li rebħet il-*Eurovision* ta' l-2006. Il-Banda wkoll irnexxielha tallegra lill-udjenza numeruża permezz ta' *Solos* interessanti fosthom, *Posthorn Galop* minn *Denis Floyd* u *Ein Schnaps,* dwett minn *Denis Floyd* u *Lester Scott.* Fil-programm ġew inklużi wkoll siltiet tradizzjonali bħal, *Schneewaker* u *Proper Job*, silta li fiha l-maġġoranza tal-Bandisti urew talent kbir anke fil-kant! Il-Programm intemm permezz ta' bdil ta' rigali bejn is-Surmast Derek Johnston f'isem *St. Stythians Brass Band* u s-Sindku tal-lokalità t'Għajnsielem, Frans Cauchi, l-Arċipriet tal-Parroċċa, Dun Frankie Bajada, u Ġino Cauchi, President tal-Banda San Ġużepp. Hekk kif intemm il-Programm il-Banda flimkien mal-Partitarji li kienu qed jakkumpanjawha, ġew mistiedna mill-Arċipriet Bajada sabiex iżuru l-Knisja Arċipretali ta' Għajnsielem. Hawnhekk ma naqsux ir-ritratti ta' tifkira tal-Grupp minn Cornwall ġewwa l-knisja. Kien imiss imbagħad marċ ieħor mill-Banda ta' *St Stythians* li beda minn ħdejn il-knisja u mexa lejn it-Triq ġewwa Għajnsielem magħrufa *Ta' Fuq il-Għajn*, fejn sar *Bar-B-Que* għad unur din il-Banda mistiedna mill-Ingilterra.



*Il-Banda Ingliża St. Stythians tidher tferraħ lill-Għajnselmiżi waqt il-Programm Mużikali li tellgħet fi Pjazza l-Madonna Ta' Loreto, Għajnsielem. Jidhru wkoll b'mod prominenti Lester Scott (xellug) u Dennis Floyd (lemin), li għal xi ħin niżlu jdoqqu minn fuq il-palk ħalli jkunu qrib aktar tal-Għajnselmiżi.*



*Wendy Ainsley - (Euphonium)*

Ġewwa Għawdex il-Banda ta' *St Stythians* żaret ukoll għadd ta' postijiet ta' interess, fosthom, id-Dwejra, Ta' Pinu, u ċ-Ċittadella.

## *Abbatini Għawdxin fil-Vatikan dan is-sajf*

Il-grupp ta' abbatini għawdxin li din is-sena telgħu jagħmlu esperjenza fil-Bażilika ta' San Pietru ġewwa l-Vatikan kien iffurmat minn erba' abbatini flimkien ma' Dun Roberto Gauci u Gabriel Gauci, seminarista.



*L-Abbatini Għawdxin fil-Vatikan. Fuq: Jidhru mix-xellug għal lemin, Daniel Piscopo, l-Isqof Vittorio Lanzani li hu nkarigat mis-servizz ta' l-abbatini fil-Vatikan, u Joseph Bonnici. Isfel: Joshua Caruana u Josef Gauci.*

L-abbatini kienu Joseph Bonnici ta' 13-il sena mill-parroċċa tal-Katidral, Daniel Piscopo ta' 13-il sena mill-parroċċa ta' San Lawrenz, Joshua Caruana ta' 12-il sena li jagħti servizz fil-kappella tas-sorijiet Sależjani tar-Rabat Għawdex, u Josef Gauci ta' 11-il sena mill-parroċċa ta' Sannat. Dawn ingħaqdu ma' għaxar abbatini oħra minn Malta u ma' Dun Frans Bonnici, id-direttur ta' l-Għaqda Nazzjonali ta' l-Abbatini u li jieħu ħsieb u jorganizza din il-mawra lejn il-Vatikan. Telaq minn Malta nhar il-Ħamis 9 ta' Awissu u fl-ajruport ta' Fiumicino, il-grupp ta' l-abbatini kompla kiber billi ingħaqad miegħu grupp ta' tmien abbatini spanjoli minn diversi djoċesijiet f'Barċellona, flimkien ma' Mons. Salvador Cristau Coll, Vigarju Ġenerali tad-djoċesi ta' Terrassa f' Barċellona u Javier Hernandez, seminarista mill-istess djoċesi. B'hekk in-numru ta' l-abbatini tela' b'kollox għal 22. Din kienet l-ewwel darba li l-abbatini Maltin kellhom magħhom grupp ieħor ta' abbatini minn pajjiż differenti.

Dun Roberto Gauci qalilna li l-esperjenza li dawn l-abbatini għamlu fil-Vatikan kienet waħda mħawra ħafna. "Kienu ta' kuljum jagħtu servizz fil-bażilika ta' San Pietru billi filgħodu jgħinu l-quddies li jsir fl-istess Bażilika, jirranġaw l-artali, jixegħlu u jitfu x-xemgħa, u jirranġaw il-kalċijiet u l-impolluzzi. Wara li jlestu minn dan ix-xogħol tagħhom, dawn kienu joħorġu f'mawriet edukattivi fil-belt ta' Ruma flimkien mas-saċerdoti u s-seminaristi. X'uħud mill-postijiet li żorna flimkien kienu l-*Altare della Patria*, il-*Pantheon*, il-Kolossew, il-bażiliċi maġġuri l-oħrajn ta' Ruma, (il-Lateran, Santa Maria Maggiore, u San Paolo Fuori le Mura), il-*Musei Vaticani* u diversi knejjes u toroq fil-kapitali

Taljana. Ma setgħux jonqsu il-mawriet edukattivi fiż-*zoo* u l-*luna park* kif ukoll il-mawra li t-tfal ikunu jistennew ħafna, dik sa fuq il-koppla ta' San Pietru. Dan kollu kien imżewwaq b'laqgħa li kellna mal-Papa Benedittu XVI fl-Udjenza Ġenerali tat-22 ta' Awissu fl-awla Pawlu VI. Għalkemm il-Papa ma ltaqax magħna direttament, għaddielna messaġġ sabiħ ħafna fuq il-ħajja ta' San Girgor Nazjanzenu, semmiena bil-lingwa Ingliża u tana l-Benedizzjoni Appostolika lilna u lill-familji tagħna. Kien hemm ukoll numru sabiħ ta' ġenituri ta' dawn it-tfal, li ssieħbu magħna għal sitt ijiem.

"L-iskeda tagħna kienet tinbidel nhar ta' Ħadd, fejn barra li l-abbatini kienu jagħmlu x-xogħol li kienu s-soltu jagħmlu ta' kuljum, dawn kienu jieħdu sehem u jagħtu servizz fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, fil-Quddiesa Kantata u fit-Tieni Għasar flimkien mal-Kapitlu tal-Bażilika ta' San Pietru. L-abbatini, taħt is-sorveljanza taċ-ċerimonjier tal-Bażilika ta' San Pietru, Mons. Cesare Burgazzi, taw servizz tajjeb ħafna u qalgħu l-prosit ta' l-Arċipriet tal-Bażilika, Mons. Angelo Comastri. Dak li s-soltu nagħmlu nhar ta' Ħadd għamilnieh ukoll b'iktar sollennità nhar Santa Marija, meta imbagħad, l-Arċipriet tal-Bażilika ġie jiekol magħna filgħaxija fil-pre-seminarju San Piju X, fejn konna noqogħdu. Ta' min jinnota wkoll il-ġid li ħareġ mill-fatt li żewġ gruppi ta' abbatini minn pajjiżi differenti għexu flimkien u ħadmu flimkien għal ħmistax sħaħ. Bħalma qal xi ħadd: "Għandna ħafna affarijiet li jifirduna (fosthom il-lingwa), però għandna l-fidi li tgħaqqadna f'kollox".

"Din il-mawra ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 23 ta' Awissu bl-abbatini sodisfatti ta'dak li raw u għamlu u ta' l-esperjenza li kisbu."

## *Ħamsin Sena fil-Komunità tas-Sorijiet Dumnikani*

Nhar il-Ħadd 17 ta' Ġunju, 2007, żewġ Sorijiet Dumnikani mir-raħal tal-Għarb, Swor Mariana Mercieca u Swor Gabriella Zammit, iffestiġġjaw il-Ġublew tad-Deheb mill-Professjoni tagħhom bħala Sorijiet Dumnikani. Fil-knisja tal-Madonna ta' Pompej fir-Rabat, Għawdex, Mons. Salv Debrincat, Kanċellier tal-Kurja Djoċesana u Vigarju tad-Djoċesi għar-Reliġjużi, mexxa Konċelebrazzjoni Sollenni flimkien ma' għadd ta' saċerdoti oħra, fosthom Mons. Ġużeppi Cauchi, id-Direttur Spiritwali tal-Komunità tas-Sorijiet Dumnikani tad-Dar ta' Pompej fil-preżenza ta' familjari u ħbieb u għadd ġmielu ta' sħabhom sorijiet, mid-djar tal-Komunità Dumnikana f'Malta, fosthom il-Madre Ġenerali Swor Karmelita Borg. Il-kant kien animat mill-Kor tas-Sorijiet stess. Wara fil-kunvent sar riċeviment għal dawk kollha preżenti.


*Waqt l-offertorju. Is-Sorijiet Mariana Mercieca u Gabriella Zammit jidhru jressqu l-offerti tal-quddiesa liċ-ċelebrant, Mons. Salv Debrincat. Warajhom tidher Bernarda Zammit, oħt Swor Gabriella.*


*Swor Mariana Mercieca tidher taqsam il-cake ta' l-okkażjoni mdawra minn familjari tagħha. Fuq ix-xellug tagħha tidher il-Madre Generali Swor Karmelita Borg.*


*Flimkien mal-Madre Ġenerali. Mix-xellug għal-lemin jidhru Swor Gabriella Zammit, il-Madre Ġenerali Swor Karmelita Borg u Swor Mariana Mercieca.*


*Swor Gabriella Zammit tidher taqsam il-cake mdawra minn sħabha s-Sorijiet.*

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**RIFLESSI** **Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard**

## GĦADDEW IL-FESTI KOLLHA

Għall-grazzja t'Alla, bil-festa tal-Madonna tal-Grazzja għand l-irħieb Kappuċċini, issa nistgħu ngħidu li għaddew u tgerrbu l-festi kollha b'wiċċ il-ġid. Bdejna ma' l-aħħar ta' Mejju bil-festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar b'Kappillan ġdid u bqajna għaddejjin bla waqfien sal-Ħadd 16 ta' Settembru. Dejjem jibqa' xi tifkira għażiża xi ssir bħal ngħidu aħna l-martri San Koronatu fin-Nadur, martri ieħor ta' l-istess epoka fiż-Żebbuġ u f'Ta' Sannat, in-Nazzarenu fix-Xagħra u xi oħrajn. Imma żgur li l-Arċiprieti u l-Kappillani tagħna issa qed jieħdu n-nifs wara l-battikata li ġġib magħha kull festa. L-istess jista' jingħad għall-Monsinjur Isqof Mario Grech li dis-sena kien il-Paninġerista matul dan l-istaġun tal-festi. U qed insemmi lir-ragħajja spiritwali l-ewwel, għax il-festa hija qabel xejn okkażjoni devota, reliġjuża u għażiża - ta' l-inqas hekk għandha tkun. Il-festi esterni bil-baned, bit-tiżjin, bil-logħob tan-nar, bit-tiġrijiet tal-bhejjem u attivitajiet oħra jiġu wara u dawn qatt m'għandhom itellfu jew isiru f'xi ħin meta fil-knisja tkun għaddejja xi funzjoni.

Kollox ma' kollox kellna staġun tajjeb;dan ma jfissirx li mhemmx x'tirranġa! U mela le! Ċerta saħħa u kwantità żejda fin-nar għadek issib f'xi każi! (Kemm hu sewwa kieku xi ftit mill-flus imorru biex jgħinu xi istituzzjoni, biex inkun semmejt eżempju wieħed!) Xi ftit kummenti jew kitba "lil dawk li ma jżommux magħna" xi ftit għad hemm ukoll! Imma nemmen li fl-aħħar is-sens komun, l-imħabba, il-maturità jipprevalu.

Żgur li l-festi ġew biex jibqgħu u l-maġġor parti tal-poplu tagħna tħobbhom u dawn jistgħu jkunu wkoll ta' attrazzjoni għall-barranin, u allura għall-ekonomija tagħna. Ejjew nissuktaw nibżgħu għalihom u nkomplu nirfinawhom. U ma nirrenduhomx f'festi pagani għax-xalar biss!

## LURA LEJN L-ISKOLA

Wara l-waqfa tas-sajf, l-iskejjel qed jerġgħu jiftħu beraħ il-bibien tagħhom għal għadd kbir ta' studenti li issa jeħtieġ li jitfgħu wara spallejhom il-ġiri, il-baħar, il-festi, is-safar u d-divertiment u mill-ġdid imiddu għonqhom għax-xogħol jekk iridu tassew li jirnexxu.

Tajjeb li ngħidu li matul il-btajjel tas-sajf, it-Taqsima tax-Xogħlijiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex approfittat ruħha u daret ma' diversi skejjel għawdxin u għamlet ħilitha biex sa fejn hu possibbli, tagħtihom dehra ġdida; dan biex ma nsemmux il-proġett kbir li minnu sa jgħaddi l-Kumpless Ninu Cremona fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria.

Intant, ħafna tfal mill-Primarja issa sa jsibu ruħhom fil-Liceo, fl-iskola Sekondarja tal-Bniet, fil-Konservatorju u fis-Seminarju fejn is-sistema tat-tagħlim tinbidel kompletament u ma jibqgħux daqstant għall-kenn ta' għalliem wieħed, dejjem fl-istess klassi u f'ambjent żgħir; issa sa jitħalltu ma' iktar tfal mill-irħula kollha tagħna, jiżdiedu s-suġġetti, u l-għalliem jinbidel minn ħin għall-ieħor. Iridu joqogħdu iktar attenti issa ma' min jagħmluha u ma min jitħalltu għax fil-kwantità ssib minn kollox.

Dawk li mbagħad kienu jiffrekwentaw dawn l-iskejjel, ħafna minnhom għaddew mill-'O' levels tagħhom u sa jmorru fl-unika skola tas-6th Form li għandna f'Għawdex fejn hawnhekk ukoll is-sistema hija differenti minn dik tas-Sekondarji. Hawnhekk igawdu ċerta libertà fis-sens li ma għandhomx l-uniformi u waqt il-ħin li ma hemmx lezzjoni, jistgħu jħallu l-iskola. Jien nissuġġerilhom li jibqgħu fuq il-*premises* fejn għandhom *canteen* moderna u librerija tajba ħafna. Hawnhekk ix-xogħol sa jiżdied żgur għax matul dan il-kors ta' sentejn, iridu japprofondixxu l-istudji tagħhom biex imbagħad ikunu f'qagħda li jmorru l-Università jew l-MCAST. Iridu jkunu wkoll bil-għaqal kif jonfqu l-istipendju tagħhom biex ma jkunux ta' piż żejjed fuq il-ġenituri tagħhom.



Wara s-6th Form jibqa' pass ieħor għal min ikun irid jixtieq jaqbad karriera - kors l-Università! U hawnhekk l-istudent għawdxi jrid iħabbat wiċċu mhux biss ma' l-istudju, imma wkoll fejn sa jiekol, jorqod u jgħix matul il-kors, waqt li student bħalu fl-istess kors, li jgħix Malta, dawn il-problemi lanqas biss jaħbtu ma' moħħu. Staqsu lill-istudenti għawdxin li għaddejjin minn din l-esperjenza. Naturalment, *where there is a will, there is a way,* u ħafna kienu dawk l-Għawdxin li rnexxew u jbierku dak iż-żmien għax swielhom u swielhom sew. Tajjeb li l-istudenti tagħna ġejjin minn gżira żgħira, jidraw iqattgħu bi snienhom u jitħalltu ma' studenti maltin u barranin. Wara kollox, illum hemm futur kbir f'ħafna mill-bliet ta' l-Ewropa u xi Għawdxin ma qagħdux lura.

Bla dubju mhux kulħadd għall-Università! Allaħares! Xi wħud jiddeċiedu li jieqfu u jidħlu jaħdmu fil-banek, fiċ-Ċivil jew jiftħu xi *business* għal rashom. Kollu tajjeb. Kelma ta' l-aħħar! Minn dawn l-istudenti kollha, xi vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża ma toħroġx?! Anke l-Knisja teħtieġ żgħażagħ li jiddedikaw ħajjithom mhux għal xi karriera li tirrendi isem u flus, imma ħajja ta' dedikazzjoni għall-oħrajn. Aħsbu ftit fuq dan l-aħħar punt; mhux ta' min iwarrbu fil-ġenb jew jifga l-kuxjenza!

Intant, awguri lill-istudenti tagħna kollha kif ukoll lil tant għalliema dedikati, serji u professjonali li għalihom il-ġid ta' l-istudent jiġi l-ewwel u qabel kollox!

*Kummentarju (2)*



# Il-Ħafna Riżorsi ta' Għawdex

## Qegħdin napprezzawhom?

*kitba ta' FRANCO MASINI*

**Mhux darba jew tnejn xi ħbieb tiegħi minn barra li jiġu Għawdex għall-ewwel darba ma jkunux jistgħu jifhmu kif gzira żgħira li mhi xejn ħlief blata f'nofs il-baħar tista' tissostjeni popolazzjoni ta' 30,000 ruħ li jgħixu ħajja pjuttost tajba. Ma jistgħux jifhmu kif din il-gżira żgħira matul iż-żmien irnexxielha tibni knejjes, monumenti u binjiet oħra. Ma jistgħux jifhmu is-sors ta' tant ġid meta din l-art la għandha minerali, l-ebda materja prima u bil-biedja dejjem tiċkien.**

Verament meta toqgħod taħseb tara li fi gżiritna għandna verament riżorsi kbar. Ejja nsemmgħu ftit biss minnhom: **il-ġmiel naturali li l-kbir Alla żejjen bih lil Għawdex**, il-fdalijiet arkeoloġiċi u storiċi li għandna 'l hawn u 'l hemm u fuq kollox l-Għawdxin innifishom li jagħtu l-ħajja lil gżiritna. **In-natura ma xxaħħetx ma' Għawdex.** It-temp tajjeb kważi s-sena kollha, **il-kampanja sabiħa b'dawk l-għoljiet li jsaħħru, bil-widien pittoreski u fuq kollox b'baħar sabiħ li jdawwar lil Għawdex.** Is-seħer ta' gżiritna, li forsi ftit napprezzaw, jiġbed l-attenzjoni u l-ammirazzjoni ta' dawk li jżuruna. Kemm-il ritratt rajna f'pubblikazzjonijiet barranin, kemm il-programm televiżiv wera lil Għawdex fl-aqwa tiegħu, f'kemm il-*film* rajna t-



tieqa tad-Dwejra bi prominenza. Iżda dritt tfeġġ il-mistoqsija, kemm napprezzaw dan kollu aħna l-Għawdxin!

Jekk niġu għall-fdalijiet arkeoloġiċi u storiċi li ħallewlna missirijietna hemm ħafna x'tgħid. **Għandna l-iktar bini wieqaf antik tad-dinja. It-tempji tal-Ġgantija huma monument ta' importanza globali.** Darba smajt *lecture* tal-arkeologu David Trump u xi ħadd staqsih jekk hux veru li t-tempji tagħna huma eqdem mill-piramidi tal-Eġittu. Ir-risposta tiegħu daħħlitli f'rasi l-veru qedem tagħhom għax huwa wieġeb, li **meta nbnew il-piramidi, it-tempji tagħna kienu ġa bdew jikkrollaw.** Nerġa' nistaqsi kemm minna napprezzaw dan? Semmejt biss it-tempji. Hemm fdalijiet oħra ta' żmien ta' wara li jżejnu lil wirt artna. **Iċ-Ċittadella, it-torrijiet imxerrdin ma' Għawdex kollu, il-knejjes monumentali tagħna, il-*cart ruts*, it-triqat medjevali tal-ibliet tagħna, in-niċeċ storiċi mxerrda 'l hawn u 'l hemm, kollha jixhdu l-passat tagħna.**

It-tielet riżors li semmejna huwa l-**poplu Għawdxi, ir-riżors uman li huwa r-ruħ ta' Għawdex.** Fl-opinjoni tiegħi forsi dan huwa r-riżors l-iktar prezzjuż. Dan huwa riżors li huwa ħaj u fl-istess ħin għad li r-rata tat-twelid dejjem nieżla huwa riżors li jirrinova ruħu hekk kif il-progress li jsir jiġi rifless fih. **L-Għawdxi huwa poplu ħawtiel, bieżel u ta' l-affari tiegħu. Jaddatta ruħu għal kollox għax hu flessibbli. Jistinka kemm jiflaħ u jottjeni finalment dak li jrid.**

Meta telenka xi ftit mir-riżorsi li għandna ġo Għawdex dritt tibda taħseb li hemm bżonn li ngħożżuhom u nibżgħu għalihom. Ikun sejjer imqarraq min jaħseb li dawn ir-riżorsi huma eterni, qatt ma jispiċċaw. **B'intervent uman f'isem il-progress nistgħu nirvinaw, forsi għal dejjem, dak li n-natura żejnitna bih. Il-ksib momentarju jista' jkun ta' rovina għal dejjem tas-sbuħija naturali li Għawdex għandu.** Għalhekk hemm bżonn li ngħassu sew dak li jsebbaħ lil pajjiżna. Għax jekk jitlaq ma jerġa' jiġi qatt. Hekk ngħid ukoll għall-fdalijiet arkeoloġiċi u storiċi li għandna. l-istess isem tagħhom, fdalijiet, ġa juruk li dak li



Il-Ġgantija

fadal huma fraġili u faċli jdubu u jista' jasal żmien meta ma narawhomx iktar. **Il-wirt storiku ta'pajjiżna jgħabbina b'piż kbir, dak li nieħdu ħsiebhom u nipproteġġuhom kemm jista' jkun biex ngħadduhom lil ġenerazzjonijiet futuri jekk jista' jkun mingħajr ma jiddeterjorawx iktar milli huma llum.**

Iżda xi ngħidu għar-riżors l-iktar importanti li għandna, dak uman. Il-kisba kollettiva tal-poplu Għawdxi fis-sekli, anzi fil-millenja li għaddew, huwa ta' min jibża' għalih. Veru li kif għidna dan huwa *renewable* għax il-poplu dejjem jiżdied u min imut jagħti spazju lil min jitwieled. Iżda l-importanti li l-ksib tal-poplu għal dak li huwa progress, żvilupp uman u soċjali ma jridx jieqaf. **Hemm bżonn li dak kollu li l-poplu Għawdxi akkwista anke fuq bażi personali matul iż-żminijiet jibqa' bla mittiefes.** Jista' jkun li anke minkejja l-attenzjoni ħafna mir-riżorsi tagħna jistgħu biż-żmien jispiċċaw iżda hemm bżonn li l-akkwisti li jagħmel il-poplu Għawdxi jibqgħu bla mittiefsa. Għax dak li jridu jakkwistaw 'il quddiem l-Għawdxin irid jinbena fuq l-akkwisti tal-passat.

**Iktar apprezzament ta' dak li hemm madwarna u s-sehem ta' kull wieħed minna biex ngħożżuh u nippreżervawh biex ikun ta' ġid kbir għall-futur ta' gżiritna.**



Villa Rundle



# IĊ-ĊENTRU TA' L-UNIVERSITÀ GĦAL GĦAWDEX

## Ħmistax-il sena servizz lill-Għawdxin



*Joseph W. Psaila jintervista lil Prof. Lino Briguglio, Direttur taċ-Ċentru*

L-INTERVISTA

***It-twaqqif taċ-Ċentru ta' l-Università għal Għawdex (ĊUG) kien ġrajja importanti fl-iżvilupp edukattiv u soċjali ta' Għawdex. Minn dak inhar għaddew ħmistax-il sena. Inti, professur, lil dan iċ-Ċentru rajtu jitwieled u jitrabba. Liema sfidi kellkom tirbħu biex dak li beda, jiżviluppa fid-diversità u fil-kwalità?***




S'issa wassalna madwar 300 student biex jiksbu *degree* jew diploma. Dawn x'aktarx li ma kienux jiksbu kwalifiki bħal dawn kieku ma kienx jeżisti iċ-ĊUG. L-ikbar problema li kellna u għadu jkollna hi dik li nikkonvinċu l-fakultajiet differenti ta' l-Università biex joffru korsijiet fil-gżira ta' Għawdex. Però ma' numri ta' fakultajiet mxejna. Mhux kulħadd jieħu gost jivvjaġġa lejn Għawdex kull ġimgħa jew kull ħmistax. Sfida oħra kienet dik li niġbru numru tajjeb ta' studenti għal kull kors. Dan mhux dejjem faċli minħabba l-populazzjoni żgħira ta' Għawdex.

***Kif kien ir-respons ta' l-Għawdxin? Iċ-ĊUG jagħti wkoll servizz lil studenti minn Malta?***

Ir-respons tal-Għawdxin kien tajjeb sa ċertu punt. Jien naħseb li xi Għawdxin għadhom ma fehmux kemm hu ta' vantaġġ li jattendu għall-kors f'Għawdex stess. Huwa ta' vantaġġ kbir li persuna tagħmel kors universitarju mingħajr ma jkollha tmur Malta. Il-korsijiet offruti fiċ-ĊUG huma miftuħa wkoll għall-Maltin. Fil-fatt ġie li kellna studenti Maltin li għoġobhom jiġu Għawdex għall-kors.

***Iċ-ĊUG kemm joffri korsijiet, biex insejħilhom hekk, b'identità Għawdxija? Ikollu inizjattivi ta' koperazzjoni u komunikazzjoni ma' setturi fil-komunità?***

Wieħed mill-korsijiet b'identità Għawdxija li joffri ċ-ĊUG hu d-Diploma fl-istudji tal-



*L-ewwel grupp ta' studenti li gradwaw fil-Baċellerat tal-Arti wara li segwew kors fiċ-Centre bejn 1993 u 1998.*



Bizzilla. Barra mill-korsijiet li jwasslu għal diploma jew *degree* ta' l-Università, iċ-ĊUG joffri wkoll numru ta' korsijiet qosra kif ukoll seminars. Ħafna minn dawn il-korsijiet u seminars jittrattaw aspetti għawdxin.

***Kif inhi l-attività ta' riċerka u pubblikazzjoni fi ħdan iċ-Ċentru ta' l-Università għal Għawdex?***

Issir ħafna riċerka fiċ-ĊUG. U dan iwassal għall-pubblikazzjonijiet ta' kotba jew artikli. Iċ-ĊUG joħroġ *"The Gozo Observer"* (ippubblikat darbtejn fis-sena). Xi kotba oħrajn jinkludu '*Gozo Past and Present', 'Let's Go to Wied il-Lunzjata', 'The Impace of EU Membership on the Island Region of Gozo', 'A Focus on Gozo', 'Gozo and Its Culture', ' Tourism in Gozo'*.

***Meta qegħdin ngħixu fi żmien il-globalizzazzjoni, qegħdin l-istudenti jkollhom opportunitajiet ta' kuntatt internazzjonali?***

Iċ-ĊUG jorganizza wkoll numru ta' konferenzi u *workshops* internazzjonali. Għal dawn il-konferenzi l-istudenti jkunu mħeġġa biex jattendu. F'dawn l-aħħar tliet snin, organizzajna tliet konferenzi internazzjonali b'koperazzjoni mal-*Commonwealth Secretariat*.

***Fis-sitwazzjoni ta' l-insularità ta' Għawdex, il-video conferencing kemm huwa realtà għall-istudent li jattendi ċ-ĊUG ?***



Iċ-ĊUG hu mgħammar b'sistema ta' *Video conference*. Din ġiet użata kemm-il darba, fejn *lectures* ingħataw mill-Università ta' Malta waqt li l-istudenti attendew fiċ-ĊUG. Għandna pjanijiet ukoll li din is-sistema tibda tintuża għall-korsijiet sħaħ u mhux biss għal numru ta' *lectures*.

***X'taħseb li jistgħu jkunu l-prospetti u l-isfidi taċ-ĊUG għall-futur, kemm dak qarib, kif ukoll dak aktar fil-bogħod, speċjalment minħabba l-politika li trid tagħmel lil pajjiżna ċentru ta' eċċellenza fit-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni?***

Iċ-ĊUG diġà offra korsijiet fl-IT, fosthom wieħed li wassal għal Diploma. Imma naħseb li fil-futur iċ-ĊUG għandu joffri aktar korsijiet speċjalizzati f'dan il-qasam.


**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Ħinijiet tal-ftuħ: 10.00am - 1.00pm; 6.00 - 9.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*Fl-okkażjoni tas-Sena tal-Femminilità 2007*

# "Il-Mara Għawdxija Llum Inbidlet? Għall-Aħjar jew għall-Agħar?...."

(IT-TIELET PARTI)

**Dan huwa s-suġġett ta' Forum li fih ħadu sehem xi nisa Għawdxin. F'din il-ħarġa tar-rivista l-qarrejja jistgħu jsegwu tlieta oħra minn serje ta' kontribuzzjonijiet li waslulna dwar is-suġġett. Nirringrazzjaw lill-għaxar nisa Għawdxin li ħadu sehem f'dan il-forum.**

## Maria Attard



Meta qegħdin nirreferu għall-mara Għawdxija qegħdin nitkellmu minn persuna li tgħix f'ambjent partikolari li hu Għawdex, gżira żgħira, f'kultura partikolari u b'identità partikolari, bi tradizzjoni reliġjuża mill-iżjed antika, li tmur lura sal-Ġgantija, fejn omm il-fertilità hi figura dominanti, u bi tradizzjoni nisranija ta' elfejn sena, li tinħass sa l-għeruq tal-ħajja ta' kuljum.

Il-kultura hi suġġetta għat-tibdil peress li hi influwenzata mill-progress u l-kisbiet li jagħmel il-bniedem - progress fil-ħsieb, fit-teknoloġija, fix-xjenza u f'oqsma oħra. Il-kultura tagħti nifs ġdid lill-identità tas-seklu, tagħmilha attwali. L-identità tal-mara Għawdxija tispikka fil-bżulija, fil-kreattività tagħha, fid-determinazzjoni tagħha, fis-sens matern qawwi, u fl-ispirtu reliġjuż tagħha. Din l-identità għadha tispikka u tidher l-aktar f'dawk in-nisa li jridu jmorru Malta kuljum għax-xogħol, għall-istudju, għall-kura. Tidher f'dawk in-nisa li minn kmieni jlestu l-bżonnijiet tal-familja u jaraw minn fejn jistgħu jaqilgħu xi sold iżjed biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet tagħha. Tidher ukoll f'dawk li jduru bl-għeżież tagħhom, xjuħ jew morda. Tidher ukoll f'dawk in-nisa għarkupptejhom quddiem Ġesù Ewkaristija, li jmorru l-quddies kuljum, jew li jterrqu lejn Ta' Pinu fis-sigħat bikrin ta' filgħodu jew tard bil-lejl u f'dawk in-nisa mpennjati fl-appostolat tal-lajċi.

### *Fl-oqsma diversi tas-soċjetà*

Il-mara Għawdxija tbiddlet iva; ma jistax ikun li le, għax il-mixja tal-progress laħqet lilha wkoll. Jekk hux għall-aħjar jew għall-agħar jiddependi mill-għażliet li għamlet u li għadha tagħmel. Sa nsemmi x'uħud minnhom.

Fil-qasam ta' l-edukazzjoni għamlet passi kbar. Għandna numru kbir ta' studenti universitarji bniet li b'sagrifiċċju mhux żgħir qegħdin ikomplu l-istudji tagħhom Malta. Dan l-iskariġġ bejn il-gżejjer u ħajja 'l bogħod mill-gżira għal xi wħud kien ta' benefiċċju u apprezzaw aktar il-familja, fil-waqt li sa minn kmieni kellhom jaħsbu għal rashom. Kemm ommijiet jitilgħu Malta matul il-ġimgħa sabiex jissapportjaw lil dawn uliedhom fl-istudju tagħhom! Bi frekwenza simili, żdiedu dawk li jattendu MCAST, li jieħdu t-taħriġ mill-ITS, mill-ETC u minn entijiet privati oħra. Huma numru mhux ħażin dawk in-nisa li jmorru l-Università tat-terza età kif ukoll dawk li jattendu l-Iskola ta' l-Arti. Kienu nisa Għawdxin li reġgħu taw spinta lill-bizzilla, l-ganutell u snajja' oħra li għal xi żmien kienu kważi spiċċaw.

L-istat tal-mara fil-familja m'għadux li kien. Il-fatt li ħarġet taħdem u allura wkoll saret għajn ta' għajxien, poġġieha fuq l-istess livell tar-raġel u ma għadhiex tiddependi għal kollox minnu fejn jidħlu finanzi. Dan seta' serva ta' ġid għax bħala koppja riedu jaqsmu flimkien il-piżijiet tal-familja, it-trobbija ta' wliedhom u x-xogħol tad-dar. U flimkien qegħdin ifittxu, permezz ta' *parental skills* li hawn għatx kbir għalihom, jsawru l-edukazzjoni ta' l-ulied.

Dan jinkiseb jekk il-mara tkompli teduka ruħha. Illum, minbarra mezzi ta' edukazzjoni barra mid-dar, insibu għejjun oħra ta' tagħlim u formazzjoni. Hawn ir-radju, it-T.V. u l-Internet. Iżda jibqa' l-fatt li meta din il-formazzjoni teħodha flimkien ma' oħrajn tkun aktar sinjura għaliex hemm l-esperjenza ta' persuni oħra li qegħdin jagħmlu l-istess mixja.

Diversi nisa Għawdxin - għalkemm f'numru żgħir - huma midħla tal-politika. Żgur li f'dan il-kamp il-mara Għawdxija għadha trid tagħmel kisbiet ġodda. Dan hu rifless tal-kultura Maltija li f'ċerti oqsma r-raġel għadu aktar dominanti mill-mara. Però mbagħad, insibu diversi nisa li jmexxu intrapriżi familjari u pubbliċi.

### *Is-sehem tal-mara Għawdxija fil-Knisja*

Fil-kamp ekkleżjali, il-mara Għawdxija għadha biss fuq l-għatba. F' dak li hu volontarjat nisrani u preżenza fl-għaqdiet reliġjużi, in-numru hu konsiderevoli, iżda fejn tidħol xjenza reliġjuża tgħoddhom fuq subgħajk dawk in-nisa li għandhom xi diploma fit-teoloġija jew f'xi xjenza reliġjuża oħra. Għadha fuq ix-xefaq l-idea li mara Għawdxija tmur tistudja barra, tiggradwa u tgħallem fis-seminarju tagħna jew f'korsijiet li jsiru għal-lajċi mpennjati fil-Knisja. Hemm preżenza fil-laqgħat tal-ministeri, però nħoss li dan hu ftit wisq. Il-Knisja Għawdxija għandha bżonn nisa ppreparati biex tkun tista' twettaq pastorali addattata għal żminijietna. Il-mara Għawdxija għandu jkollha sehem fid-*decision processing* u fid-*decision taking*.

***It-theddida tal-kultura***
Nara xift qawwi fejn tidħol il-fertilità tal-mara. Nafu li l-ħajja hi mhedda u l-kultura ta' madwarna xi ftit jew wisq tinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-mara, u jekk ma jkollhiex tagħrif tajjeb u formazzjoni profonda, tista' tieħu deċiżjonijiet b'konsegwenzi negattivi permanenti. Nafu li r-rata tat-twelid fil-familji stabbli niżlet, filwaqt li tiela' ġmielha dik tat-tfajliet ommijiet. Il-koabitazzjoni wkoll qegħda ssir fenomenu ta' żmienna u wieħed irid jindirizzaha qabel ikun tard wisq.

Dan kollu hu effett tar-relattiviżmu li dieħel, jew nistgħu ngħidu, qiegħed magħna u fostna: il-mentalità li wieħed ma jimxix fuq il-valuri umani u nsara iżda jagħmel kif jaqbel lilu.

Quddiem dan kollu, jien iżda nibqa' ngħid li l-mara Għawdxija nbidlet għall-aħjar u għalkemm trid dejjem tkompli tfittex modi ġodda sabiex tiżviluppa l-ġenju li hu propju tagħha, trid tagħraf ukoll li hi dejjem dipendenti fuq Dak li ħalaqha għalih u li qalbha ma ssibx ferħ u paċi jekk mhux Fih.

# *Natalina Sultana*



Progress iġib bidla. Jimxu lanbranzetta ma' xulxin. L-għonnella ilha żmien li sparixxiet minn fuq ras il-mara Għawdxija. M'għadekx tara waħda b'nemes miżmuma bl-ikbar għożża jekk mhux ġo xi Mużew.

Dan flimkien ma' ruxxmata oħra ta' fatturi juru li l-mara Għawdxija tal-lum inbidlet sewwa mill-mara ta' l-imgħoddi. Għawdex, għalkemm hu dik it-tikka fuq il-mappa, xorta waħda f'qasir żmien inħakem mill-influwenza tal-mezzi ta' komunikazzjoni li biddlu radikalment pajjiżi bil-wisq ikbar minna. Trid jew ma tridx, ara llum, isma' għada, il-moħħ malajr jibda jgħid tiegħu: "Għaliex ma nippruvawx aħna wkoll? X'aħna inqas minn ħaddieħor?"

Issa dwar il-bidla jekk hix għall-aħjar jew għall-agħar. Mhux lakemm taqta' linja dritta. It-tajjeb jista' jagħmlu kulħadd, kullimkien u kull ħin. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għall-agħar. F'Għawdex tagħna għadha tispikka l-mara ta' ħila, bieżla, onesta, tal-ġabra u għaqlija bħal dik li jitkellem fuqha l-Ktieb tal-Proverbji.

Bħala nisa nimtlew bil-kuraġġ meta fl-Ittra Pastorali "*Kuxjenza Favur il-Mara*" li l-Isqfijiet bagħtulna fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija 2006, ifissru l-apprezzament "għal dawk in-nisa kollha illi, kieku ma jkunux preżenti fil-ħajja ta' kull wieħed, fis-soċjetà u fil-Knisja, ħajjitna kien ikollha vojt kbir". Iktar reċenti, fl-14 ta' Frar 2007, il-Papa Benedittu XVI f'udjenza ġenerali "*Is-Sehem tan-Nisa fil-bidu tal-Knisja*" tkellem dwar il-vokazzjoni tal-mara. "Il-Knisja trodd ħajr għall-manifestazzjonijiet kollha tal-ġenju tal-mara li dehru matul iż-żminijiet fil-popli u n-nazzjonijiet kollha".



Ħafna nisa Għawdxin, speċjalment ommijiet qed jgħixu ħajja ta' martirju. Ma ħaqqhomx forsi monument, meta lejl wara l-ieħor jishru fuq xi siġġu f'xi rokna sakemm uliedhom jerġgħu lura d-dar wara li jkunu qagħdu jitbaħardu sa wara ż-żerniq? Trid tkun l-imħabba, il-paċenzja u l-għaqda ntima ma' Alla li ssostni d-dgħufija u tagħti xaqq dawl lil nisa bħal dawn.

***Is-sens ta' rispett***
M'għadux iż-żmien illum li l-mara bilfors tissakkar ġo darha. Ħafna nisa Għawdxin ikomplu jistudjaw u jilħqu l-ogħla karrieri bħall-irġiel. Snin ilu qatt ma konna nisimgħu b'tabiba, avukata, inġiniera u l-bqija. Dan hu pass ta' min ifaħħru u jinkuraġġih sakemm il-mara, speċjalment dik miżżewġa, tkompli żżomm bilanċ bejn il-karriera u l-familja; iżżomm dejjem quddiem għajnejha li d-dar hi dik il-bejta sħuna fejn id-dinja kollha inkwiet tingħalaq barra u d-dinja kollha mħabba tissakkar ġewwa.

L-imma tiġi meta l-mara tibda tħossha indipendenti, trid tagħmel fattiha akkost ta' kollox u meta jonqos ir-rispett. Ta' min jistaqsi: Is-sens ta' rispett f'liema grad qiegħed fil-mara Għawdxija? Għadu dan espressjoni ta' mħabba u lealtà? Fommha mżejjen bi kliemha u lesta li b'għemilha ma tweġġa' 'l ħadd, la fil-familja u lanqas fuq ix-xogħol? Nuqqas ta' rispett hu tewmi ma' l-egoiżmu u jwassal biex il-mara taħseb biss fiha nnifisha, kif jgħid il-Malti "Aħjar fwiedi minn uliedi".

***Id-dinjità tal-mara***
Il-Papa Benedittu XVI saħaq dwar il-bżonn li biex il-mara żżomm id-dinjità tagħha m'hemmx bżonn timita lir-raġel. Hi mżejna b'qalb li taf tħobb, tifhem u tagħder. Tiżbalja jekk bi ħsibijietha, imġibitha u għemilha timita lir-raġel. Ma tridx tħalli l-kapaċità intellettwali ddgħajjef il-kapaċità ta' l-imħabba; trid tirraġuna b'qalbha iktar milli b'moħħha. Dan l-istess punt semmewh ukoll l-Isqfijiet fil-Pastorali li rreferejt għaliha qabel: "L-istess soċjetà trid tgħożż dak li hu speċifiku tal-mara u toffrilha kull possibbiltà biex tilħaq dak il-għan kburi li hija l-mara."

It-teknoloġija moderna ċekknet bil-bosta lid-dinja u l-mara Għawdxija m'għadhiex maqtugħa għaliha nnfisha. Sempliċement swiċċ jew għafsa ta' buttuna tieħdok fejn trid u twassallek ruxxmata ta' tagħrif. Rapport dwar il-ħsara tas-sesswalizzazzjoni tal-mara magħmul mill-*American Psychological Association* nistgħu ngħidu li jgħodd ukoll għat-tfajla Għawdxija. Il-mod kif il-*media* qed tpinġi lin-nisa żgħażagħ bħala sempliċi oġġett sesswali, qed ikun ta' ħsara kbira mentali u fiżika fil-bniet u t-tfajliet. Il-*magazines*, it-

televiżjoni, il-*video games* u *video* mużikali qed ikollhom effett negattiv fuq l-iżvilupp sesswali tat-tfajliet, b'nuqqas ta' kunfidenza fihom infushom, dipressjoni u diżordni ta' nutrizzjoni. L-iktar kategorija vulnerabbli hi dik tat-tfajliet żgħażagħ li jiġu maħkumin mill-*peer pressure*. Iridu bilfors jagħmlu dak li jgħidulhom sħabhom għax inkella jitwarrbu miċ-ċirku. Dawn it-talin huma ta' min iħobbhom, jgħidilhom kelma ta' ġid u jagħdirhom, u mhux ta' min jikkundannahom. Ħafna drabi huma l-kbar li jisfruttawhom billi jbattlulhom bwiethom, jgħammxulhom għajnejhom bi dwal ilellxu u jdamdmulhom moħħhom. Lil dawn it-tfajliet żgħażagħ ngħidulhom biex ma jaqtgħux qalbhom, biex ifittxu l-għajnuna jekk ikun hemm bżonn, u biex ma jibżgħux mid-dellijiet, għax dan ifisser li hemm dawl x'imkien.

Ejjew, bil-għajnuna t'Alla, fis-Sena tal-Mara 2007, inwettqu dak kollu possibbli biex tkun sena ta' riflessjoni. Dawk li jħossuhom mexjin fit-triq it-tajba bil-ħiliet u l-kisbiet tagħhom, ipoġġu jdejhom fuq il-moħriet mingħajr ma jħarsu lura. Min forsi jħoss li hemm xi ħofra , anki żgħira, li trid timtela ma jaqtax qalbu. Dejjem hemm lok għal tibdil. L-agħar għama hu dak li ma jridx jara.

Jalla l-mara Għawdxija, prudenti, onesta u meqjusa fi kliemha tkompli ssebbaħ l-ambjent ta' madwarna u tkun tassew kburija meta saħansitra dawk tas-sess oppost jaslu biex jesprimu : "DIK MARA!"

# *Josette Buttigieg*



Il-progress li mmarka t-tieni nofs tas-seklu għoxrin ħalla l-effetti tiegħu fuq kull aspett tal-ħajja u tas-soċjetà. Ma setax jonqos li ma jħallix ukoll l-effetti tiegħu fuq il-mara. Il-mara Għawdxija ta' llum inbidlet b'tali mod li diffiċli ngħarfu fiha l-mara ta' ħamsin sena ilu. Għad-domanda jekk din il-bidla kenitx għall-aħjar jew għall-agħar, ir-risposta ssibha skond kif tħares lejn il-ħajja tal-mara tul is-snin.

Illum il-mara ħadet post prominenti fis-soċjetà, post li assolutament ma kienitx tgawdi fl-imgħoddi. Narawha tokkupa pożizzjonijiet għoljin f'kull ambjent, uffiċċji, negozji, professjonijiet. Ma hemm l-ebda post magħluq għaliha. Ambjenti li qabel kienu kkunsidrati purament maskili, bħal ma huma l-inġinerija u t-teknoloġija llum huma miftuħa wkoll għall-mara. Dan seta' jseħħ mhux biss għax il-mara saret emanċipata, imma wkoll għax il-progress li sar fid-dinja tax-xjenza għamilha eħfef biex wieħed jimmaniġġa makkinarju mingħajr il-bżonn ta' saħħa fiżika eċċessiva. Għalhekk insibu nisa jaħdmu bħala inġiniera u fuq lantijiet ta' xogħol ta' kostruzzjoni. L-istess fi professjonijiet. Nisa kienu jaħdmu bħala għalliema, infirmiera, u f'numru limitat ħafna fil-mediċina. Illum naraw nisa jiggradwaw f'kull professjoni u n-numru ta' tfajliet li qegħdin jistudjaw jew li diġà ħarġu mill-università, nista' liberament ngħid, hu ekwivalenti jekk mhux għola minn dak maskili. Il-preżenza tal-mara f'ambjenti ta' xogħol rat evoluzzjoni wkoll u anke aktar wiesa fil-qasam industrijali. Numru kbir ta' nisa sew xebbiet kif ukoll miżżewġa jaħdmu f'fabbriki, lukandi, ristoranti, trasport, u hemm minnhom li huma wkoll is-sidien ta' l-azjendi li jaħdmu fihom. Saret ukoll ħaġa komuni li nisa jokkupaw postijiet ta' tmexxija fejn il-korp ta' ħaddiema jinkludi rġiel li mill-banda l-oħra ma jħossuhiex bi tqila li bħala kap tax-xogħol għandhom mara.

Naturalment il-post li tgawdi l-mara Għawdxija fis-soċjetà ġieb tibdil ieħor fl-aspett tagħha. Il-mara ta' llum għandha dehra ħafna iżjed attraenti mill-mara tal-imgħoddi. Dan jgħodd kemm għall-mod kif tilbes kif ukoll għall-mod kif iżżomm ruħha tant li fis-suq insibu ħafna prodotti li jgħinuha tagħti dehra eleganti lill-persunitha. Narawha toħroġ u tfittex żvog mill-ħajja tax-xogħol mhux biss f'divertiment li joffri Għawdex imma wkoll f'Malta. Tgħallmet tfittex li ssiefer u tgawdi l-ambjenti u l-kulturi ta' pajjiżi oħrajn. Dan kollu sar possibbli għaliha għax tgawdi dħul li rrendiha indipendenti filwaqt il-livell għoli ta' edukazzjoni li laħqet jippermettilha li tfassal u ssegwi pjan ta' ħajja għaliha nnifisha mingħajr il-bżonn assolut tal-preżenza maskili.

Kieku kellna nħarsu lejn il-mara Għawdxija minn dan il-lat biss, konna nkunu nistgħu ngħidu li t-tibdil li seħħ fiha kien għall-aħjar għax illum naraw mara li hi konfidenti fiha nnifisha. Però bħal f'kull aspett ta' progress, biex tista' tgawdi l-emanċipazzjoni tagħha, il-mara kellha tirrinunzja għal trattamenti u stili fil-ħajja li kienu jenfasizzaw il-femminilità tagħha. Jekk minn naħa kienet meqjusa bħala inferjuri għar-raġel, minn naħa oħra kienet tgawdi ċertu rispett u protezzjoni li llum kważi għebu għal kollox u trid tissielet mal-ħajja fuq l-istess livell tar-raġel. Għebet l-idea tal-mara bħala persuna fraġli. Għebet ukoll l-istampa tal-mara bħala r-reġina tad-dar. Meta ħarġet taħdem, ħadet fuq spallejha parti mir-responsabbiltà għall-manteniment tal-familja fil-waqt li ċediet parti mill-poter li kienet tgawdi fid-dar, anzi teżiġi li x-xogħol tad-dar għandu jinqasam ugwalment bejnha u bejn ir-raġel. Daħal ukoll fil-ħajja tagħha l-periklu ta' infedeltà u minkejja għeja u pressjoni ta' xogħol ġewwa u barra mid-dar, trid il-ħin kollu tistinka biex ma tippermettix li l-attenzjoni ta' żewġha ddur fuq xi ħadd ieħor, periklu li l-permissività tal-ħajja moderna tkompli dejjem taggravah. Forsi hawn min jaħseb li l-ħajja f'Għawdex hi kalma u kwieta però l-istress psikloġiku fost in-nisa Għawdxin qiegħed aktar ma jgħaddi ż-żmien jiżdied.

B'dan kollu ma jfissirx li l-mara ta' llum ma tistax tgħix kuntenta. Għalkemm kultant fost dawk li jafu l-ħajja 'l hemm minn ħamsin sena tiġi nostalġija għall-ħajja kalma u kwieta li kienu jafu, meta tħares lejn il-mara f'Għawdex tas-seklu wieħed u għoxrin tħoss li qegħda tgħix ħajja aħjar, basta tkun taf tippjana u tibbilanċja ħajjitha biex tkun tista' tgawdi dak kollu li rebħet bħala riżultat tal-progress.



LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA

# Jien, Int u l-Oħrajn



kitba ta' GEORGE N. CASSAR

**Id-dinja rota u n-nies imgħażel - hekk jgħid il-qawl malti. Ħares ftit lejn l-imgħażel, dawk il-lasti lixxi talgħuda li minn nofs ir-rota jinfirxu mad-dawra tagħha, arahom x'iduru u jagħqdu flimkien . Nistħajjilhom aħna l-bnedmin, induru u nagħqdu fit-tiġrija u l-ġlieda tal-ħajja; barra li nduru, biex jgħaxxaqhielna, mhux darba u tnejn li x-xitan iżeffinna u jdaħħalna f'xi basla.**

Nistqarr mill-bidunett li t-tixbiha li jġibilna dal-qawl, ta' l-imgħażel magħna l-bnedmin, ma tinżillix għal kollox. Ir-raġuni hija sempliċi. L-imgħażel huma lkoll daqsinsew, ma tagħrafhomx waħda mill-oħra; imma aħna l-bnedmin xort'oħra. In-natura, esperta fil-ħolqien tad-diversità, ma tafx b'monotonija; dejjem sejra żżewwaq u toħloq il-ġdid, tibda miċ-ċagħak u l-weraq u tispiċċa fina l-bnedmin. Anki fost żewġt aħwa tewmin li jinzertaw wiċċ wieħed, qishom fula maqsuma, jinbtu d-differenzi.

Smajnieha kemm-il darba l-parabbola tat-talenti: lil wieħed taħ ħamsa, lil ieħor tnejn u lit-tielet qaddej kulma taħ talent wieħed, "kull wieħed skond il-ħila tiegħu." Anki r-responsabbiltà li nerfgħu fuq spallejna jien u int u l-oħrajn ma fihiex l-istess toqol. Pereżempju, illum il-ġurnata, bejni li qed ingawdi l-pensjoni u l-kirurgu li qed jopera fl-isptar hemm baħar jaqsam. L-ikbar responsabbiltà li għandi dil-ħabta - issa li sseħibt max-Xirka tax-Xjuħ tal-Poplu - ( Din tax-xirka tibqa' bejnietna !) - hija li ndur u nixxiegħel mat-tfal tat-tfal; imma t-tabib għandu f'idejh ħajjet ħaddieħor. Id-differenza ta' bejnietna taf tkun daqs farka imma dik il-farka ssarraf ħafna.



### *Il-fus u l-buttun*

Imma la ħsilt bdejt bil-paragun mar-rota, m'iniex bi ħsiebni nwarrbu għal kollox. Ir-relazzjonijiet li jinbtu bejnietna nistgħu, iva, inxebbhuhom mal-fus u l-buttun tar-rota. Ma' kull dawra, dawn it-tnejn iħokku ma' xulxin, u biex ma jkunx hemm żaqżiq, kultant il-fus trid tidilku talinqas b'xi qatra żejt. Mingħajr **lubrikant**, x'aktarx li r-rota tibda tagħtik fastidju bil-ħsejjes li tagħmel. U x'ingħidu għalina l-bnedmin ? Sa mill-ewwel kapitlu ta' ħajjitna tibda tintiseġ kobba sħiħa ta' relazzjonijiet ma' bnedmin oħra li tibqa', tul għomorna kollu, tikber u titwessa' u xi drabi titħabbel. Naturalment, dawn ir-relazzjonijiet m'humiex dejjem intimi. Bejni u x-xufier tax-xarabank li rkibt miegħu, li forsi bilkemm għidtlu nofs ta' kelma, m'hemm ebda rabta speċjali. Imma la qegħdin f'komunità, irridu minn ħaddieħor kif ħaddieħor irid minna; għalhekk iwissuna biex noqogħdu b'seba' għajnejn ħalli ma niksruha ma' ħadd, u nidraw nifhmu 'l xulxin mhux biss bi kliemna imma anki mill-imġiba tagħna, mis-sinjali li nagħtu lil xulxin. Sempliċi ħarsa biżżejjed biex tfehimni x'qed iħoss dak li jkun; forsi li qed indejqu bi kliemi jew b'għemili.

Boloh li aħna, mhux darba u tnejn niftluha bejnietna fuq ħmerija. Wieħed qalli nofs ta' kelma żejda, nibqa' nhewden fuqha, sa ttellifni l-irqad. Wara li tiksirha ma' dak li jkun, abbli jinzerta minn ta' ġewwa, m'huwiex hekk

faċli terġa' għall-armonija ta' qabel. Tassew li xi kultant trid tħabbat wiċċek mal-brikkun u l-pastaż, mal-fonqla u l-qanżħa, ma' min hu antipatiku minn qaddisu, ma' min ibati bl-irjeħat, ma' min il-ħajja jtaqqalha b'serjetà żejda, ma' min iħobb iħaqqaqha fuq iċ-ċuċati, ma' min l-inkwiet jieklu fuq il-ħobż, ma' min m'għandux ħajta f'ilsienu u ma tistax tkellmu għax malajr ifur u jieħdok fuq demm id-dars , ma' xi pixxikalda jew pixxiplamtu, sejjaħlu li trid; hemm litanija sħiħa ta' karattri diffiċli u strambi li nammetti, m'huwiex hekk faċli li tingrana magħhom, anki jekk tagħraf tinqeda bl-ifjen lubrikant.

Ġie li l-iktar nies importanti f'ħajtek jinzertaw l-iktar nies diffiċli. Jaf ikun ħuk jew missierek, taf tkun oħtok jew ommok, li jsiru s-salib tiegħek. Jean Paul Sartre, fid-dramm tiegħu '*No Exit*', jiffoka fuq tlieta min-nies maqfula ġo salott, tlieta min-nies li jittorturaw lil xulxin sempliċement għax qegħdin flimkien. Wieħed minnhom sa jazzarda jistqarr li għalih in-nies huma infern. (T. S. Eliot fuq hekk ma qabilx: jgħid li l-infern hu inti stess). Fost l-agħar konflitti li jagħtuk ġewwa hemm dawk li jseħħu bejn l-erba' ħitan tad-dar. Nisimgħu, pereżempju, b'ġenituri li jagħmlulek żmien bil-ponta tas-sejf lejn xulxin; jgħixu taħt saqaf wieħed, iħokku ma' xulxin kuljum, imma ma jitkellmux, qishom qed jgħixu fuq żewġ pjaneti differenti. F'dal-każ, bejn il-fus u l-buttun x'aktarx li jkun ilu li trabba s-sadid.

Barra d-differenzi fil-karattri u l-burdati u t-temperamenti, hemm fatturi oħra li jistgħu jxellfu r-relazzjonijiet ta' bejnietna, jispikka fosthom il-fanatiżmu. Qed ngħixu fuq ħolqa ta' gżira; fuq il-mappa tad-dinja, Malta u Għawdex tisthajjilhom ċiċra u ġulġliena; ngħixu f'komunità ta' ftit eluf; nafu 'l xulxin bl-arblu tar-razza b'kollox; suppost qisna familja waħda. Imma sikwit nitħabblu bejnietna ħtija tal-propaganda politika li dejjem sejra, tisħon u ssaħħan l-irjus. Flok elezzjoni , waħda u tajba, kull ħames snin, - (talinqas kieku niffrankaw il-miljuni) - terz tal-popolazzjoni ta' Malta erħielna nniggżuha biex toħroġ tivvota kull sena. Il-ġamar tal-propaganda dejjem ma' saqajna; il-blu u l-aħmar, jekk mhux l-aħdar ukoll, is-sena kollha ggranfati m'għonq xulxin. Il-qiegħa tkompli tisħon bil-partiti tal-baned li jorganizzaw il-festi f'ġieħ il-qaddisin għeżież tagħna.

Nismagħhom jgħidu, tneħħi l-inkwiet, fid-dinja ma jibqa' xejn . Imma rridu nammettu li ħafna minn dan l-inkwiet li jinħoloq bejnietna nġibuh b'idejna, bil-guffaġni jew bit-tostaġni, bl-arroganza jekk mhux ukoll bl-injoranza tagħna. Bid-difetti b'kollox li għandna, ilkoll kemm aħna jaqblilna nitgħallmu napprezzaw lil xulxin u ngħixu flimkien bla 'żaqżiq', talinqas nidraw inġibu ruħna ta' nies flok ta' lpup. Kulma hemm bżonn ftit ta' lubrikant li rriferejt għalih fil-bidu. Naħseb li dan il-lubrikant l-aħjar li jiddeskrivih huwa San Pawl fl-ittra tiegħu lill-Kolossin (3, 12-14):

*"Ilbsu mela sentimenti ta'*
*ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar.*
*Aħfru 'l xulxin. U fuq kollox ilbsu l-imħabba."*


Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500




Peter's Butcher Shop
*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: 7905 5051 · Tel: 2785 5051

## *LETTERATURA GĦAWDXIJA* — *Poeżiji*

# LIL GĦAWDEX TIEGĦI

*minn* **Fr. Geoffrey G. Attard**

Għawdex tiegħi, Għawdex tiegħi,
meta mmut żgur nieħdok miegħi.

Minn Birbuba sa Binġemma
minn ġox-Xagħra għal ġol-Munxar
kollha sbieħ, widien u rħula
illi jserrpu qalb id-djar.

Tal-Lunzjata l-wied bħal ġenna
kollu raba' w ħdura w ġmiel
kull fejn tħares taħseb f'Alla
u fil-bidwi hekk ħawtiel.

Il-kampanja t'Għawdex kollu
kwadru ħaj jgħid il-ġrajjiet
ta' kemm drabi l-Mislem ħajjen
terraq qalb il-mogħdijiet.

Kull fejn tħares, tan-natura
is-sebħ tilmaħ mingħajr xkiel
xi kultant xi kamra ċkejkna
għall-irdoss fi xtiewi qliel.

Sa ma mmut jien nibqa' nħobbok
għalkemm ċkejken, sew magħruf
mal-barrani isem tajjeb
gawdejt dejjem sa mill-ġuf.

Għawdex tiegħi, Għawdex tiegħi,
meta mmut żgur nieħdok miegħi.

# "VÀ, PENSIERO" il-kor ta' l-Ebrej

(*Minn "Nabucco" mużika ta' Giuseppe Verdi, librett ta' Temistocle Solera, traduzzjoni* **Michael Grech**)

Tir o ħsiebi fuq ġwienaħ dehbin
mur u twieżen f'għaqbiet u għoljiet
fejn ifewħu serħana u melliesa
fewġiet ħelwa ta' l-art it-twelid!
Tal-Ġordan ix-xtajtiet aħseb sellem
ta' Sionne torrijiet f'stat imġarrfa...
Art Twelidi hekk sbejħa u mbiegħda!
O tifkira hekk t'għożża u fatali!

Arpa deh'b ta' għannejja profeti
maż-żafżâf għax imdendla u siekta?
il-fakriet ġewwa s-sider tkebbes
xħin tkellimna dwar żmien ta' l-imgħoddi.
Jew l-istess ta' Solima tmiss xorti
tislet daqq li fil-kiebi jġib ħasra',
jew inebbħek l-Imgħallem b'ferħ għaxqa
li bih sawwab fit-tiġrib...is-sedqa.

# TRIQAT MEJTA

*("Ħażin għat-triq li ħadd ma jimxi fiha u ebda leħen ta' bniedem ma jinstema' fiha." - Om. 28 ta' San Makarju Isqof, it-tieni lezzjoni fl-uffiċċju tal-qari ta' l-Erbgħa tal-34 ġimgħa tas-sena)*

*minn* **Marċell Mizzi**

Triqat ta' bini bil-bibien magħluqa
ta' ġewwa ġewwa u ta' barra barra.
Karozzi jġerru f'dan il-wied ta' bini.
Hemm nies ġod-djar?
Min jaf?
F'x'uħud m'hemm ħadd
 għax jidhru mill-iżdong:
 twieqi bla ħġieġ, ċappetti msadda,
 tikħil, żebgħa jitqaxxar.
Forsi hemm nies li ma jridux joħorġu,
 min jaf għadhomx ħajjin?
Din triq bla qalb bla ħajja
 ħadd ma jsellem
 ħadd ma jitkellem.
Fejnha l-mara tad-dar
 toħroġ ftit fuq il-għatba
 tkellem lill-ġara wara l-faċendi?
 jew fis-sajf fuq siġġu
 wara l-bieb għall-frisk?
 Fejn huma t-tfal jilgħabu?
Dak kien żmien ieħor,
 kollox inbidel.

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

# JEKK TASSEW TĦOBB LILL-MADONNA...

## 1 L-UBBIDJENZA TA' MARIJA

***Il-Papa Benedittu XVI fl-2006:***

Bl-IVA TIEGĦEK O Marija
Int ilqajt lil Alla
Int ftaħt it-triq għas-salvazzjoni

Għallimna fl-iskola tiegħek
kif aħna ngħidu
- Iva għar-rieda tiegħek
- Iva mingħajr tlaqliq
- Iva mingħajr skużi
- Iva biex insiru bnedmin ġodda u hekk Kristu jgħammar f'qalbna
- Iva lil Kristu, li qered il-qawwa tal-ħażen bil-qawwa ta' l-imħabba.

*(Il-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, 8 ta' Diċembru 2006)*

***Il-Papa Benedittu XVI fl-2007:***

Marija, OMM ta' l-IVA
Inti smajt lil Ġesù
U taf it-ton ta' leħnu u t-taħbit ta' qalbu.
Kewkba ta' filgħodu, kellimna Fuqu;
u għidilna dwar il-mixja tiegħek ta' fidi wara Ibnek Ġesù.

*(talba lill-Madonna ta' Loreto, 1 ta' Settembru 2007)*

## 2 MARIJA MUDELL TA' KARITÀ

"F'dawk il-ġranet, Marija qamet
u marret tħaffef lejn l-għoljiet..."
(lejn id-dar ta' Eliżabbetta - Luqa 1, 39-40)

Il-Fidi u t-Tama jwasslu
għall-Imħabba lejn il-proxxmu.

Il-valur tal-ħajja jitkejjel
mill-kwalità ta' l-imħabba.
Għidli x'imħabba għandek
u jien ngħidlek x'int.

Marija ddawwar il-ħarsa tagħna
il-qalb tagħna, l-idejn tagħna lejn il-proxxmu.
Kif għamlet Hi fid-dar ta' Eliżabbetta
u fit-tieġ ta' Kana.

Ma nistgħux ningħalqu
fiċ-ċirku dejjaq ta' l-interessi tagħna...
Is-solidarjetà tgħaqqadna
- Ma' dawk li huma qrib tagħna, il-familjari tagħna, in-nies ta' pajjiżna,
- Iżda wkoll mal-bnedmin tad-dinja kollha, nifthu qalbna lejn id-dinja universali.

L-imħabba skond il-qalb t'Alla
m'għandhiex fruntieri.

*(Il-Papa Ġwanni Pawlu II, maż-żgħażagħ f'Lourdes, 15 ta' Settembru 1983)*

## 3 MARIJA KBIRA GĦAX UMLI

***"Għax ħares lejn iċ-ċokon tal-Qaddejja tiegħu"***
(Luqa 1, 48)

Fl-Għanja tal-*Magnificat*, Marija tipproklama u tistqarr
- Li hija "ċkejkna"
- Anzi li hija "xejn" quddiem Alla u żiedet tgħid li hi "l-qaddejja" u "l-ilsira" tal-Mulej.

B'dan il-mod Marija tgħallimna żewġ veritajiet fundamentali:
- Quddiem Alla, aħna m'aħna xejn. U dan irridu nammettuh.
- Hu biss min jammetti li hu ċkejken quddiem Alla u l-bnedmin, li jkun magħżul minn Alla biex jagħmel ħwejjeġ kbar.

Marija hi l-isbaħ eżempju ta' dan. Minn għandha rridu nitgħallmu din il-lezzjoni importanti. Irridu nkunu umli
- nammettu ċ-ċkunija tagħna
- ma nippretenduhiex ta' nies akbar milli fil-fatt aħna, la quddiem Alla u lanqas quddiem il-bnedmin.

*(Il Vangelo di Maria, Mons Andrea Gemma, Editrice Rogate, Roma)*

## 4 MARIJA KOLLHA SABAR

***Il-Papa Ġwanni Pawlu II:***
"Fit-triq doloruża u fuq il-Golgota,
hemm issib lil Ommu, l-EWWEL MARTRI".

*(Angelus, 30 ta' Ottubru 1983)*

***Ħsibijiet ta' Don Alessandro Pronzato:***
Marija ma tbegħditx mis-salib,
imma kienet imħaddna miegħu.
Kif il-liedna tkun imqabbda
u mxebilka mas-siġra,
hekk Marija kienet imħaddna
mas-Salib ta' Binha.

# Dawl għall-Ħajja

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.




***Ħsieb ta' l-Arċisqof Fulton Sheen:***

Is-sejf tad-dulur għandu żewġt ixfar, u nifed

- il-qalb ta' Kristu
- il-qalb ta' Marija.

Il-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija
saru ħaġa waħda fuq il-Kalvarju
fl-ubbidjenza lejn ir-rieda t'Alla.
Il-koperazzjoni ta' Marija
kienet hekk reali u attiva
li hi "wieqfa kienet"
ħdejn is-Salib ta' Ġesù.

*(The World's First Love, p 219)*

## 5 X'JGĦALLIMNA SAN ĠORĠ PRECA FIL-"KTIEB TAL-MEZZI"

***Kif insiru ubbidjenti***

- Nimitaw lil Ġesù ubbidjenti sal-mewt - anzi sal-mewt tas-salib.
- Nikkunsidraw li l-ubbidjenza togħġob lil Alla, iżjed minn kull sagrifiċċju ieħor.

***Kif nitgħallmu l-imħabba***

- Ftakar tajjeb, li aktar ma wieħed iħobb il-proxxmu, aktar ikun iħobb lil Alla.
- Ftakar li min iħobb il-proxxmu igawdi ħajja, ferħ u paċi kbira f'qalbu.

***X'għandu wieħed jagħmel biex isir umli***

- Jaħseb li Alla jinqeda biss b'min hu umli.
- Iżomm quddiem għajnejh l-eżempju ta' Ġesù Kristu u li ried li aħna nimitawh.

***X'għandek tagħmel biex issir paċenzjuż***

- Tħares lejn l-umiltà ta' Kristu li fid-dinja għamilha ta' seftur. Ftakar li Kristu u Marija għaddew mit-triq tal-paċenzja, fost is-slaleb u d-duluri.
- Irrifletti li kull deni huwa dejjem ġid għal dawk li jfittxu lil Alla

**Talba ta' kuljum:** *Ieqaf magħna, Marija Omm ħelwa tagħna, fil-mumenti tat-tiġrib u tat-tbatija, biex nagħrfu nqaddsu tbatijietna billi nieħdu kollox bis-sabar u nidħlu f'għaqda mas-sagrifiċċju ta' Kristu.*

*(Mons. Isqof Emer. Nikol G. Cauchi)*

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (58)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IS-SEBA' PARTI)*

## IL-KNISJA, RIFLESS TAT-TRINITÀ QADDISA

Sa mill-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu, il-Missirijiet tal-Knisja, bħal San Ċiprijanu, Sant Wistin u San Ġwann Damaxxenu kienu għarfu r-relazzjoni bejn il-Knisja u t-Trinità Qaddisa. Il-Konċilju Vatikan II reġa' skopra din l-ekkleżjoloġija trinitarja. "Meta ntemmet il-ħidma li l-Missier fada lill-Iben biex (jagħmel) iwettaq fuq l-art, nhar Għid il-Ħamsin, intbagħat l-Ispirtu s-Santu, biex iqaddes bla ma qatt jehda l-Knisja, u biex hekk dawk li jemmnu jkunu jistgħu jidħlu għand il-Missier, permezz ta' Kristu fi Spirtu wieħed" (Lumen Gentium, n. 4).

Il-Knisja tesprimi l-fidi tagħha fil-misteru tas-Santissima Trinità billi tistqarr Alla wieħed, fi tliet Persuni, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. It-tliet Persuni huma Alla wieħed, għaliex kull persuna għandha l-istes natura divina, unika, u li ma tinqasamx għalhekk huma indaqs bejniethom. Il-Persuni huma wkoll realment distinti minn xulxin, għaliex il-Missier inissel l-Iben, l-Iben jitnissel mill-Missier, u l-Ispirtu s-Santu ġej mill-Missier u mill-Iben (Cfr. *Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, n. 48).

Il-Papa Pawlu VI fl-istqarrija tal-Fidi, jiġbor fi ftit kliem id-duttrina dwar dan il-misteru sublimi, li aħna nistqarru mhux biss fil-Kredu, iżda wkoll kull darba li rroddu s-sinjal tas-salib. Huwa jikteb: "Aħna nemmnu f'Alla, li jnissel minn dejjem l-Iben; fl-Iben, il-Verb ta' Alla, li hu mnissel minn dejjem u fl-Ispirtu s-Santu, Persuna mhux maħluqa li ġejja mill-Missier u mill-Iben, bħala l-imħabba tagħhom, minn dejjem".



Nafu b'dan il-misteru kbir tat-Trinità Qaddisa, mhux għax nistgħu nagħrfuh bir-raġuni tagħna, iżda għaliex ġie rrivelat lilna, minn Sidna Ġesù Kristu li għarrafna li huwa l-Iben Divin ta' Alla l-Missier, minnu mibgħut fid-dinja, biex jifdi l-bnedmin u minn għandu, jibgħat l-Ispirtu s-Santu, biex jibqa' mal-Knisja.

### *Relazzjoni tal-Knisja mat-Trinità*

Il-Knisja ġiet imsejħa xbieha jew ikona tat-Trinità Qaddisa għaliex jekk inħarsu lejha bl-għajnejn tal-fidi, fiha naraw rifless tat-Trinità, hekk li Tertuljanu wasal biex qal "Fejn hemm il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, hemm tinsab ukoll il-Knisja" (*De Bapt.*, 6.1).

Dan ix-xebh tal-Knisja mat-Trinità Qaddisa, narawh, kemm jekk nikkontemplaw it-Trinità Divina bħala misteru wieħed, għaliex hija komunità ta' Tliet Persuni, fl-unità ta' natura waħda; kemm ukoll jekk nikkunsidrawha fir-relazzjoni li l-Knisja għandha ma' kull waħda mit-Tliet Persuni Divini, il-Missier Etern, l-Iben il-waħdieni mnissel minnu u l-Ispirtu s-Santu li ġej mill-Missier u mill-Iben.

Ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li l-kawża effiċjenti ewlenija tal-Knisja hija l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, minnhom tiddependi għall-eżistenza u l-ħajja tagħha. It-Trinità hija wkoll il-kawża eżemplari tal-Knisja, difatti Kristu talab (*Ġw.*17,21) "Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħatni". Il-kawża finali jew l-għan li għalih twaqqfet il-Knisja, huwa l-glorja ta' Alla wieħed fit-Tliet Persuni.

Il-Knisja hija l-opra tat-Tliet Persuni tas-Santissma Trinità. Il-Knisja għandha l-oriġini jew bidu tagħha fil-



misteru tat-Trinità Qaddisa, għaliex il-Missier Alla jikkomunika l-ħajja divina lill-bnedmin permezz tal-missjoni tal-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Is-saltna t'Alla, li Kristu xandar u li tagħha l-Knisja "hija l-ewwel nibta u bidu" (*Lumen Gentium*, n. 5) isseħħ kompletament, meta dawk li Alla għażel, ikunu magħqudin ma' Kristu rxuxtat u igglorifikat fi ħdan it-Trinità Divina, fis-Sema. Il-komunità tal-qaddisin fil-ġenna hija mibnija fuq is-sehem li għandhom flimkien ma' Kristu mill-ħajja ta' dik il-komunità l-iktar għolja, tat-Tliet Persuni f' Alla wieħed.

Il-Knisja fuq l-art hija fil-fażi ta' tħejjija għal din il-komunità perfetta tas-Saltna t'Alla fis-Sema, għaliex il-Knisja anki f'din id-dinja, diġà hija mdaħħla f'relazzjoni mat-tliet Persuni Divini, minkejja l-limitazzjonijiet li għandha minħabba l-oskurità tal-fidi u d-difetti tal-bnedmin. Iżda l-misteru tal-Knisja, minnu nnifsu, ma jistax jiġi mistħarreġ fil-milja tiegħu, ħlief minn dawk li jaraw lil Alla, wiċċ imb wiċċ. Barra minn hekk, il-Knisja rċiviet minn għand l-Imgħallem Divin tagħha, il-missjoni u l-kmand li, bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Kristu xxandar din is-saltna, u tħabrek għall-bini tagħha.

### *Il-Knisja, komunità bħat-Trinità*

Permezz tal-magħmudija, li tingħata f'isem il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, in-nisrani jikseb dinjità ġdida ta' iben addottiv t'Alla u jsir xbieha tat-Trinità Qaddisa. Il-Knisja li hija l-komunità ta' dawk li ġew imgħammdin f'isem it-Trinità u mmarkati bis-sinjal tal-fidwa li huwa s-salib ta' Kristu, barra milli hija xbieha tal-komunjoni li hemm f'Alla wieħed fi tliet Persuni, tagħti wkoll xhieda ta' din il-komunjoni jew xirka divina.

Il-Knisja ta' Kristu, teżisti u tinżamm ħajja għax għandha fi ħdanha l-preżenza tat-Trinità Qaddisa u għalhekk tista' tissejjaħ tabilħaqq "l-ikona" tagħha. Il-Knisja, tirrappreżenta t-Trinità kemm bħala misteru ta' unità u komunjoni, kif ukoll minħabba l-mod li kull waħda mit-Tliet Persuni, tgħix fil-Knisja u tagħtiha l-ħajja.

Aħna, l-insara, marbutin flimkien bħal poplu wieħed għaliex kull wieħed minna huwa f'xirka mal-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Minn din ix-xirka qaddisa, aħna nirċievu doni spiritwali mill-aqwa, bħal ma huma t-tagħlim ta' Kristu, il-grazzja tas-sagramenti li Huwa waqqaf, u l-kariżmi ta' l-Ispirtu s-Santu. Dan il-ġid spiritwali, aħna nxandruh anki lill-oħrajn, bix-xewqa li anki huma bħalna jkollhom sehem minnu u hekk, billi aħna lkoll nipparteċipaw mill-istess għotjiet, mhux biss inkunu f'komunjoni mat-Trinità, izda anki nifformaw flimkien komunità li hija xbieha u xhieda tat-Trinità. Kif jikteb San Ġwann "Qegħdin inxandrulkom, dak li rajna u smajna, sabiex intom tissieħbu magħna u l-għaqda tagħna tkun mal-Missier, u ma' Ibnu Ġesù Kristu"(I Ġw.1,3).

Kif it-Trinità Qaddisa hija komunjoni ta' tliet persuni, hekk ukoll il-Knisja hija komunità b'ħafna membri. Mhix soċjetà jew istituzzjoni ivventata mill-bnedmin, iżda hija wkoll il-Poplu Qaddis t'Alla, il-merħla ta' Kristu. Fiha l-bniedem ma jgħix għal rasu u mifrud mill-oħrajn, iżda jsir wieħed minn fost l-aħwa u membru ta' l-istess familja, fejn bla waqfien, kulħadd jagħti u jirċievi xi ġid spiritwali u jgawdi minnu. Il-Knisja hija l-post fejn, permezz tal-grazzja t'Alla, il-bnedmin isiru aħwa. Il-Knisja hija l-preżenza ta' l-imħabba t'Alla fost il-bnedmin.

*(jissokta)*




SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



FOLKLOR GĦAWDXI

Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...



drawwiet missirijietna

© Anton F. Attard

# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tielet Parti )*

# *IL-QASAB (1)*

***Il-Pjanta tal-Qasab***

Il-pjanta tal-qasab hija komuni ħafna fil-gżejjer Maltin, l-aktar f'Għawdex fejn tikber abbundanti u selvaġġa fil-widien u fir-raba'.

Din il-pjanta tagħmel mal-familja tal-qamħ, xgħir, niġem, qamħ ir-rum, qarabocċ, ħafur, ħurtan u ħxejjex oħra bħal dawn li bl-Ingliż jissejħu "grasses". Għalhekk, il-weraq tal-qasab hu tawwali u bil-vini għat-tul, l-istess bħal tal-ħxejjex l-oħra li jiġu minnu. L-isem xjentifiku tagħha huwa *Arundo donax L.,* u bl-ingliż tissejjaħ *Giant Reed.* Hemm ukoll xitla iżgħar tal-qasab li tissejjaħ "qasab ir-riħ", li l-qasab irqiq tagħha ġieli jintuża għall-qnienec tal-ġbejtniet u għall-oqfsa. L-isem xjentifiku tagħha huwa *Arundo phragmites L.*

Iz-zokk tal-qasab hu magħmul minn ħafna ***kannoli*** mħawħin, jiġifieri battala jew vojta minn ġewwa, mifrudin minn xulxin bl-***għekiesi***. Il-għamla tonda bħal ta' kanna u l-għekiesi jagħtu s-saħħa lill-qasba hekk li, għalkemm ir-riħ jista' jonfoħ bil-qawwa kollha magħha, qatt ma jirnexxilu jqaċċatha. Minn dan il-fatt tnissel il-qawl Latin li jgħid, *Flectar non frangar*, niltewa imma le ninkiser, xi drabi addottat ukoll metaforikament bħala *motto.* Barra minn dan, oriġinarjament il-kelma "kanna" kienet tfisser qasba.

Il-qasab, bħal kull xitla oħra, jagħmel iż-żerriegħa u għalhekk isebbel. Is-sebbiela tal-qasab f'Għawdex tissejjaħ "palju".

***Fejn jikber il-Qasab***

Fil-gżira Għawdxija l-qasab jikber tista' tgħid kullimkien, imma l-aktar fil-widien u qrib in-nixxigħat ta' l-ilma ġieri.

Hekk kif wieħed jasal l-Imġarr u jaqbad tiela' lejn ir-Rabat, malli jitfa' ħarstu fil-wied (Wied il-Mostra), għandu jilmaħ maqsab sħiħ, jiġifieri qasab u qasab kullimkien, mal-wied kollu, li jikber kemm fil-qiegħ kif ukoll mal-ġnub kollhom blat. Il-qasab li jikber fin-niexef mal-blat jissejjaħ "tas-sikkan" u jaħsbu li hu ħafna aħjar minn dak li jikber fil-widien fejn hemm l-ilma.

Wied ieħor kollu qasab hu Wied Biljun bejn il-Qala u Għajnsielem. Il-ħamrija għammiela ta' dan il-wied ħadrani kollu ilma hija ideali wisq ħalli din il-pjanta toktor u tixtered. Il-qasab jikber u jixtered billi l-għeruq tiegħu jiġru taħt il-ħamrija u jtellgħu nebbiet ġdid l-istess bħalma jagħmel in-niġem, pjanta mediċinali ta' l-istess familja. Minn Wied Biljun il-qasab jibqa' nieżel ukoll sal-Wied taż-Żewwieqa.

Widien oħra miżgħuda bil-qasab huma dawk tal-Lunzjata u tax-Xlendi, fejn l-ilma jgelgel abbundanti s-sena kollha. Bħalma għidna, qasab bħal dan li jikber fejn hemm kotra kbira ta' ilma ma tantx ikun tajjeb biex bih jinħadmu oġġetti tal-qasab, iżda aktarx jużawh għat-tisqif, għall-qnienec tar-raba', u għat-tadam.

Wied ieħor fejn jikber il-qasab tas-sikkan hu dak ta' Mġarr ix-Xini li hu wied fond ħafna u mkennen bil-blat bejn ix-Xewkija u Ta' Ċenċ.

Għandna wkoll qasab f'Wied ir-Raheb (pron. Rab) u fil-Wied taż-Żejt, it-tnejn fil-punent tal-gżira, kif ukoll fil-Wied ta' Daħlet Qorrot bejn in-Nadur u l-Qala fejn jingħad li huma l-aħjar qasab biex jinħadem f'oġġetti utli għad-dar u għax-xogħol tal-biedja. Il-qasab jikber ukoll fil-widien tax-Xagħra, lejn l-inħawi ta' Għajn Barrani u l-Pergla u nħawi oħra.

***Ix-Xitla tal-Virgi jew Virgija***

F'Għawdex tikber ukoll ix-xitla tal-virgi li hi ta' razza differenti minn dik tal-qasab u b'saħħitha aktar. L-isem xjentifiku tagħha hu *Vitis agnus castus.* Din tikber ix-Xagħra, in-Nadur, il-Qala u f'widien bħall-Wied ta' Żejta ħdejn il-Belliegħa u fil-wied ta' taħt is-sies. Jingħad li l-għesieleġ ta' din ix-xitla dari kienu jinqdew bihom l-eremiti u l-patrijiet biex jissawtu bihom ħalli ma jaqgħux fid-dnub.



***Il-Ħsad tal-Qasab***

Biex ikun jista' jinħadem, il-qasab irid jinqata' f'Jannar. Għalhekk, malli jaqleb Jannar, il-bdiewa jaqtgħu l-qasab b'xi mgħażqa jew surroglu apposta. Il-qasab irid jinħasad minn wiċċ il-ħamrija fejn il-kannoli jkunu qosra ħafna u, għalhekk, jinqata' mill-ewwel bla ma tiġrilu ebda ħsara.

Dari niesna kienu jaħdmu ħafna mill-oġġetti li jkollhom bżonn mill-materja prima li jsibu madwarhom. Għalhekk, billi l-qasab u x-xitla tal-virgi jikbru abbundanti fi gżiritna, kienu jagħmlu użu kbir minnhom għal bosta affarijiet meħtieġa.

***Oġġetti maħduma bil-Qasab***

It-tfal kienu jagħmlu l-***irdieden tal-qasab*** biex jilagħbu bihom. Nofs kannol maqtugħ għat-tul, b'żewġ qatgħat skuntrati, u b'fus tal-qasab ġo fih imwaħħal ma' biċċa għuda b'musmar u erħilha ddur ***ir-raddiena tal-qasab*** li kienet il-ġugarell folkloristiku tat-tfal ta' dari.

Dari kienu wkoll iħobbu jtajru ***l-ħamiema tal-karti***. Din kienu jagħmluha minn karti kkuluriti biex tkun sabiħa. Imma l-ħamiema tal-karti ma tistax issir mingħajr il-qasab. Il-qasab użat kien ikun bħal dak tal-purtieri tal-qasab. Waħda jagħmluha qaws, dejjem skond il-wisa' tal-ħamiema minn kantuniera għall-oħra (il-ħamiema tkun sura ta' maqrud), u l-oħra għad-dahar tal-ħamiema, skond it-tul tal-ħamiema minn kantuniera għal oħra, u salib mal-ħajta tal-qaws. L-ingassa biex minnha tittajjar il-ħamiema tintrabat mis-salib tal-qaws mad-dahar u min-naħa tad-denb tal-ħamiema.

Is-sajjied jagħmel ***il-qasba tas-sajd*** minn qasab magħżul apposta. Il-qasba tas-sajd kienet issir minn tliet biċċiet. Dik il-parti li jżomm f'idejh tissejjaħ ***ir-rangu***, tan-nofs ***il-ġonta***, u tat-tarf ***il-ferħ***. Id-daqsijiet kienu jkunu differenti u jużahom skond il-ħtieġa.

In-nassab kien juża l-qasab biex minnu jagħmel xi tipi ta' ***sfafar*** bħalma huma dawk tal-pluvieri li bihom kien jimita t-tisfir ta' dawn l-għasafar, ħabbara tax-xita, li dari kienu jpassu kotrana minn fuq il-gżira Għawdxija.

Sadattant il-mara tad-dar kienet tuża qasba twila, imsejħa ***l-qasba tal-għanqbut***, biex biha tneħħi l-għanqbut li kienet tinseġ il-brimba fis-saqaf għoli tal-għorof tar-razzett.

Il-bdiewa kienu jużaw il-qasab biex bih jagħmlu ***l-frieket tal-qasab*** jew ***tad-dwieli***. Dawn kienu jkunu bħal forċini b'żewġ ponot biex fuqhom jerfgħu ż-żarġun tad-dielja ħalli l-għeneb jiddendel u hekk ma jibqax imiss ma' l-art u jitħassar.

Illum il-ġurnata l-qasab jintuża biex miegħu jixxeblek ix-xitel tat-tadam magħruf bħala *"**tadam tal-qasba**"*. Dan il-qasab jintuża għall-istess raġuni li għaliha kien jintuża fil-każ tad-dwieli.

Dari aktar mil-lum, il-bdiewa kienu jħobbu jagħmlu wkoll il-***għarix tal-bħajra***. Dan kien ikun qisu kamp magħmul mill-qasab u mix-xkejjer tal-ġuta biex minn ġo fih il-bidwi joqgħod għassa ħalli ma jisirqulux il-bettiħ u d-dulliegħ. Għarix bħal dan kien isir ukoll fil-għelieqi tad-dwieli u l-ġonna tal-frott.

Mill-qasab u mill-virgi niesna kienu jagħmlu wkoll diversi tipi ta' ***qfief, bxiekel, kannizzi, kannestri, prieter*** jew ***purtieri,*** kif ukoll ***qnieneċ***.

L-aħjar qasab għal xogħol bħal dan kienu jġibuh minn Daħlet Qorrot għax huwa mlaħħam u b'saħħtu billi, għalkemm jikber ġol-wied, ma jikbirx fl-ilma.

Iz-zkuk tax-xitla tal-virgi li tikber Għawdex jinħadmu wkoll, iżda billi l-virgi ta' barra tkun itwal, l-imgħallmin tax-xogħol tal-qasab kienu jippreferu dik ta' barra.

***It-Tixrib tal-Qasab u tal-Virgi***

Qabel jibda x-xogħol l-imgħallem kien "ixaqqaq" il-qasab u l-virgi, jiġifieri permezz ta' "ronga" jaqtagħhom fi "xquq" jew listi biex bihom jaħdem il-qfief u l-purtieri. Lista waħda tissejjaħ "xaqq".

Wara dan isir it-"tixrib". Ix-xquq tal-qasab ixxarrabhom bl-ilma dak in-nhar stess. Ix-xquq tal-virgi jitħallew jixxarrbu għal xi jiem. It-tixrib isir biex dawn jirtabu qabel ma jinħadmu ħalli jiltwew aħjar u ma jinqasmux.

Il-virgi jintużaw l-aktar għall-qigħan tal-qfief, għall-"waqqafiet" jew "waqqafat", (listi weqfin), u għad-dawra tan-nofs, kemm għat-tiżjin kif ukoll għas-saħħa. Xi qfief għal xogħol iebes tal-ġebel kienu jsiru mill-virgi biss.

Ix-xaqq tal-virgi jista' jkun bis-sew jew bil-maqlub. Meta jinħadem il-qiegħ, parti minnu tinħadem b'virga maqluba għas-saħħa u għat-tiżjin.

Ix-xquq tal-virgi u tal-qasab jiddaħħlu f'posthom permezz ta' biċċa għodda li tissejjaħ "għuda", u mbagħad it-tnietef żejda jinqatgħu permezz ta' mqass taż-żabra.

*(jissokta)*

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

ATTWALITÀ

# Is-sitwazzjoni ta' l-Impjiegi f'Għawdex



*Weħidhom, il-flus mhumiex biżżejjed biex isolvu l-problema.*

*Notamenti ta'* **Saviour Grech**

**Fix-xhur sħan tas-sena, speċjalment lejn in-nofs ix-xahar ta' Awissu, Għawdex jieħu r-ruħ. Għawdex ikun jidher fl-aqwa tiegħu.** Is-seħer tiegħu iservi bħal kalamita li tiġbed lejn Għawdex eluf ta' Maltin kif ukoll turisti. Dan l-influss kbir ta' viżitaturi jservi biex jagħti nifs lill-ekonomija tal-gżira. **Veru li l-ħajja trankwilla u kwieta li tiddomina matul il-biċċa l-kbira tas-sena tgħib u minflokha tidħol atmosfera iktar storbjuża u movimentata. Iżda dan hu l-prezz li kull sena jrid jitħallas sabiex tingħata injezzjoni lin-negozji Għawdxin.** Żgur li mingħajr din l-injezzjoni, is-sitwazzjoni ta'l-impjiegi f'Għawdex, speċjalment fil-qasam privat tmur iktar għall-agħar. Hasra li l-attività ekonomika li tiġi ġġenerata f'dan iż-żmien tas-sena terġa' tmajna hekk kif jiġi fit-tmiem tiegħu s-sajf. F'dan ir-rigward ta' min ifaħħar id-diversi inizjattivi li jinħolqu matul ix-xhur tax-xitwa minn entitajiet privati kif ukoll minn dawk governattivi. Permezz ta' inizjattivi bħal kunċerti, opri liriċi, u wirjiet ta'l-arti, ir-rotta kajmana tal-ekonomija Għawdxija, waqt ix-xhur xitwin titħarrek xi ftit. Din is-sena żdiedet ukoll l-inizjattiva tan-*Notte Gozitana*, li fil-jiem tagħha ġibdet lejn Għawdex eluf ta' viżitaturi.

## Xogħol matul is-sena kollha

Għalkemm din l-injezzjoni sajfija hija mitqlu deheb għall-ekonomija Għawdxija, din mhix biżżejjed biex is-sitwazzjoni ta'l-impjiegi f'Għawdex titjib. **Huwa ċar li l-futur tal-impjiegi f'Għawdex ma jistax jiġi ibbażat biss fuq il-kontribut li l-industrija tat-turiżmu intern toffri.** Wara kollox, għal inqas f'Għawdex din mhix industrija li kapaċi toffri impjiegi matul is-sena kollha. Wieħed jista' jargumenta li ż-żgħażagħ Għawdxin jistgħu jsibu impjieg f'Malta. Wara kollox il-mezzi tat-trasport bejn Malta u Għawdex huma tajbin u regolari matul ix-xhur kollha tas-sena. Dan hu veru, u mijiet ta' Għawdxin hekk qed jagħmlu. U ma hemm xejn ħażin li wieħed jaħdem f'Malta fejn hemm iktar opportunitajiet. Wara kollox huwa tajjeb li wieħed iwessa l-orizzonti tiegħu, u ċerti pożizzjonijiet u xogħlijiet qatt ma jistgħu jkunu disponibbli f'Għawdex.

Minn naħa l-oħra **mhux sew li f'Għawdex ma jkunx hemm varjetà wiesa ta' xogħlijiet li joffru futur għaż-żgħażagħ tagħna. Jekk tiġi aċċettata sitwazzjoni bħal din ikun ifisser li f'Għawdex ma hemmx futur. Jidher li hemm bżonn li jsir sforz ikbar biex tinstab soluzzjoni għall-problema tan-nuqqas tax-xogħol.** Jidher li l-inizjattivi li qed jieħu l-Gvern ċentrali mhux qed ikollhom ir-riżultat mixtieq, għal inqas f'dak li hu t-tkattir ta' opportunitajiet tax-xogħol f'Għawdex. **L-istatistika uffiċjali qed turi tkabbir fil-figura ta' persuni f'Għawdex li qed ifittxu x-xogħol; dan waqt li fl-istess ħin turi tnaqqis tal-qgħad f'Malta.** F'Malta bħal









f'Għawdex għalqu diversi fabbriki iżda s-sitwazzjoni ta'l-impjiegi dejjem sejra għal aħjar, waqt li dik f'Għawdex dejjem sejra għal agħar. Jidher li għal inqas għal Malta hemm soluzzjonijiet. Allura għal Għawdex m'hemmx?

***Wieħed għalhekk iħossu ġustifikat isaqsi jekk l-inizjattivi li qed jittieħdu biex tiġi solvuta s-sitwazzjoni ta' l-impjiegi f'Għawdex humiex il-miżuri addatti għaċ-ċirkostanzi.*** Mhux biżżejjed li jingħad li l-Gvern qiegħed jalloka l-ikbar ammont ta' fondi pubbliċi li qatt ġew allokati għal Għawdex. Mhux biżżejjed li jingħad li l-Gvern qed jalloka għaxra fil-mija tal-fondi strutturali Ewropew għal proġetti mwettqa f'Għawdex. ***Mhux biżżejjed li jingħad li Għawdex għandu bżonnijiet speċjali u li s-sitwazzjoni f'Għawdex hija kontinwament fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni tal-Gvern. Ir-riżultat li jgħodd. U f'dan ir-rigward il-figura tal-qgħad f'Għawdex titkellem weħidha.***

## Okkażjoni tad-deheb mitlufa

F'dan il-kuntest wieħed ma jistax ma jirriferix għar-rapport li suppost kellu jsir mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-sitwazzjoni ekonomika t'Għawdex. F'dawn l-aħħar xhur f'diversi ġurnali u rivisti lokali dehru għadd mhux ħażin ta' artikli li fihom saret riferenza għan-nuqqas tal-Gvern Malti li jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tħejji dan ir-rapport. Saru ukoll interventi dwar dan kemm fil-Parlament Malti kif ukoll fil-livell ewropew. Sa issa ma ngħatat l-ebda risposta konvinċenti minn naħa tal-Gvern Malti għal dan in-nuqqas. Hafna ma jistgħux jifhmu r-raġuni għala l-Gvern Malti naqas minn dak li kien intrabat li jagħmel permezz tad-'Dikjarazzjoni dwar Għawdex' li kienet ġiet annessa mat-Trattat ta' Adeżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea. *(Ara artiklu dwar din il-materja fil-ħarġa ta' 'Il-Ħajja f'Għawdex' ta' Mejju 2007.)*

X'kien ikun hemm ħażin li kieku l-Kummissjoni Ewropea ġiet mitluba tħejji rapport xjentifiku dwar is-sitwazzjoni ekonomika t'Għawdex. Jekk xejn, kien jiġi mistħarreġ jekk l-ammont ta' flus allokati għal Għawdex, sew jekk ġejjin minn fondi ewropew sew jekk ġejjin minn fondi nazzjonali, humiex biżżejjed għaċ-ċirkostanzi li qed tħabbat wiċċha magħhom il-gżira t'Għawdex. Jew jekk il-fondi allokati humiex qed jiġu użati sew. ***Jekk minkejja l-miżuri li qed jittieħdu, s-sitwazzjoni ta' l-impjiegi f'Għawdex mhix turi t-titjieb mixtieq, hemm bżonn ta' studju fil-fond biex jinstab eżatt x'inhuma l-kawżi li qed iġibu dan. Huwa wara eżami bħal dan li jkunu jistgħu jiġu mfassla miżuri addatti biex tiġi indirizzata l-problema.***









## KOTBA



Minn Għawdex

# "TABILĦAQQIET VARJI U TAPARSIJIET VERI"

### Ġabra ta' poeżiji ta' J. W. Psaila




Il-poeżija hija l-arti ta' dak li jista' jingħad. Il-poeżija tmur lil hinn mill-kliem innifsu; hija ħaġa li ma tistax tmissha, eżaltazzjoni ta' ħwejjeġ li ma tantx jinftehmu. Il-poeżija titwieled u toħroġ 'il barra mill-forma tagħha stess u tieħu ħajja indipendenti mill-awtur tagħha. Iżda mill-banda l-oħra, il-poeżija ma tistax teżisti mingħajr il-forma tagħha. Poeżija li tinftiehem kompletament jew titpoġġa fi kliem ieħor m'hijiex poeżija iżda sempliċement proża emottiva mqegħda f'versi ritmiċi.

*Tabilħaqq Varji u Taparsijiet Veri* hi damma ta' poeżiji riċenti ta' J.W.Psaila li tibda mill-perspettiva kemmxejn ċkejkna u umli, iżda li mbagħad teżorbita l-parametri tal-ktieb. Il-forma metrika tal-poeżija nnifisha tinfirex mingħajr xkiel ta' spazju u ta' żmien. Din id-damma hi vjaġġ ta' esplorazzjoni u teħtieġ sforz qawwi sew biex issib l-espressjoni tagħha fil-kitba kif ukoll biex tinftiehem sew mill-qarrej. Il-poeżija ta' Psaila ma ssibx il-figuri u l-kunċetti tagħha malajr u kontinwament toffri sfida lill-qarrej fit-tentattiv biex tesplora n-natura u l-ġeografija tal-kundizzjoni umana. Madankollu hi kalejdoskopju ta' espressjonijiet u kuluri li jvarjaw skond iż-żmien u l-istaġun.

***Il-ħsieb soċjali***

Psaila huwa Malti minn qaddisu u fil-poeżija tiegħu nsibu xintilli ta' espressjonijiet purament Maltin li permezz tagħhom jilbes il-libsa tal-kritiku, jikkritika u jaf ikun didattiku. Hekk per eżempju, fil-poeżija **X'għala Biebi Jiena Malti** juża espressjoni purament popolari biex propju joħroġ il-messaġġ ta' kritika fina lill-poplu li missu jaf aħjar. Fil-poeżija **L-Aħbarijiet ta' Jum Kwalunkwe**, il-poeta jagħmel paragun bejn dak li jiġri fi bnadi oħra tad-dinja f'kuntrast tad-drammatiku mar-redikolu. F'pajjiżna dak li hu ta' valur fl-aħbarijiet huwa tant frivolu li jsir tad-daħk. Psaila għandu sens qawwi ta' ironija, iżda għandu wkoll doża realistika. L-aħbarijiet minn fuq il-mezzi tax-xandir bdew jixxandru "f'karta *'adhesive'* trasparenti" (**Il-Komsumatur tal-Bullettin Sħiħ**). F'**Ode lill-Ekonomija** hu jfisser b'mod ironiku u sarkastiku din il-fantażma msejħa "ekonomija" li taħt l-iskuża ta' l-effiċjenza u l-prattiċità tiskuża l-iskandli.

***Il-patrijottiżmu***

Psaila huwa wkoll poeta patrijottiku; patrijott li jħoss ir-reżħa f'ġismu meta jitkanta l-Innu Malti għax jaf li minġura u moħbija 'l ġew fil-qalb Maltija hemm storja li tagħtina r-ruħ, iżda hu patrijottiku b'aġenda u bi strateġija. Fil-poeżiji **Malta hemm fil-qalb ta' qalbi (1)** u **(2)** insibu l-espressjoni tar-ruħ Maltija riflessa fin-natura ġeneruża li ssebbaħ din l-art, fil-baħar li jdawwarha, fil-għabex u ż-żerniq. Imbagħad fit-tieni poeżija tirkeb l-ironija u s-satira: is-swar għoljin mimlija ġieħ m'huma xejn ħdejn il-Magħtab hekk setgħani, l-ospitalità li għaliha huma magħrufin il-Maltin illum inbidlet, kull ħames snin il-Maltin imorru bi ħġarhom jivvutaw fl-elezzjonijiet ġenerali biex isostnu l-qaddisin; dur id-dinja ma ssibx pajjiż ieħor b'ħames festi nazzjonali.

B'kuntrast ma dak li jikteb dwar il-Malti, Psaila, ta' Għawdxi li hu, għandu għożża kbira għan-nisel Għawdxi u għal dak kollu li jappartjeni lil din il-gżira. Dan joħroġ bid-deher fil-poeżija l-**Eroj Għawdxin**, poeżija mimlija ironija u sarkażmu, iżda prova ċara ta' kemm il-poeta jemmen bis-sħiħ f'dawk il-valuri li jagħmluna lkoll Għawdxin u jiddistingwuna minn kull ġens ieħor, saħansitra mill-Maltin. Din il-poeżija tfakkarni fil-poeżija ta' Thomas Gray, "Elegy Written In a Country Churchyard". F'dik il-poeżija l-awtur ifaħħar l-umiltà u s-sempliċità tan-nies komuni.

***L-ottimiżmu eżistenzjali***

Psaila huwa ottimist, ottimist mhux tal-kumdità jew tat-turija iżda huwa ottimist f'għeruqu - ottimista eżistenzjali. Jekk per eżempju fil-poeżija **'Kk Titħajjar Iżżurni**, huwa jxebbah il-qabar tiegħu permezz ta' metafora "ma salott ta' żewġ metri kwadri". Tixbieha bħal din m'hijiex solita u hija paradossalment milquta. X'inhu fl-aħħar mill-aħħar il-qabar jekk mhux il-lok tas-serħan aħħari? Hemm ukoll ċertu ċiniżmu f'din it-tixbieha. Ma jridx xi bukkett fjuri, iżda "bandiera qawsalla ma' l-ogħla quċċata ta' l-arblu tal-bejt". Minflok id-dmugħ, il-poeta jrid "tbissima u ilbisha bħal warda mal-pavru tal-qmis, u saffar l-aqwa għanja ferrieħa li f'għomrok tgħallimt". Kważi kważi qed jgħidilna l-poeta, ja bniedem ħaj mimli bl-għomor toqgħodx taħli ż-żmien f' dak li kien u issa m'għadux. Dak mar u telaq. Kważi, kważi qed jgħid bħalma qal Kristu lil dak il-ġuvni tal-Vanġelu: "Ħalli l-mejtin jidfnu l-mejtin tagħhom, iżda inti mur u xandar il-miġja tas-saltna." U hekk, u Psaila jgħid lil min iżur il-qabar tiegħu: "U idħol fi qrara / mas-skiet ta' l-etern..."

***L-element reliġjuż fi Psaila***

Il-poeta tagħna jintilef fi djalogu ħerqan u mqanqal mal-Ħallieq. Dan jidher ċar fil-poeżija **Il-Lotta** - poeżija li tfakkarni f'kapitlu 23 tal-Ġenesi. Forsi l-iktar inċident misterjuż fit-Testment il-Qadim huwa r-rakkont tal-lotta li damet sejra lejl sħiħ bejn Ġakobb u l-anġlu, inkella kif jingħad ukoll Alla Nnifsu.

Din it-taqbida tissimbolizza l-gwerra kożmika bejn żewġ dinjiet, id-dinja ta' l-ispiritwalità ta' Iżrael u d-dinja tal-materjalità ta' Edom. Il-lejl li fih seħħet it-taqbida huwa twil u mudlam, iżda finalment l-ispirtu joħroġ rebbieħ. Għalhekk fil-poeżija **Il-Lotta**, Psaila jindirizza lill-Ħallieq u jgħidlu "għax jien naf niqaflek / La armajtni biż-żonqor tar-rieda / U n-nifs tal-ħelsien." Dan huwa vers qawwi. Il-bniedem twieled ħieles. Id-drittijiet tiegħu, talinqas id-drittijiet fundamentali, ma taħomlu ebda prinċep jew prim ministru. Twieled bihom, huma tiegħu, u ma għandu dritt jeħodhomlu ħadd, l-ebda gvern, ebda imħallef. F'dawn il-versi, il-poeta ma jibżax jissara ma' l-element divin, għaliex fl-aħħar mill-aħħar hu wkoll maħluq xbiha tad-divin, xbiha t'Alla, iżda mill-banda l-oħra jaf li ma jistax jgħaddi mingħajr id-divin għax huwa l-qofol tat-twemmin tiegħu.

***Konklużjoni***

Għal Psaila, il-poeżija m'hijiex xi riċetta vvintata jew bħal meta ssawwab il-likwidu fil-forma u tkun taf il-forma tal-prodott minn qabel. Għall-kuntrarju, fil-poeżija ta' Psaila, il-forma u l-kontenut jitħalltu flimkien matul il-proċess tal-ħolqien biex il-poeżija finali tibqa' kontinwament issaqsih "xi ktibt jew x'qed tikteb u għaliex?"

*(siltiet minn studju kritiku ta'*
**Dr Alfred Grech LLD**
*li kien sar fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tal-ktieb*
*fiċ-"Circolo Gozitano", nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Marzu 2007)*

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -157



Riċerka ta' Joseph Bezzina © 2007

# Il-Legat tad-Dota taż-Żwieġ ta' Santa Marija

Id-dokument numru mija u sebgħa u ħamsin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar problema li nqalgħet dwar l-għotja tal-legat tad-dota taż-żwieġ ta' Santa Marija. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Gwann (1530-1798), manetta (1707-1708), folju 17-18 (NAG, UG, *Acta,* 10/1707-1708, f. 17-18).



Din hi traskrizzjoni tat-tieni silta relatata mal-problema li nqalgħet:

*Essendo stata la sudetta Maria Serafina per non esser nata e patriotta di quest'isola e di minor età rebuccata per decreto di S.A.S., respedito li 20 Ottobre 1707 a' relazione de' Signori Giurati conservato nel medesimo registro; che però si divenne alla nuova nomina siccome essendo more solito di nuovo ballotare in detta Veneranda Matrice Chiesa Collegiata in esecuzione che delli decreto dicesse risolte all'effetto promesso per la consecutione di detta elemosina toccò la sorte a Barbara figlia di Mastro Domenico Pisano et Angelica coniugibus di questo casale Xeuchia per l'adempimento del voto fatto alla Beatissima Vergine per la liberazione di quest'isola dal'infedeli.*

Nibda biex ninnota li bid-dokument ta' dan ix-xahar bdejna sena oħra minn ta' l-*Acta*. Kif ġa ktibt, is-sena amministrativa ta' l-Universitas kienet tibda fl-1 ta' Settembru ta' kull sena – minn meta kien anki jinbeda reġistru ġdid. Din id-darba jibda wkoll volum ieħor.

Il-legat tad-dota taż-żwieġ ta' Santa Marija semmejnieh kemm-il darba f'dawn il-paġni (ara numri 117. 118. 148). Dan il-legat, kif imsemmi fl-aħħar tad-dokument li qegħdin nirriproduċu, kien twaqqaf b'wegħda lil Santa Marija *per la liberazione di quest'isola dagl'infedeli,* jiġifieri għall-ħelsien ta' Għawdex mill-infidili jew il-Misilmin.

Dan il-legat kien twaqqaf fis-sena 1511 wara għotja spontanja ta' flus mill-poplu Għawdxi. Jista' jkun li din il-għotja kienet investita fi proprjetà biex il-legat jitqiegħed fuq sisien iktar sodi. Dan joħroġ mill-fatt li f'wieħed mid-dokumenti li ppubblikajna kien hemm tagħrif tal-proprjetà li mid-dħul fuqha kien jingħata dan il-legat.

Ta' kull sena, kienu diversi t-tfajliet għarajjes li japplikaw għal dan il-legat. Minnhom kienet tittella' waħda bix-xorti. It-tlugħ tax-xorti kien isir nhar it-8 ta' Settembru, festa tan-Nativitá tal-Madonna jew il-Vitorja. It-tfajla li titla' bix-xorti kienet obbligata li tiżżewweġ fil-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex nhar il-15 ta' Awwissu, festa ta' Santa Marija, tas-sena ta' wara, *per l'adempimento nel 1708,* jiġifieri 1708.

Nhar il-Vitorja 1707 telgħet bix-xorti ċerta Marija Serafina, bint Antonja Zammit. Iżda l-ġenituri ta' xi waħda mit-tfajliet l-oħra li kienu applikaw ipprotestaw dwar l-għażla. Ibbażaw il-protest tagħhom fuq il-fatt li Marija Serafina ma setgħetx tieħu dan il-legat. L-ewwelnett, din ma kinitx *patriotta di quest'isola,* f'kelma waħda ma kinitx Għawdxija; it-tieni, kienet *di minor età,* jiġifieri taħt l-età.

Għaldaqstant sar rikors lil Ramon Perellos y Rocaful, Granmastru ta' Malta, biex iħassar il-għażla ta' din Marija Serafina. Nhar il-20 ta' Ottubru, 1707 – tliet mit sena ilu – kif jidher mid-dokument li qegħdin nippubblikaw, il-Granmastru laqa' l-petizzjoni u b'hekk setgħet titla' mill-ġdid mix-xorti. Nhar id-29 ta' Jannar, 1708, reġgħet ittelgħet ix-xorti u din id-darba il-fortuna daħket lil Barbara, bint Mastru Dumink Pisano u Anġelika mix-Xewkija.

## APPREZZAMENT (1)

# Mons. Salv Borg



Jiena u Dun Salv għamilna l-ħames snin tal-Liceo flimkien. Wara, hu qabad it-triq għas-saċerdożju u jien il-linja ta' għalliem. Però l-istorja ma waqfitx hawn. Meta rriżenja minn Arċipriet ta' San Ġorġ, Mons Emanuele Mercieca, l-Isqof Cauchi poġġa lil Dun Salv floku. Mill-ewwel ġranet ħdimna flimkien. Il-parroċċa tagħna tippubblika r-Rivista "Il-Belt Victoria" u flimkien miegħu bqajna noħorġuha, għax dejjem kien lest li jagħri kull għajnuna u l-pinna tiegħu ma naqsitha l-linka qatt u qatt.

Meta bdew deħlin il-*computers*, u bdew anke deħlin fil-parroċċi, jiena u hu konna mmorru nitgħallmu kif jaħdem dan l-imbierek *computer*. Dak iż-żmien kien għadu kmieni għall-*internet* u affarijiet oħra però kampajna u Dun Salv baqa' jaħdem fuqu sa l-aħħar.

Ftit wara li laħaq Arċipriet ġietu l-ideja li nibdew norganiżżaw pellegrinaġġ għal Lourdes. Dawn il-pellegrinaġġi rnexxew ħafna u mill-ewwel wieħed fl-1990, jekk m'inhix niżbalja, komplejnihom sa din is-sena stess. Inħoss demmi jieqaf x'ħin niftakar li eżattament xahrejn qabel miet konna Lourdes flimkien. Jiena mort miegħu Lourdes bil-grupp ta' pellegrini kull darba, barra f'sena waħda. Fil-fatt eżattament xahrejn qabel ħalliena fis-27 ta' Lulju, konna l-ajruport ta' Malta flimkien bil-grupp tagħna.

Għalija personalment Dun Salv kien iktar minn ħabib. Kien qisu ħija. Miegħu kont nitkellem ta' spiss fuq kull ħaġa. Però kliemu kien dejjem meqjus. Mhux darba w tnejn kien jgħidli: "Kelin, kollox bil-mod". Huwa diffiċli tesprimi opinjoni u tikteb dwar Dun Salv. Kien saċerdot li għex il-ministeru tiegħu għas-servizz tal-komunità parrokkjali li lilha kien jappartjeni.

Naħseb li l-iktar ħaġa li kienet timpressjona lil kulħadd kienet il-ferħ tal-ħarsa tiegħu. Dak in-nhar tal-funeral iltqajt ma' koppja minn Malta, li kienu Lourdes magħna din is-sena, li minkejja l-età tagħhom ħassew li kellhom iselmulu għall-aħħar darba. X'ħin rajthom, sinċerament ksaħt. U forsi kien għalhekk ir-rispett li ntwera minn kulħadd fil-funeral tiegħu.

Dun Salv, il-Madonna ta' Lourdes u San Ġorġ żgur li fetħulek beraħ il-bieb tas-Sema fejn għad niltaqgħu miegħek.

***Michael Cassar***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

DM

**David's Bakery Caterers**

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

*APPREZZAMENT (2)*

# Mons. Onorarju Dun Ġużepp Bajada



*"Qabel il-festa tal-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand Missieru, hu, li kien ħabb lil tiegħu fid-dinja, baqa' jħobbhom sa l-aħħar... Qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar u ħa fardal u dawru ma' qaddu. Imbagħad tefa' l-ilma f'żingla u beda jaħsel riġlejn id-dixxipli u jimsaħhomlhom bil-fardal li kien imħażżem bih" (Ġwanni 13, 1. 4-5).*

Dun Ġużepp bħal Ġesù ħabb lil tiegħu u għadda ħajtu jaqdihom.

Ġużeppi Bajada twieled it-Triq tal-Għajn bin Mosè Bajada u Marinton Vella, li għada mimlija bil-għomor, nhar l-4 ta' Jannar, 1934. Baqa' magħruf ma' kulħadd bħala *ta' Mosè*. Kien imgħammed fl-istess jum minn Dun Ġużepp Hili, l-ewwel kappillan tal-parroċċa li kien ilu jmexxi sa mit-twaqqif tagħha nhar is-27 ta' Marzu, 1911.

Għamel l-istudji tiegħu fl-iskola primarja tar-Rabat, fis-Seminarju Minuri, u kompla l-kors tal-Filosofija u tat-Teoloġija fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Nhar it-18 ta' Marzu, 1961, Monsinjur Ġużeppi Pace, isqof ta' Għawdex, ordnah qassis fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

Dun Ġużepp intefa b'ruħu u ġismu biex iġib 'l quddiem il-parroċċa li fiha twieled u trabba' u li tant kien iħobb. Hadem mhux biss biex iġib 'l quddiem il-ħajja spiritwali u pastorali; ħadem ukoll bis-sħiħ biex javvanza l-qagħda materjali tal-parroċċa.

Il-verità hi li hu sar ir-ruħ tal-parroċċa, il-mutur li jmexxi l-istrutturi parrokkjali. Bħal Ġesù sar fil-veru sens tal-kelma qaddej tal-Fontanin kollha. Kien direttur ta' kważi l-Għaqdiet kollha tal-parroċċa; prokuratur tal-knisja; u prokuratur tal-fratellanzi tal-Qalb ta' Ġesù u ta' Sant'Indrija, imwaqqfa fis-sena 1906, u li hu tahom ħajja ġdida.

Kellu imħabba l-iktar kbira lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, imħabba li hu wera billi ħadem bis-sħiħ biex ixerred id-devozzjoni tar-riparazzjoni lill-Qalb Imqaddsa u biex ikabbar il-festa tagħha. Bħala prokuratur l-iktar ħabbrieki tal-festa qatt ma waqaf għal mument wieħed biss jitħabat ħalli l-festa tkun kbira daqs ta' parroċċi wisq ikbar.

Fit-2 ta' Marzu, 1967, Dun Nikol Cauchi, qassis mill-Għarb, sar isqof awżiljarju u amministratur appostoliku għal Għawdex. Dun Nikol kien kappillan tat-Triq tal-Għajn bejn is-snin 1956 u 1962, fi żmien li Ġużeppi Bajada kien iħejji ruħu għas-saċerdozju. L-Isqof Cauchi kien jafu tajjeb u ħatru bħala kappillan tiegħu. Dam jaqdih sakemm ħallietu saħħtu. Kuljum, bħal Ġesù jaqdi lill-appostli, kien jaqdi lill-Isqof Cauchi f'kollox – fil-Katidral u knejjes oħra waqt il-funzjonijiet reliġjużi; billi tliet darbiet kuljum iwassallu l-ikel fl-appartament tiegħu fis-Seminarju; u billi jagħmillu kull xorta ta' servizzi oħra li l-isqof kien ikollu bżonn.

L-Isqof Cauchi ħatru wkoll bħala d-direttur ta' l-Uffiċċju Kleru fil-Kurja. Kien veru qalbu tajba u jipprova jaqdik mill-aħjar li jista'. Dan jistgħu jixhduh il-qassisin kollha li talbu l-għajnuna tiegħu – fosthom min qiegħed jikteb. L-istess bħal Ġesù kien għas-servizz tas-saċerdoti Għawdxin.

Għal din il-ħidma kollha tiegħu, l-Isqof Cauchi ħatru Monsinjur Onorarju tal-Kapitlu Katidrali ta' Għawdex.

Monsinjur Ġużeppi Bajada ġarrab l-aħħar marda tiegħu b'sabar kbir, kif nista' nixhed jien stess li mort kellimtu l-isptar kemm-il darba. Hu ħalla dan il-wied tad-dmugħ fis-sezzjoni tal-kura intensiva ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, it-Tnejn, 8 ta' Ottubru, 2007, fis-sebgħa neqsin kwart ta' fil-għodu fl-għomor ta' 73 sena.

***Mons. Ġużeppi Bezzina***

**MATUL NOVEMBRU JIXRAQ LI NIFTAKRU WKOLL FIL-ĦAFNA SAĊERDOTI GĦAWDXIN LI MIETU MATUL DIN IS-SENA 2006-2007**

Passiġġata Biblika - 29

*"Għax hekk ukoll Bin il-Bniedem,hu ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra." (Eżodu 3:14)*

# IS-SEJĦA GĦAD-DJAKONIJA FIL-ĠDID TESTMENT

**minn Fr. Charles Buttigieg**

**It-Terminu 'Djakonija'**

**It-terminu 'djakonija' ġej mill-kelma griega *'diakonia'* li tfisser 'servizz', 'qadi' jew 'ministeru', anke saħansitra lil dawk li huma barranin jew lil dawk li huma ta' twemmin ieħor.** Fl-Antik Testment għandna l-kelma ebrajka *'avad'* li tfisser 'xogħol'. Fil-Ġdid Testment il-kelma *'diakonia'* tirriferi għall-qadi fl-imwejjed, imma tfisser fuq kollox servizz. Infatti fil-Ġ.T. niltaqgħu ma' erba' termini li jfissru l-kelma 'servizz'. Għandna l-ewwel l-kelma *'diakonia'* li nsibuha 96 darba. Għandna l-kelma *'douleia'* li tfisser 'sjkavitù' u nsibuha 165 darba. Għandna l-kelma *'latreia'* bħala 'servizz ta' adorazzjoni' u nsibuha 25 darba u l-kelma *'liturgos'* li tirreferi għas-'sevizz ta' talb u qima' u li tinsab 15-il darba. It-terminu *'diakonia'* fuq kollox jimplika 'servizz b'fidi u mħabba'. Huwa servizz liberu u għalhekk differenti minn *'douleia'* li hu servizz mingħajr għażla, imma obbligatorju. Fuq kollox it-terminu għandu affinità mal-kelma l-oħra griega *'koinonia'* li tfisser 'unità u għaqda'. Infatti djakonija hija li taqdi u sservi f'nofs *(dia)* din il-għaqda u komunjoni *(koinonia)*.



**Ġesù Mudell tad-Djakonija**

Ġesù jitgħammed fix-xmara Ġordan, uriena huwa nnifsu l-ikbar eżempju ta' djakonija meta proprju niżel fix-xmara u poġġa saqajh fit-tajn ta' qiegħ ix-xmara biex jurina li huwa lest li jinżel għal-livell tal-miżerji tagħna. Fl-Aħħar Ċena huwa nnifsu jwettaq ir-rit tal-purifikazzjoni, anzi ħasel huwa stess is-saqajn tal-appostli. Fit-tagħlim tiegħu dejjem jgħallimna l-isbaħ eżempji ta' djakonija b'mod partikulari kif naraw fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb fejn għandna verament 'ikona' tad-djaknu. L-għotja totali ta' Kristu tilħaq il-qofol tagħha fl-għotja tas-salib.

Id-djakonija titlob li timxi wara Kristu u li xxandar il-Kelma Tiegħu bil-fatti: "Imbagħad Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba u qallu: 'Ħaġa waħda tonqsok: mur, bigħ li għandek, agħtih lill-fqar, u jkollok teżor fis-Sema; imbagħad ejja u imxi warajja'" (Mk 10:21).

**Il-Ministeru tad-Djakonija fl-Era Nisranija**

Ta' min isemmi li fl-Antik Testment fi ħdan il-komunità lhudija kien hemm dak li nsejħulu l-ministeru levitiku li kien jgħin fix-xandir tal-Kelma, fit-tagħlim u fil-kult. Fil-Ġdid Testment naraw lill-appostli li kienu involuti fid-djakonija tal-Kelma. Is-seba' djakni mbagħad ġew maħturin mill-appostli mmexxija mill-Ispirtu s-Santu, sabiex jgħinuhom fil-ħafna xogħol, qalb l-ewwel komunitajiet insara. Għall-ewwel id-djakni ordnati, kienu jaqdu fl-imwejjed iżda wara, anke huma bdew, ikunu involuti fid-djakonija tal-kelma: "**...u ħatru 'l Stiefnu, raġel mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu**, u 'l Filippu u 'l Prokoru u 'l Nikanor u 'l Timon u 'l Parmenas u 'l Nikolas, proselitu minn Antijokja; qegħduhom quddiem l-appostli, u dawn talbu u qiegħdu jdejhom fuqhom" (Atti 6:5-6). **Infatti San Stiefnu djaknu kien l-ewwel martri li ħa l-martirju tiegħu għas-sena 35 W.K., għaliex kien jaqdi l-kelma billi kien jippriedka l-verità ta' Kristu.**

Naraw ukoll li fiż-żmien San Pawl kien hemm diversi kollaboraturi, persuni sabiex flimkien mal-appostli jaħdmu biex jixxandar il-vanġelu ġdid ta' Kristu lill-ġnus kollha. Huwa fl-ittri tiegħu, isemmi diversi ministeri: l-Appostli; il-Profeti u d-Dutturi li kienu jgħallmu u jieħdu ħsieb il-katekeżi fost il-komunitajiet imxerrda; is-*'Sinergon'*, il-Kollaboraturi ta' l-Appostli bħal, Timotju, Akwila, Epafroditu, Prixxilla u oħrajn; il-Kapijiet jew il-presidenti



tal-komunitajiet (*pro-istamenoi*); l-'*Episkopoi*', l-għassiesa ta' l-erwieħ li bdew iservu bħala isqfijiet u fuq kollox id-'*Diakonoi*' li bħala djakni kellhom diversi ħidmiet. San Pawl stess kien diġà juża t-terminu '*diakonos*' għalih innifsu u għall-kollaboraturi tiegħu.

Il-Papa Klement fl-ittra tiegħu lill-Korintin tas-sena 95 W.K., iqabbel il-leviti tal-A.T. mad-djakni. Anke il-Pastor Hermas (fit-tieni seklu W.K.) isemmi lid-djakni. Fi żmien il-Papa Damasu (fir-raba' seklu W.K.), id-djakni minħabba x-xogħol tagħhom kienu saħansitra superjuri għall-presbiteri, iżda wara l-presbiteri bdew jieħdu iktar mid-djakni tmexxija f'idejhom. Id-djakni kienu jqassmu l-Ewkaristija lill-ġemgħa liturġika u lill-morda, kienu janimaw it-talb waqt l-Ewkaristija u kienu ukoll jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tal-flus u l-ġid tal-Knisja u fuq kollox jgħinu lill-foqra fosthom lin-nisa romol. Ħafna kienu dawk id-djakni fl-ewwel żmenijiet tal-Knisja li ħadu l-martirju. Ilkoll nafu bil-martirju ta' San Lawrenz, l-ogħla wieħed mis-seba' djakni ta' Ruma (arċidjaknu) li kellu l-Papa Sistu II u li kien iwettaq id-djakonija qalb l-foqra ta' Ruma, 'it-teżori tal-Knisja'. Kien hemm ukoll djakni nisa li kienu nvoluti fis-servizz tal-imwejjed.

## Id-Djakonija fl-Imħabba ta' l-Aħwa

Il-ħajja komunitarji tal-ewwel insara kienet xhieda qawwija dan din il-kariżma ta' l-Ispirtu s-Santu, u li tassew id-djakonija li ssegwi l-kmandament il-kbir ta' l-imħabba, hija sejħa tal-insara kollha: "ibigħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skond il-ħtieġa ta' kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja" (Atti 2:45-46). "Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu oqsma jew djar kien ibigħhom, u l-flus li jdaħħal minnhom kien imur jqegħidhom f'riġlejn l-appostli. Imbagħad kien jitqassam kollox skond il-ħtieġa ta' kull wieħed" (Atti 4:34-35). Din d-djakonija fost l-insara kienet distintiv importanti u għalhekk kienet xi ħaġa ġdida quddiem il-pagani u l-lhud. L-ebda reliġjon ma kellha din il-karatteristika hekk qawwija fil-ħajja tagħha. Kellha impatt qawwi fid-dinja pagana u dik rumana. San Ġwann Griżostmu (miet fis-sena 407) bħala isqof kien irrealizza l-importanza ta' din id-djakonija u għalhekk għamel minn kollox biex itaffi l-faqar fil-komunitajiet li tagħhom huwa kien għassies. Waqt priedka minn tiegħu huwa kien qal li bħalma Alla ħalaq is-sema u l-art, Hu jixtieq minna lkoll li nagħmlu mill-art 'ġenna tas-Sema' (ara Ep. I ad Tim. Hom. 15, 4). Santu Wistin ukoll isostni li l-isqof huwa proprju qaddej (djaknu) ta' Alla biex jaqdi lill-oħrajn. Infatti juri li l-kelma griega *'episkopos'* tfisser 'dak li jara mill-għoli', bħala għassies u bħala qaddej (ara kommentarju dwar is-Salm 126).

## Konklużjoni

Mela rajna, li kemm bl-ordni tad-djakonat kif ukoll bil-ministeru tad-djakonija, wieħed hu msejjaħ biex jaqdi lil Kristu fl-oħrajn: "Tassew, ngħidilkom, dak li ma għamiltux ma' wieħed minn dawn iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh" (Mt 25:45).

Il-'Pastor' Luteran Dietrich Bonhoefer jgħid li l-Knisja 'hija Knisja' meta hija hemm għall-oħrajn. Mela l-Knisja (li hija aħna) trid issir bniedem (qaddej) għall-oħrajn bħalma Kristu sar bniedem (qaddej) għalina. Jalla l-Knisja tkompli tiskopri u toħroġ fil-beraħ dan il-ministeru. Qabel ma ngħalqu, tajjeb li nsemmu hawnhekk 'id-djakni permanenti' li kienu ispirati mill-Konċilju Vatikan II, u filfatt kien ġie istitwit mill-Papa Pawlu VI, permezz ta' l-Ittra Appostolika '*Ad Pascendum*' tal-15 t'Awissu 1972, għalkemm dan dejjem tħalla f'idejn il-Konferenzi Episkopali. **F'ħafna djoċesijiet fid-dinja, fejn hemm nuqqas ta' saċerdoti, id-djakni permanenti (li ħafna huma irġiel bil-familja) qegħdin iwettqu xogħol pastorali importanti u jkunu ta' għajnuna għall-presbiteri u għall-isqfijiet. Min jaf, forsi fil-futur, ir-rejaltà tad-djakni permanenti tkun qed tagħti s-sehem tagħha ukoll fil-Knisja ta' Malta u Għawdex.**

**Biblijografija**

*Diakonia. Church for the Others*, N. Greinacher – N. Mette (eds.), Concilium 198/4, 1988.
HANSON A., *Church, Sacraments and Ministry*, Oxford 1975.
Mc.BRIEN R.P., *Catholicism*, New York 1994.
TILLARD J.-M., *Church of Churches. The Ecclesiology of Communion*, Minessota 1992.
*"We are your servants". Augustine's homilies on ministry*, J.E. Rotelle (ed.), Philadelphia 1986.

IMPRESSJONIJIET FUQ GĦAWDEX - 2



# Għawdex, l-Għawdxin u Jien

*minn* **Thomas E. Farrell**

Xi jfisser Għawdex għalija? Għaliex il-mara tiegħi, Maria u jien ilna għal dawn l-aħħar għoxrin sena ngħaddu parti kbira mis-sajf fil-gżira tagħkom? X'inhu dak li jiġbidna lejn Għawdex u kif jidhru l-Għawdxin mil-lenti tagħna? Niftakar l-ewwel darba li ġejt Għawdex kont daqsxejn ta' tifel ta' xi għaxar snin. Missieri kien jaħdem mad-Dipartiment tas-Sajd u kien ġie mitlub mill-Kap tad-Dipartiment biex jitla' miegħu Għawdex sabiex ikellmu lis-sajjieda Għawdxin. Peress li l-Kap tad-Dipartiment kien se jtella' t-tifel miegħu (kien xi sentejn ikbar minni), stieden lil missieri biex jeħodni miegħu ukoll.

Niftakar li qgħadna fil-lukanda *Duke of Edinburgh* fejn kellhom jinġabru s-sajjieda. Niftakar li waqt il-laqgħa, jien u Godfrey (it-tifel tal-Kap) qgħadna nilagħbu fi ġnien viċin. Imma taħsbux li għaddejt xi xalata! Il-vjaġġ bil-vapur kien għamilli d-deni u baqa' jagħmilli hekk sakemm daħlu l-vapuri li għandna issa.

Meta kien ikolli nitla' Għawdex bħala *Inspector* ta' Skejjel Primarji kont nieħu qatgħa minħabba li kont nibża' mill-baħar qawwi. Però meta kont nasal u nibda l-mawra tiegħi fl-iskejjel, tgħidx kemm kont nieħu pjaċir għax kważi dejjem sibt l-għalliema ppreparati sewwa u lesti jilqgħu l-pariri tiegħi.

Kien hemm każ kurjuż f'dawn il-viżti professjonali tiegħi f'Għawdex. Mal-wasla tiegħi l-Imġarr kont insib ix-xufier jistennieni. Niftakar kien jgħidli, "Mhux se tmur tieħu kafè qabel tibda l-viżti tiegħek?" Kien jibqa' u jibqa' jinsisti biex nieqaf it-Tokk għall-kafè u żewġ pastizzi tajbin. Mur għidli li waqt li kont inkun qed nieħu l-kafè, hu kien dlonk imur iċċempel l-iskejjel biex javżahom li kien ġej l-*Inspector*! Dan kollu sirt nafu ħafna żmien wara minn waħda mill-kapijiet ta' l-iskejjel.

Dawn l-aħħar għoxrin sena, Maria u jien dejjem ġejna Għawdex għall-parti l-kbira tas-sajf. Niġu ngawdu l-bajjiet sbieħ ta' Ħondoq ir-Rummien, ix-Xlendi u Marsalforn. Ingawdu l-kumpanija ta' ħafna ħbieb li llum għandna f'Għawdex. Fil-fatt, nista' ngħid li llum għandna aktar ħbieb f'Għawdex milli għandna f'Malta! Filgħaxija nieħdu ħsieb nikkapparraw xi bank f'Marsalforn biex inżommu post għall-aktar familja ħabiba tagħna. Imbagħad erħilna ngħaddu xi tliet sigħat nitkellmu fuq l-ikel, il-familja u mitt suġġett ieħor.

Meta nkunu Għawdex inħobbu mmorru l-quddiesa ta' filgħaxija, ġeneralment tas-sebgħa. Kuljum immorru fi knisja differenti u issa niddubita jekk hemmx knisja jew kappella li ma nafuhiex.

Nieħdu gost ukoll nattendu għal xi rappreżentazzjoni tal-*Victoria Festival* fis-sala tal-bażilika ta' San Ġorġ kif ukoll għal xi opra fis-sala Aurora jew Astra.

Mhux l-ewwel darba li attendejna għall-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Għawdex. Inħobbu mmorru l-knisja tax-Xewkija għal dawn il-funzjonijiet peress li hija kbira biżżejjed biex taqdi l-bżonnijiet tal-parruċċani tagħha u ta' dawk li jżuruha. Iżda għal dik li hija purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira nippruvaw immorru raħal differenti kull sena.

Il-poplu Għawdxi għadu jħobb ħafna l-familja. Dejjem nibqgħu impressjonati kemm jieħdu ħsieb l-anzjani tagħhom. F'Għawdex donnu li m'hemmx bżonn jinfetħu djar għall-anzjani għax l-ulied jibqgħu jieħdu ħsieb il-ġenituri tagħhom sa l-aħħar nifs ta' ħajjithom. Almenu dik hi l-impressjoni tiegħi!

Iż-żminijiet isawru kulturi ġodda. Bħalma jiġri kullimkien, kull ġenerazzjoni dejjem tkun differenti minn ta' qabilha. F'xi oqsma jkun hemm bidliet għall-aħjar; f'oħrajn ma nafx! Illaxkajna fl-ilbies, fil-manjieri, fl-attendenza għall-quddiesa ta' kuljum... Naturalment mhux qed ngħid għal kulħadd! Nafu ħafna żgħażagħ li jgħaxxquk bl-imġiba prudenti u nadifa tagħhom u dawn jagħmlu unur lil Għawdex.

Nappella lill-Għawdxin biex jippreservaw il-karattru sabiħ tal-gżira tagħhom. Ma jħallux it-taparsi progress iħassrilhom il-ġmiel naturali ta' l-irħula tagħhom, u jiftakru li xi drawwiet li nġibu magħna aħna l-Maltin jew it-turisti mhux bilfors li huma aħjar minn dawk li trabbew fihom l-Għawdxin u li għadhom jgħożżu sal-lum.

IRQAQAT MILL-IMGĦODDI



# Il-Pitkal (2)

minn Victor John Galea ©

***Il-Bejgħ***

Ħafna minn dak li kien ikollu għall-bejgħ il-pitkal kien jgħajtu bil-wiżna. Il-karfus u ħaxix ieħor marbut f'qatet żgħar kien imur bit-tużżana. Il-qaqoċċ ukoll kien imur bit-tużżana imma kien jingħajjat bil-waħda.

Il-ġobon frisk kien jinbiegħ bit-tużżana jew bil-waħda. Min-naħa l-oħra, il-bajtar tax-xewk kien joħroġ bil-qoffa, forsi għax kien ikun b'irħis, filwaqt li l-ħass ħadd ma kien joqgħod jgħoddu jew jiżnu u kien imur bl-addoċċ.

Il-qara' kollu, aħmar, twil, bagħli u turki kien imur bil-wiżna. Meta ngħidu bagħli wieħed jifhem dak li jinqata' aħdar, għadu kemm għaqqad, bilkemm għadu waqqa' l-warda. Meta jitħalla jikber u jisfar il-pitkal kien jagħżel bejn qara' xitwi u qara' bagħli. Ix-xitwi kien ikun dak li ħareġ l-ewwel minn fuq l-għerq. Hawnhekk għerq tfisser ix-xitla tal-qara' kollha kemm hi. Il-qargħa xitwija laħamha ikun isfar deheb, kif qalli Ċelest, daqs lira, li ilha li għabet is-snin minn fostna. Il-qargħa bagħlija, li kienet tkun waħda li tħalliet wara li l-għerq ikun telaq jimxi, laħamha iktar kien jagħti fl-abjad milli fl-isfar. Biex jagħrafhom mit-tnejn, il-pitkal lix-xitwija kien jagħmlilha darsa fuq iz-zokk.

***Il-Kejl***

Barra mill-użin bil-paskula u bil-miżien, il-pitkal kellu l-kejl, kollu ta' l-injam imsaħħaħ biċ-ċrieki tar-ram fuq u isfel, biex ikun jiflaħ għall-kedd. L-ikbar kejl kienet it-tomna, xi daqs barmil taż-żebgħa kbir tat-tibjid tal-lum. Xkora jew wejba kien ikun fiha erbat itmien. Warajha kien ikun hemm in-nofs tomna. Dawn kien ikejjel bihom it-tgħam, ful, piżelli u hekk. Min kien irid ftit piżelli jew ġulbiena għaż-żriegħ kien ikejjel bis-siegħ, daqs patalott taż-żebgħa tat-tibjid żgħir tal-lum. Tomna kien ikun fiha sitt sigħan.

In-nofs siegħ kien isibu tajjeb għaż-żebbuġ għall-mara tad-dar. Iżgħar min-nofs siegħ kienet il-kejla l-kbira li kienet tesa' kejltejn. Il-kejla kienet taħbat waħda minn għaxra ta' siegħ. Il-kejla l-kbira u l-kejla, kif ukoll in-nofs kejla, kienu għaż-żrieragħ l-irqaq bħal tal-kromb, tal-basal, ħass u hekk. Filwaqt li tas-saqwi kienu jieħdu ħafna, l-bidwi kien jieħu ftit kemm jiddobba.

Il-kejl kien isir jew bil-borġ jew bil-mimsuħ. Dan ifisser wara li kien jimtela l-kejl kien jibqa' jżidu sa ma jtella' l-borġ, jimburġah. Il-kejl bil-mimsuħ, iż-żejjed kien jikinsu bir-rażla, lembuba ta' xiber u nofs, biċ-ċirku tar-ram kull tarf biex ma tixxellifx għall-kejl tax-xott bħat-tgħam. Il-kappar li aktarx kien imur bil-kejla l-kbira jew bil-kejla kien jimburġah. Hawn min jiftakar jixtri l-karawett, iċ-ċiċri jew il-ful inkaljat bil-kejla mburġata.

***Il-Ħlas***

Fi żmien Ċelest, il-pitkal kellu skut fil-lira mill-bejgħ. Billi l-lira kien fiha tnax-il skut, dan ifisser li kellu tmienja u terz fil-mija. Fl-1987, meta tkellimna, dan kien sar sitta u kwart fil-mija.

Il-bdiewa tax-Xagħra u tan-Nadur kienu jżommulhom kunterr biex fih iniżżlulhom x'ikunu bigħulhom il-ġurnata ta' qabel; biex ma jintilifx kienu jżommuh ġo stoċċ.

***Il-Qannata***

Il-bdiewa l-oħra kienu jitfgħulhom kull ma kienu jdaħħlulhom fil-qannata. Fi żmien Ċelest din kienet bott tal-landa ċatt minn quddiem u tond minn wara, b'qiegħ usa' mill-fomm li kienu jdendluhom ringiela b'ħolqa mal-ħajt. Fuq kull qannata kien hemm l-isem tal-bidwi biex meta jiġi, aktarx il-Ħadd, kien jiġbor tal-ġimgħa.

Minn din il-qannata tal-pitkal ħareġ il-qawl: skond l-annata timtela l-qannata. La l-prof. Aquilina u lanqas fil-ġabra "Il-Qawl Iqul" tal-perit Manduca ma ngħatat tifsira sew ta' dan il-qawl billi t-tnejn rabtuh mal-qannata ta' l-ilma. Sa meta ħareġ id-dizzjunarju tal-prof. Aquilina jien kont daħħaltha fiż-żieda li ġbart għall-"Miklem" u l-prof. Aquilina seta' jagħti t-tifsira sew lill-qawl minnha.

TA' KENUNA
Bar & Restaurant

Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices

Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# KERĊEM: Inizjattivi minn Kunsill Lokali Attiv u Viċin ir-Residenti

**Jikteb Joe Grima, Sindku ta' Kerċem**

F'Marzu ta' din is-sena (2007), ir-residenti ta' Kerċem u Santa Luċija ġew imsejħa sabiex jeleġġu l-ħames Kunsilliera li kellhom jiffurmaw Kunsill Lokali ġdid għar-raħal ta' Kerċem. Ir-residenti għarfu l-importanza ta' din l-elezzjoni lokali u b'vot mill-aktar qawwi eleġġew ħames kunsilliera li llum qed jiffurmaw dan il-ħames Kunsill Lokali għal Kerċem u Santa Luċija mill-1994 'l hawn.



Kunsill ġdid ikollu żewġ għanijiet. L-ewwel nett irid ikompli jaħdem fuq l-inizjattivi tajbin li jkunu diġà qed jittieħdu mill-Kunsill preċedenti. Imbagħad ikun hemm il-programm ġdid li għalih ir-residenti jkunu tefgħu l-vot tagħhom fl-elezzjoni, u allura jkun hemm inizjattivi u pjanijiet ġodda.

Għalhekk il-ħidma li bdiet titwettaq mill-bidu ta' din il-leġiżlatura qed tkun iffukata fuq dawn il-pilastri:

1. **Aktar Servizzi lir-Residenti,**
2. **it-Tisħiħ tal-Infrastruttura,** u
3. **il-Ħarsien tal-Identità tagħna.**

### Aktar Servizzi lir-Residenti

Il-Kunsill Lokali Kerċem minn dejjem saħaq dwar l-importanza li r-residenti jinqdew mill-lokalità tagħna stess u b'hekk jiġi ffrankat diversi ġiri żejjed u ħela ta' ħin. Dan, dejjem għamilnieh sa fejn stajna. L-uffiċċju tal-Kunsill illum qed iservi ta' *one-stop-shop* u minnu qed jingħataw għadd ta' servizzi essenzjali - fosthom bil-ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl, ilma u telefon, permessi, kirjiet, gwardjani lokali, liċenzji, librerija u *internet centre*. Dan ser inkomplu nsaħħuħ billi qed nippjanaw aktar servizzi ġodda. Nittama li fi żmien qasir inkunu qed inħabbru servizz ieħor essenzjali li ser jibda' jingħata mill-uffiċċju tal-Kunsill u b'hekk ir-residenti tagħna ser jibdew ikunu moqdija b'għadd ta' faċilitajiet oħra li ser inaqqsulhom mill-inkonvenjent li jmorru f'uffiċċji oħra barra minn Kerċem. Ix-xewqa tagħna hi li nkomplu nżidu servizzi simili fil-futur, imma dan inkunu nistgħu nagħmluh b'aktar kumdità meta jkollna l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku lest.

### Tisħiħ tal-Infrastruttura

L-infrastruttura tibqa' dejjem pilastru importanti ħafna tal-ħidma tagħna. Jekk inħarsu lura u naraw xi twettaq matul kull amministrazzjoni li kellna s'issa f'Kerċem tibqa' mmeraviljat. Il-programm ta' ħidma matul din l-amministrazzjoni wkoll huwa wieħed qawwi, u għalhekk għamilna l-prijoritajiet tagħna. Dawn huma: it-tkomplija u t-tlestija tal-proġett li ser jelimina l-ilmijiet tax-xita miċ-ċentru tar-raħal tagħna, aktar toroq bit-tarmak, post ta' rikreazzjoni kbir għall-familja kollha u t-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku tagħna.

Dawn huma proġetti li jinvolvu eluf kbar ta' liri, flimkien ma ppjanar serju. Il-Kunsill mhux ser jaqta' qalbu u konvinti li naslu biex naraw dawn il-pjanijiet tagħna jsiru realtà. Nemmnu li ċerti proġetti joħolqu inkonvenjent sakemm isiru, iżda fl-aħħar mill-aħħar, meta jitwettqu jissarrfu f'benefiċċju kbir għar-residenti kollha tagħna.

### Ħarsien tal-Identità tagħna

It-tielet prijorità li l-Kunsill Lokali Kerċem qed jaħdem fuqha hija dik li tissaħħaħ u titħares l-identità tagħna. Kull komunità għandha l-identità partikolari tagħha, u għalhekk huwa tajjeb li din l-identità tibqa' tiġi mħarsa.

L-ewwel prijorità hija pubblikazzjoni li tiġbor fiha l-istorja ta' dan ir-raħal. Mhux daqshekk faċli li tiġbor storja ta' raħal qadim bil-ġrajjiet kollha li għaddew minn fuqu, iżda konvinti li din il-biċċa xogħol għandha ssir. F'Kerċem u Santa Luċija



għexu l-ewwel nies fuq din il-gżira, u għalhekk l-istorja ta' dan ir-raħal tmur lura eluf ta' snin. Nittamaw li l-iskop tagħna nilħquh u b'hekk inkunu qed nagħtu rigal imprezzabbli kemm lill-ġenerazzjoni ta' issa u anke lil dawk li ġejjin warajna.

Prijorità oħra hija t-tħaris ta' postijiet storiċi li għandna fil-lokalità tagħna. Bl-għajnuna ta' entitajiet privati u organizzazzjonijiet oħra nemmnu li dawn il-postijiet għandhom jiġu salvati. Insemmi l-proġett kbir ta' konservazzjoni li għadna kif lestejna fuq l-Għajn tal-Lunzjata li tinsab fl-istess wied tal-Lunzjata. Dan sar bl-għajnuna ta' Din l-Art Ħelwa.



Il-ħsieb tagħna huwa li issa nibdew nirrestawraw xi niċeċ antiki li għandna fil-lokalità, li huma parti mill-patrimonju li ħallewlna missirijietna.

Xewqa kbira oħra tagħna hija li nsalvaw dak li fadal mill-akwedott li minn Għar Ilma kien iwassal l-ilma tax-xorb lejn il-belt t'Għawdex.

Dawn kollha huma proġetti ambizzjużi, u jekk ma nsibux għajnuna minn entitajiet oħra jkun diffiċli għall-Kunsill biex iwettaqhom.

## STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press *gozopress@onvol.net.*

### *Ġieħ Kerċem 2007*



Kull sena l-Kunsill Lokali Kerċem jogħġbu jonora persuna li tkun għamlet isem għar-raħal tagħna. Din is-sena l-Kunsill għażel li dan l-unur prestiġjuż jingħata lill-Komunità tas-Sorijiet Karmelitani Missjunarji ta' Santa Teresa tal-Bambin Ġesù li din is-sena qed ifakkru għeluq il-50 Sena Anniversarju mill-miġja tagħhom fil-gżejjer tagħna u preċiżament fir-raħal tagħna. Il-ħidma u l-ġid kbir li dawn is-Sorijiet wettqu u għamlu fir-raħal u fil-parroċċa tagħna huma kbar, u għalhekk kien jixraq li dan l-unur jingħata lilhom. L-unur ingħata lil Suor Carmen Bonnici bħala Superjura tal-Kunvent ta' Kerċem waqt iċ-ċerimonja uffiċjali ta' Jum Kerċem li saret nhar is-Sibt 30 ta' Ġunju 2007.

---

### www.kercem.gozo.com - *Bl-aħħar aħbarijiet minn Kerċem*

Il-Kunsill Lokali Kerċem għandu wkoll il-*website* uffiċjali tiegħu, li minbarra l-minjiera ta' informazzjoni li wieħed isib fiha dwar ir-raħal, għandha wkoll il-forma ta' ġurnal elettroniku. Din tiġi aġġornata kważi kuljum, permezz ta' ritratti u aħbarijiet ta' ġrajjiet li jkunu qed iseħħu fir-raħal tagħna. Il-*website* hija wkoll *link* mill-aqwa ma' ħutna l-Kerċmin li jgħixu l-bogħod minn xtutna.

---

### *Ringrazzjamenti u Awguri*



Fl-aħħar ġimgħat Mons. Isqof Mario Grech għoġbu jagħti ragħaj spiritwali ġdid sabiex imexxi l-Parroċċa tagħna, u għalhekk nixtieq f'isem sħabi l-Kunsilliera, l-i*staff* tal-Kunsill, u r-residenti kollha nirringrazzja lil ex-Kappillan maħbub tagħna Dun Injazju Borg tal-ħidma sfiqa li wettaq matul dawn l-aħħar sena u seba' xhur minn kemm ilu li ġie afdat bit-tmexxija tal-parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir. Għalkemm kien parrokat qasir, konvint li l-effett tiegħu ser jibqa' jinħass għax Dun Nazju mexxielu jibni l-parrokat tiegħu fuq żewġ pilastri importanti: Komunità mibnija fuq l-imħabba u r-rispett, u l-Imħabba lejn l-Iskrittura Mqaddsa u t-Talb Komunitarju. Filwaqt li nawgurawlu fil-missjoni l-ġdida tiegħu, nwegħduh li ser jibqa' f'moħħna fit-talb tagħna.

Il-parroċċa tagħna issa ġiet afdata fl-idejn żagħżugħa tal-Kappillan il-Kan. Dun Ġwann Sultana. Dun Ġwann hu bniedem ta' inizjattiva kbira u żgur li l-Parrokat tiegħu fostna ser ikun wieħed li jħalli effetti pożittivi ħafna. L-appell tiegħi lil sħabi l-parruċċani huwa li ngħinu lil Kappillan tagħna f'din il-ħidma ġdida li ġie afdat biha, biex b'hekk inkomplu ngħixu bħala komunità waħda taħt il-ħarsien tal-Patruni tagħna.

TIEQA FUQ L-AMBJENT

# Daqqa ta' għajn lejn il-wirt naturali t'Għawdex



*minn* **Joe Sultana**

Tisma' 'l min jgħid "Għawdex differenti minn Malta!" U veru! Għandu topografija għal kollox differenti. Għawdex ikkaratterizzat b'numru ta' għoljiet b'wiċċ ċatt, bħal **Ta' Kuljat**, **Id-Dabrani** u oħrajn, bi ġnub imtafflin u f'ħafna bnadi, bi ħbula t'għelieqi li jtarrġu l-isfel sal-widien, li jserrpu lejn il-bajjiet, bħal ta' **Marsalforn** u tar-**Ramla**, fost oħrajn.

Għawdex għandu medda t'art li fiha madwar 67 kilometru kwadru, u xatt li jlaħħaq tul ta' madwar 40 kilometru. Il-kosta mhix mħarbta daqstant u kważi nofs it-tul tagħha ma tintlaħaqx mill-art. Din il-parti, li fil-biċċa l-kbira tikkonsisti f'irdumijiet u sisien għoljin bħal **Ta'Ċenċ**, **Ġebel ben Ġorġ**, u **Kap San Dimitri**, tipprovdi ħabitat tajjeb, kif ukoll ħarsien, lil varjetà kbira ta' speċi ta' flora u fawna. F'inħawi bħal dawn, li huma siti ta' importanza ekoloġika, jinstabu speċi li huma endemiċi u/jew rari ħafna.

### *Il-Flora*

Il-komunitajiet tal-pjanti li jippreferu l-irdumijiet tal-kosta jinstabu l-iżjed fix-xtut tan-nofsinhar u tal-punent tal-gżira, fejn hemm numru mhux ħażin ta' speċi ta' flora, fosthom **Widnet il-Baħar**, il-pjanta nazzjonali, kif ukoll il-**Bjanka ta' l-Irdum** li nstabet u ġiet deskritta għall-ewwel darba madwar 20 sena ilu. Dawn iż-żewġ speċi huma endemiċi għall-gżejjer Maltin, jiġifieri ma jinstabu mkien iżjed fid-dinja fis-selvaġġ. Għawdex ukoll għandu pjanti endemiċi. Is-**Sempreviva ta' Malta** hija pjanta endemika, u mkien fid-dinja ma tinstab ħlief fl-inħawi tad-**Dwejra** u fuq il-**Ġebla tal-Ġeneral**, fejn tikber ukoll il-famuża pjanta **Għerq is-Sinjur**.

Il-flora ta' Għawdex tixbah ġeneralment lil dik tal-gżejjer l-oħra, imma hawn diversi speċi ta' pjanti li fil-gżejjer Maltin jinstabu biss f'Għawdex, fosthom l-**Ilsien l-Għasfur tal-Blat**.



*Sempreviva ta' Għawdex - pjanta endemika li tinstab biss fl-inħawi tad-Dwejra*

Oħrajn bħat-**Tengħud tal-Baħar** u l-**Busbież Xewwieki tar-Ramel** jinstabu jikbru biss fl-għaram tar-ramel fir-Ramla, filwaqt li ċ-**Ċentawrja tan-Nuffara** tikber fuq l-għolja tan-Nuffara biss fil-gżejjer Maltin. Din kienet instabet fl-2001 minn Rita Buttiġieġ studenta Għawdxija. Ftit huma s-siġar indiġeni li jinstabu f'Għawdex, iżda tnejn minn dawn, Il-**Bruka** u l-**Virġija**,li huma rari f'Malta, jinstabu mxerrda sew f'Għawdex.

### *Il-Fawna*

Il-fawna ta' Għawdex, minbarra ftit speċi ta' mammiferi u rettili, u numru mhux ħażin ta' għasafar, tikkonsisti l-iżjed f'invertebrati (annimali mingħajr sinsla tad-dahar). Fost dawn l-iżjed li huma komuni huma l-insetti, l-araknidi u l-molluski. Fost l-annimali bis-sinsla tad-dahar (il-vertebrati), l-aktar komuni huma l-għasafar. Dawn ikunu evidenti l-iżjed matul ix-xhur tal-passa fir-rebbiegħa, meta jkunu telgħin biex ibejtu fl-Ewropa, u fil-ħarifa meta jinżlu lejn l-Afrika fejn iqattgħu x-xitwa. Madwar 15 il-speċi jbejtu f'Għawdex kull sena.

L-iżjed mammiferu interessanti hu l-**Bugeddum ta' Għawdex**, li qisu ġurdien żgħir, imma m'għandu x'jaqsam xejn mal-ġrieden. Jiekol biss insetti u annimali oħra żgħar ħafna. Dan jinstab biss f'Għawdex u Sqallija u l-popolazzjoni li tinstab hawn hi ta' sottospeċi endemika, bl-isem xjentifiku - *Crocidura sicula calypso*.

Wieħed mill-iżjed insetti interessanti li nsibu hu l-**Grillu tar-Ramel**. Dan f'Għawdex jinstab biss fl-għaram tar-ramel fir-**Ramla**; rari ħafna, anke f'Malta, u jgħix f'ħofor żgħar li jħaffer fir-ramel.

### *Siti ta' Importanza Ekoloġika*

Id-**Dwejra** hija waħda mis-siti importanti fl-ekoloġija ta' Għawdex. Hija meqjusa bħala kumpless ġeoloġiku fejn jinstabu diversi forom ġeoloġiċi bħal sisien, qsim fil-blat, għerien, żriežaq tal-blat b'wiċċ lixx vertikali, strutturi ta' sfrundar naturali, kif ukoll materjal depożitat fil-perjodu kwaternarju. Insibu wkoll il-**Qattara**, għadira ta' ilma ħelu s-sena kollha; it-**Tieqa**, struttura ġeoloġika spettakolari; u anke l-**Ġebla tal-Ġeneral,** blata massiva li hija fdal ta' struttura ta' sfrundar enormi fil-blat. Minbarra l-**Għerq is-Sinjur** u pjanti oħrajn, fuq din il-blata kbira tgħammar sottospeċi endemika (*generalensis*) tal-**Gremxula ta' Malta** u minħabba l-varjetà ta' flora u fawna li jinstabu fuqha din il-gżira hija legalment riżerva naturali. Fil-**Qawra**, fejn l-ilma baħar jidħol minn toqba kbira fil-blat u jifforma bajja



*Il-Ġebla tal-Ġeneral - Riżerva naturali*

ċagħkija, forma ta' għadira kważi mħaddna b'sisien għoljin, hija wkoll parti minn dan il-kumpless ġeoloġiku li joffri pajsaġġ drammatiku. Id-**Dwejra** hija wkoll importanti mill-lat ornitoloġiku. Fl-inħawi jinstabu jbejtu numru ta' għasafar fosthom iċ-**Ċiefa**, il-**Bufula Ħamra** u d-**Durrajsa**.

Ix-xagħri f'**Ta' Ċenċ**, flimkien ma' **Wied Sabbara** u s-sisien għoljin tal-blat tal-qawwi, qishom swar naturali, jiffurmaw sit ieħor ta' importanza ekoloġika. Il-post huwa magħruf għan-numru kbir ta' speċi ta' flora li jikbru fih, fosthom diversi speċi ta' **Orkidi** u **Tengħud**, **Ħalib it-Tajr**, **Narċis**, **Berwieq**, **Għansar**, **Beżżulet il-Baqra**, **Fejġel**, **Sagħtar** u ħafna oħrajn, li flimkien jiffurmaw ġnien xagħri estensiv, partikolarment fir-rebbiegħa. Dan is-sit hu magħruf ukoll bħala post ta' importanza internazzjonali għall-għasafar minħabba kolonja kbira taċ-**Ċief** li jbejjet hemm. Il-**Garnija**, il-**Merill**, u l-**Bilbla** huma wkoll fost l-għasafar li jbejtu fl-inħawi f'**Ta' Ċenċ**. F'dawn l-aħħar snin il-**Kanġu ta' Filfla** li kien maħsub li fil-Gżejjer Maltin ibejjet biss fuq Filfla, instab ibejjet f'wieħed mill-għerien numerużi li hemm fil-blat. F'dan il-kumpless b'diversi tipi ta' ħabitat jinstabu wkoll niċeċ żgħar ekoloġiċi bħalma huma l-għadajjar ta' l-ilma tax-xita qalb il-blat, li biċċa l-kbira minnhom ma jinxfux qabel is-sajf. Fihom jgħixu krustaċi żgħar bħall- **Gamblu ta' l-Għadajjar** u **ż-Żagħrun ta' l-Għadajjar**. Dawn il-ħlejjaq ibidu l-bajd u meta l-għadajjar jinxfu kapaċi jifilħu s-sħana u l-qilla tax-xemx fis-sajf, biex hekk ftit wara l-ewwel xita jfaqqsu u jerġa' jibda ċiklu ieħor fil-ħajja tagħhom.

Il-widien ta' **Mġarr ix-Xini**, tal-**Lunzjata** u tax-**Xlendi** huma l-iżjed widien li fihom wieħed jiltaqa' ma diversità ta' speċi ta' flora u fawna. Fil-**Wied tal-Lunzjata** fejn jinstab l-ilma ġieri, is-sena kollha jgħix il-**Qabru**, granċ ta' l-ilma ħelu, kif ukoll numru ta' invertebrati li jgħixu fl-ilma. Fost dawn hemm is-**Sangisug Iswed**, rari ħafna, u fil-gżejjer Maltin jinstab hemm biss. **Is-Sebuqa Selvaġġa**, pjanta rari tikber fi ftit irqajja' fil-wied, filwaqt li l-**Fjurdulis Sqalli**, pjanta rari oħra, li tinstab biss f'Malta u Sqallija, tikber fil-ġnub tal-wied tax-**Xlendi**. Barra minn dan, il-wied kollu li jibda mill-**Lunzjata** u jisbokka fix-**Xlendi** huwa wieħed li jiġbed lejh numru kbir ta' speċi t'għasafar partikolarment fir-rebbiegħa u fil-ħarifa, meta ħafna **Ħuttaf**, **Ħawwief** u **Zizka** jinżlu għar-rqad fi qtajja' kbar

M'hemmx dubju li l-iktar xagħri sinjur fil-Gżejjer Maltin huwa x-xagħri estensiv f'**Tal-Magun**, fin-Nadur, medda kbira ta' blat kemxejn għolja, bil-wied ta' **Daħlet Qorrot** fuq naħa u **Wied ir-Riħan** fuq l-oħra. Hawnhekk il-veġetazzjoni tax-xagħri żviluppat f'kisja kbira ta' arbuxelli kbar u żgħar ta' ħafna speċi, iddominati miċ-**Ċistu Abjad**, mill-**Erika**, mit-**Tengħud tas-Siġra** u miż-**Żebbuġija**. Iż-żewġ varjetajiet tal-**Bellus**, fjurdulis isfar u fjurdulis vjola, jikbru fi rqajja' qrib xulxin f'dan ix-xagħri.

***L-Indħil tal-Bniedem***

Minn meta l-bniedem rifes fuq il-Gżejjer Maltin, madwar 7,000 sena ilu, Għawdex ra tibdiliet kbar. Il-bniedem beda jaħdem l-art biex imantni lilu nnifsu u maż-żmien biddel il-pajsaġġ. Tarraġ l-għelieqi ma' l-għoljiet u rifidhom b'kilometri ta' ħitan tas-sejjieħ. Dan l-iżvilupp, flimkien mal-widien naturali, nixxiegħat, sisien, u xatt imnaqqax matul il-milja taż-żmien, ħoloq ambjent naturali li jagħtı dehra ħelwa lıl dın ıl-gżıra, mogħnija b'ħajja naturali mill-isbaħ. Iżda f'dawn l-aħħar ħamsin sena, minħabba stil ġdid ta' ħajja mgħaġġla u żvilupp qawwi, l-effetti negattivi ta' l-attività tal-bniedem bdew jinħassu ġmielhom.

Ħafna mir-raba' bagħli fl-għelieqi mtarrġa tal-għoljiet, fejn il-bidwi kien ikabbar l-għalf għall-bhejjem, jinsab mitluq. Ħitan tas-sejjieħ sfaw żdingati u ħafna ħamrija tinġarr u tintilef ma' kull ħalba xita. M'hemmx dubju li ċertu żvilupp mingħajr ħsieb u dehen, kif ukoll bini ta' toroq matul is-sodda tal-widien, qerdu ħafna mis-sbuħija naturali ta' Għawdex. L-iżvilupp qawwi rriżulta f'ħafna barrieri li ġerrħu parti kbira mill-kampanja, u sfortunatament għadna ma ħadniex l-inizjattiva li nibdew nirristawrawhom bis-sens u bl-għaqal.

Hawn attivitajiet oħrajn li qed iħassru l-wirt naturali. It-tfigħ illegali ta' skart, l-'*off-roading*' fil-widien u mal-għoljiet, msaġar b'siġar barranin u b'torrijiet tal-kaċċa għoljin mas-smewwiet, imnasab mibnija bl-addoċċ f'raba jew xagħri, u l-ħruq tal-kampanja fis-sajf, ilkoll qegħdin jiddegradaw il-ħlewwa tal-kampanja t'Għawdex. Aħna li ngħixu hawn ġejna fdati b'wirt naturali, u jeħtieġ li nifhmu li għandna responsabbiltà li nieħdu ħsieb dan il-wirt għall-ġenerazzjonijiet tal-futur.



*Ta' Ċenċ - Sit ta' importanza naturali*

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Rakela Camilleri

## (1889-1977) (1)

Rakela Camilleri twieldet in-Nadur, Għawdex fid-29 ta' Ottubru 1889. Il-ġenituri tagħha kien jisimhom Franġisk Camilleri u Marija nee' Meilaq.

Trabbiet f'ambjent mill-aktar reliġjuż. Kienet tirrakkonta li kellhom ziju saċerdot li kien jgħallimhom ħafna fuq Alla u kif għandhom iħobbuh fuq kollox u fuq kulħadd. Kienu seba' aħwa. Fosthom insibu li minnhom tnejn kienu saċerdoti (Dun Anton li laħaq Arċipriet tan-Nadur u Dun Karm li kien id-Dekan), u soru Sr. Ġiacinta li kienet mal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Meta nsemmu l-familjari tagħha ma nistgħux ma ngħidux kemm għenuha sabiex l-appostolat mużewmin tagħha jħalli l-frott.

F'żogħżitha ddeċidiet li tingħata kollha kemm hija għal Alla. Billi kienet studenta mas-Sorijiet ta' St.Joseph f'Tas-Sliema, marret biex tibda n-novizzjat magħhom f'Marsilja. Iżda ħasset li Alla kien qiegħed isejħilha biex taqdih xorta oħra. Flok soru Alla ried li tkun strument f'idejn Alla, biex ixxettel is-sezzjoni femminili tal-Museum ġewwa Għawdex.

Rakela ma kinitx taf li San Ġorġ Preca kien qiegħed jiftaħ il-Mużewijiet. Darba marret Malta ma' Pawla Grech li kienet ukoll tħobb tgħallem id-duttrina fir-raħal tan-Nadur. Hemmhekk iltaqgħu ma' Soċja tal-Museum li kellmithom fuq l-appostolat ta' Dun Ġorġ u tathom il-parir biex imorru jkellmuh biex jurihom aħjar x'għandhom jagħmlu.

San Ġorġ Preca riedhom li jiftħu Museum fir-raħal tan-Nadur. Lil Pawla Grech ħatarha l-ewwel Superjura u lil Rakela Superjura Djoċesana ta' Għawdex jiġifieri ta' dawk il-Mużewijiet li kellhom jinfetħu 'l quddiem. F'dan is-sens Dun Ġorġ f'xi wħud mill-ittri li kiteb lil Rakela sejħilha Superjura Ġenerali.

Kienet tikkomunika ma' San Ġorġ Preca billi tivvjaġġa lejn Malta, kif ukoll meta jiġi Għawdex kien jgħaddi l-lejl għandhom. Iżda kienet tikkomunika l-aktar permezz ta' l-ittri li għall-grazzja ta' Alla għadhom ikkonservati. Dawn l-ittri jagħtuna stampa ċara ta' kif Dun Ġorġ kien iħares lejn il-ħajja mużewmina. F'dawn l-ittri, Rakele kienet titlob parir lil San Ġorġ Preca, kif ukoll direttivi interessanti għall-Oqsma Għawdxin. Infatti fil-festa ta' dan il-qaddis, fil-Liturġija tas-Sigħat, naqraw ittra milli bagħat lil Rakela Camilleri.

Minħabba li Pawla Grech ma setgħetx tkompli tattendi b'mod regolari, Rakela ġiet maħtura wkoll it-tieni Superjura tal-Museum tan-Nadur. Hija daħlet għal din il-biċċa xogħol b'ruħha u ġisimha għax għarfet li t-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid. Hija għallmet lit-tfal, lit-tfajliet kif ukoll lill-ommijiet. Kienet tlaqqa' lil dawn l-ommijiet fis-2.30.pm. Fehmet kemm l-omm għandha rwol importanti fil-familja. Dan kien ifisser għal Rakela sagrifiċċji tal-ħin tal-mistrieħ u tal-flus.

Fl-aħħar marda tagħha Rakela kienet batuta. Iżda qatt ma kienet tgerger u aċċettat it-tbatijiet tagħha b'rassenjazzjoni mill-aktar kbira għas-saltna ta' Alla.

Hija mietet fis-27 ta' Ġunju 1977 fl-4.30 am fid-dar tagħha fin-Nadur fl-età ta' 87 sena. Bħala apprezzament ta' dak kollu li għamlet Rakela, issemmiet triq għaliha jiġifieri "Triq Rakela Camilleri" proprju fejn kienet toqgħod.

*Angelo Xuereb*


GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR JEW ĦITAN BIL-MOFFA?

TKOMPLIX TONFOQ FLUS F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!

...ĦALLI F'IDEJN

GREZZJU BONELLO

Jiġi jagħtik stima b'xejn

"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102



BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

*IBŻA' GĦAL SAĦĦTEK*

# Il-Ħsara mit-Televixin



*minn* **DR. MARIO SALIBA**

Kulħadd jaf li ħafna sigħat quddiem it-televixin huma ta' dannu għal saħħitna. Iżda llum nafu fiċ-ċert xi ħsara qed jagħmel it-televixin żejjed speċjalment lit-tfal. Skond rapport li deher dan l-aħħar fil-gazzetti ingliżi sar magħruf li ħafna sigħat quddiem it-televixin qegħdin jikkawżaw ħsara kemm fiżika kif ukoll psikoloġika lit-tfal.

Ir-rapport kitbu Dr Aric Sigman li huwa psikologu li għamel analiżi ta' 35 studju xjentifiku differenti li jitrattaw l-effett tat-televixin fuq in-nies. Huwa identifika 15-il effett negattiv li jistgħu jirriżultaw meta dak li jkun jara ħafna televixin.

Huwa saħansitra sab li hemm evidenza xjentifika li turi li hemm relazzjoni bejn ċertu mard serju bħal kanċer, *autism* fit-tfal u *Alzheimer* u n-numru ta' sigħat li jqattgħu quddiem it-televixin.

Effett ieħor negattiv li jirriżulta minn numru żejda ta' sigħat quddiem it-televixin hija l-ħxuna. Nies u anke tfal li joqogħdu jaraw ħafna t-televixin jispiċċaw ma jagħmlux eżerċizzju fiżiku u jeħxienu. Iżda l-istudji li għandna llum



juri li mhux il-ħxuna biss hija l-problema imma mard ieħor relatat magħha bħal diabete, nuqqas ta' vista u mard kroniku tal-moħħ.

Il-ħsara li ssir hija relatata man-numru ta' sigħat li nqattgħu quddiem is-sett tat-televixin. Għal ħafna nies in-numru ta' sigħat quddiem it-televixin huwa iktar minn kull attività oħra barra forsi l-irqad u xogħol jew skola. Skond stħarriġ li sar, kull bniedem sakemm ikollu 75 sena, ikun qatta' 12-il sena jara t-televixin.

Xi uħud jiġġustifikaw in-numru ta' sigħat li jagħmlu quddiem it-televixin billi jaraw programmi edukattivi bħal ngħidu aħna dokumentarji. Jekk dan isir b'mod raġonevoli u mhux ta' kuljum, huwa tajjeb iżda jekk dan isir għal ħin twil u ta' kuljum allura l-effett negattiv huwa l-istess. Dan għaliex l-effetti negattivi huma relatati mal-midjum mhux mit-tip ta' programmi li wieħed ikun jara. Skond dawn l-istudji tfal ta' sitt snin ikunu ġa qattgħu sena jaraw it-televixin. Jekk imbagħad inżidu l-kompjuter insibu li tfal ta' 11 sa 15-il sena jkunu ġa qattgħu 55% mill-ħin li jagħmlu mqajmin jaraw it-televixin jew quddiem il-kompjuter.

Effett ieħor negattiv li qed jidher huwa n-nuqqas ta' qari li t-tfal qed jagħmlu ta' kotba. Dan mhux minħabba l-ħin li t-televixin qed jieħu imma minħabba li t-tfal qed idarru lil moħħhom ikun kuntent b'immaġini viżiva milli jaqraw il-kliem minn fuq ktieb. Dan minbarra l-effetti l-oħrajn tat-teknoloġija tallum bħalma huma effetti speċjali tal-ħsejjes u effetti oħra diġitali.

Id-dwal qawwija li joħorġu mit-televixin jaffettwaw ukoll ċerti ormoni li jipproduċi l-moħħ bħalma huma l-*melatonin*. Dan l-ormonu għandu x'jaqsam mas-sistema tal-moħħ li tirregola l-irqad. Illum nafu li dan l-ormonu għandu effett ukoll fuq il-proċess tal-pubertà fit-tfal. Sigħat twal quddiem it-televixin jew kompjuter jistgħu jnaqqsu l-produzzjoni tal-*melotonin* bil-konsegwenza li t-tfal jistgħu jesperjenzaw adolexxenza qabel iż-żmien.

Sigħat twal quddiem it-televixin qed jikkawżaw problemi ta' memorja f'nies adulti tant li l-mard tal-Alzheimer jew



dimenzja qed tiżdied. It-televixin huwa wieħed mill-fatturi li jista' jikkawża din il-ħaġa.

Tant qed issir ħsara mit-televixin li xi psikoloġi qegħdin jissuġġerrixxu biex lil tfal taħt l-erba' snin ma jitħallewx jaraw televixin. Dan il-parir huwa xi ħaġa drastika fejn nafu li ċerti ommijiet jitfgħu lit-tfal żgħar tagħhom quddiem it-televixin biex joqogħdu kwieti u huma jkunu jistgħu jagħmlu l-faċendi jew affarijiet oħra. Dawn il-psikoloġi jgħidu li meta omm tagħmel hekk tkun qiegħda twarrab ir-responsabbiltà li għandha li toqgħod mat-tfal f'età fejn il-preżenza tagħha hija importanti ħafna u kruċjali għall-iżvilupp mentali tat-tarbija. Din hija ħaġa serja li tista' tħalli konsegwenzi koroh iktar 'l quddiem.

Minn naħa l-oħra ċertu ħin quddiem it-televixin huwa mod ta' edukazzjoni jekk ikun raġonevoli u jsir l-aħjar fil-preżenza ta' xi wieħed mill-ġenituri biex it-tfal ikunu jistgħu jirreaġixxu għal dak li jkunu jaraw mal-ġenituri u hekk ikunu jitgħallmu iktar. It-televixin hekk isir parti mill-proċess ta' edukazzjoni fid-dar u mhux mezz ta' skartar minn naħa tal-ġenituri u ħin moħli mit-tfal. It-televixin mhux is-sostitut ta' *child minder* jew tal-ġenituri stess. Li tispjega dak li t-tfal ikunu jaraw quddiem fit-televixin hija parti mill-*parental skills*.

Bla dubju t-televixin huwa invenzjoni meraviljuża imma irridu nużawha tajjeb u bil-qies għall-ġid tagħna u ta' uliedna.



**MIX-XENA SPORTIVA**

*minn* **Joe Bajada**



# *Skola ta' l-Għawm tal-Otters ASC bil-kollaborazzjoni tal-KMS*



Matul ix-xhur tas-sajf sar il-ftuħ uffiċjali ta' l-iSkola tal-Għawm immexxija mill-*Otters Aquatic Sports Club* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-iSport. It-taħriġ kien taħt il-ħarsien tal-*coach* Maċedonjan Saso Hristovski bl-għajnuna tal-assistenti tiegħu l-Ungeriż Tibor Simon, Mark Vella u Daniel Calleja.

Fid-diskors tal-okkażjoni li sar fl-inawgurazzjoni, l-President ta' Otters, in-Nutar Enzo Dimech qal bl-importanza kbira li titwaqqaf din l-iskola bl-iskop ewlieni li huma jħajru iktar tfal u żgħażagħ jipprattikaw l-għawm biex b'hekk huma jkunu qed jissalvagwardjaw il-futur tal-istess sport tal-għawm u anke il-*waterpolo* f'Għawdex. Biex din l-iSkola setgħet titwaqqaf, Dr Dimech semma l-għajnuna siewja li huma ħadu mingħand il-Kunsill Malti għall-iSport li mal-ewwel fehmu l-importanza ta' kollaborazzjoni biex b'hekk sport ieħor partikolari f'Għawdex ikun jista' jkompli għaddej bil-programm u l-ħidma tiegħu. Huwa rringrazzja b'mod partikolari lil Joe Cassar u Joe Bajada, CEO u Kordinatur għal Għawdex tal-KMS rispettivament tal-appoġġ kollu tagħhom. Huwa radd ħajr ukoll lill-*coaches* kollha li qed imexxu din l-iSkola.

Minn naħa tiegħu, s-Sur Joe Cassar tenna li huwa ta' sodisfazzjon għall-KMS li jgħinu fi strateġija tant importanti li fuqha qed jaħdmu *Otters ASC* bl-iskop li jħarsu l-futur tal-għawm u l-*waterpolo* f'Għawdex. Huwa awgura kull suċċess lil din l-iskola u jemmen li dan kien l-ewwel pass bejn iż-żewġ entitajiet li jkomplu jikkollaboraw flimkien b'risq dan l-isport partikolari. Huwa appella lit-tfal kollha biex jieħdu dan it-taħriġ bl-ikbar serjetà u stedinhom biex fi tmiem il-kors li ħadu, huma jipparteċipaw f'*meeting* tal-għawm mat-tfal Maltin li ħadu kors simili organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport.

Matul il-kors tas-sajf, *Otters* reġgħu ltaqgħu ma' problema li issa sfortunatament saret wisq komuni fil-bajjiet tagħna, dik tal-preżenza fil-baħar tal-bram. Għal daqstant id-diriġenti tal-klabb jisħqu bis-sħiħ fuq l-urġenża li tinbena *Swimming Pool* f Għawdex. *Otters ASC* li twaqqfu fl-1971 u mill-1981 'l hawn dan il-klabb dejjem ħa sehem f' kompetizzjonijiet nazzjonali organizzati mill-*Aquatic Swimming Association* ta' Malta. Din hija parteċipazzjoni rekord ta' għaqda sportiva Għawdxija. L-*Otters ASC* huwa l-uniku klabb għawdxi tal-*waterpolo* u l-għawm. Il-Klabb iħoss li wasal iż-żmien li f'Għawdex ikun hawn faċilità għall-għawm is-sena kollha. Din il-faċilità ilha fuq il-programm elettorali tal-Gvern sa mill-1981 iżda sfortunatament il-wegħda għadha ma twettqitx. Il-bini ta' *Swimming Pool* ikun t'għajnuna, u fuq kollox inkoraġġiment, għall-atleti għawdxin li jridu jikkompetu m'atleti maltin li ilhom igawdu minn tali faċilità għal dawn l-aħħar erbatax-il sena. Jixraq li l-Għawdxin kbar u żgħar, b'saħħithom jew bi bżonnijiet speċjali, igawdu l-istess opportunitajiet bħall-Maltin. Barra minn hekk dan in-nuqqas ifisser ukoll li l-*waterpolo* u l-għawm f'Għawdex huma limitati għax-xhur tas-sajf biss.

Il-problema ta' infestazzjoni tal-bram li ħakmet lil xtutna f'dawn l-aħħar tliet snin, fixklet bil-kbir it-tħejjijiet tal-Klabb għall-istaġun. Il-kompetizzjonijiet skond l-età jintlagħbu fuq bażi ta' *home and away* u mhux l-ewwel darba li kellhom jiġu mħassra jew jintlagħbu f'Malta minħabba l-bram. Is-sitwazzjoni tant aggravat li, ironikament, l-Iskola ta' l-Għawm li l-Klabb jorganizza għat-tfal taħt ħdax-il sena spiss serviet biex tgerrex lit-tfal mill-baħar iktar milli biex tħajjarhom jaqbdu l-għawm bħala sport. Dan meta nafu li f'pajjiżna għandna problema ta' piż żejjed u l-għawm huwa wieħed mill-aqwa tipi t'eżerċizzju fiżiku. L-unika triq hija li nipprovdu faċilitajiet xierqa malajr kemm jista' jkun.

F'Marzu 2007, l-*Otters ASC* ressqu proposta quddiem il-MEPA biex iħaffru *pool* ta' l-ilma baħar ħdejn il-Klabb tagħhom f'Marsalforn. Għalkemm il-finanzi huma limitati ħafna, l-*Otters ASC* huwa determinat li jmexxi dan il-proġett, ukoll jekk jiffinanzjah huwa stess. Jekk ma jsirx dan l-għawm bħala sport f'Għawdex għandu tassew ħajja qasira. Din il-*pool* ta' l-ilma baħar mhix intiża biex tissostitwixxi faċilità ta' l-ilma ħelu, iżda tkun għajnuna oħra waqt ix-xhur sajfin u tiggarantixxi li l-atleti tfal u żgħażagħ jgħumu u jittrenjaw mingħajr periklu.

Meta tkellimna ma' uffiċjali ta' dan il-klabb huma xtaqu jappellaw lill-awtoritajiet konċernati biex japprovaw dan il-proġett mill-aktar fis ħalli jkun jista' jibda jintuża fis-Sajf 2008.

# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*

## 4. Għoljiet Għawdxin





Kulmin xi darba 'l Għawdex żar
żgur li laqtuh l-għoljiet ċkejknin
bl-egħlieqi ħodor sa fuq nett
u qċaċet ċatti, hekk ħelwin.

Għandna n-Nuffara lejn il-lvant
jew ta' l-Ibraġ tinsab nofs triq,
daqsxejn 'il bogħod lil ta' Gelmus
li fuqha titla' bħal tixtieq.





Għandna 'l t'Għar Ilma, u 'l t'Għammar,
'il ta' Kuljat, ħdejha l-Ħarrax,
ta' Dbieġi l-ogħla u kollha xewk
biex fuqha ħafi ma titlax.

U tad-Dabrani qiegħda 'l bogħod,
issa ż-Żebbuġ fil-qrib setgħan,
imbagħad naraw lejn il-punent
il-għolja kbira ta' Ġurdan.





Tal-Veċċa mħaxkna maż-Żebbuġ,
ta' Kanċla...hawn taħt il-Ġurdan,
u Wied il-Mielaħ fond u twil
jintemm fit-tarf f'baħar kaħlan.

Ah! X'għolja din! Hawn ta' Ġurdan!
Widien bl-egħlieqi kullimkien,
madwari seħer, hena u ġmiel
li minnhom qatt ma nixba' jien.

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit

## RELIĠJON U FOLKLOR FUQ L-GĦOLJIET TAGĦNA



Il-Via Sagra fuq l-Gholja ta' Ghammar



Murtal tal-kulur ma' l-Gholja tas-Salvatur

# WIN with APS bank Internet Banking

365 online

WIN*...



3 Notebooks

3 Tours

Flyaway Tours

6 ipods



6 Internet Connections

Lite

5 pdas



*Conditions apply

## APS Bank Internet Banking

APS Bank will soon be launching its own ***365 online*** Internet Banking service.

Prospective subscribers are encouraged to **register** at the Bank's Branches in Malta and Gozo or by calling the Bank's Customer Support Centre on 2122 6644

Whoever registers and subscribes to **365 online** between now and the 31st December 2007 will automatically participate in a **Grand Lottery** (DPL No.58/07).

**ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO**

**Tel: 2122 6644** **www.apsbank.com.mt**

APS bank

*THE BANK YOU WANT US TO BE*

*APS Bank Ltd is licensed by the Malta Financial Services Authority*